# EUROJUST

## Rapport Annwali 2015



Criminal justice across borders

Eurojust supports national authorities in the efficient coordination of investigations and prosecutions of serious and organised cross-border crime

© Eurojust, 2016

Din il-pubblikazzjoni tkopri l-perjodu 1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015

Catalogue number: QP-AA-16-001-MT-N

ISBN: 978-92-9490-036-4
ISSN: 2443-6585
DOI: 10.2812/7646

*Għal mistoqsijiet:*

Telefown: + 31 70 412 5000
E-mail: info@eurojust.europa.eu
Sit elettroniku: www.eurojust.europa.eu

# Rapport Annwali 2015

Ir-Rapport Annwali tal-Eurojust 2015 ġie tradott [daħħal il-verżjoni tal-lingwa hawn] mill-verżjoni oriġinali bl-Ingliż
It-traduzioni ghall-Malti tar-Rapport Annwalli 2015 mhuwiex approvat mill-Membru Nazzjonali ta' Malta jew mid-Desk Nazzjonali ta' Malta fl-Eurojust

# Werrej









Daħla ... 7

Sommarju Eżekuttiv ... 9

Il-Eurojust f'daqqa t'għajn ... 13

**1. L-Għodda tal-Eurojust**

1.1 Laqgħat ta' koordinazzjoni tal-Eurojust ... 15
1.2 Ċentri ta' koordinazzjoni tal-Eurojust ... 16
1.3 Is-Sistema ta' Mmaniġġjar tal-Każijiet tal-Eurojust ... 17
1.4 Il-Eurojust u t-Teams Konġunti ta' Investigazzjoni (JITs) ... 18

Kronoloġija: avvenimenti li seħħew matul is-sena ... 24

**2. Il-Każijiet ta' Eurojust**

2.1 Il-Każijiet tal-Eurojust marbuta ma' oqsma prijoritarji ta' kriminalità ... 27

*2.1.1 It-Terroriżmu ... 28*
*2.1.2 Iċ-Ċiberkriminalità (Kriminalità fuq l-Internet) ... 32*
*2.1.3 It-traffikar illegali tal-immigranti ... 34*
*2.1.4 THB (It-Traffikar tal-Bnedmin) ... 35*
*2.1.5 Il-Frodi ... 37*
*2.1.6 Il-Korruzzjoni ... 39*
*2.1.7 It-Traffikar tad-Droga ... 40*
*2.1.8 Kriminalità Organizzata tal-Proprjetà mwettqa minn MOCGs (Gruppi Kriminali Organizzati Mobbli) ... 42*

2.2 L-għajnuna tal-Eurojust f'oqsma oħra ta' attività kriminali ... 44

*2.2.1 Il-Ħasil tal-flus ... 44*
*2.2.2 Krimini kontra l-PIF (Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji) ... 44*
*2.2.3 Piraterija marittima ... 44*
*2.2.4 Kriminalità ambjentali ... 45*
*2.2.5 Il-Protezzjoni tat-tfal ... 45*

2.3 L-imsieħba tal-Eurojust ... 46

*2.3.1 Il-Kooperazzjoni mal-Europol ... 46*
*2.3.2 Il-Kooperazzjoni mal-OLAF ... 46*
*2.3.3 Kooperazzjoni ma' Stati terzi ... 47*

Operazzjoni Vertigo: ħarsa mill-qrib ... 54

**3. Sfidi u l-aħjar prattika**

3.1 Konflitti ta' ġurisdizzjoni ... 57
3.2 Iż-żamma tad-dejta ... 59
3.3 Kunsinni kkontrollati ... 60

Fokus tas-sena: L-iffriżar, il-konfiska u l-irkupru tal-assi ... 62

**4. It-Tmexxija tal-Eurojust**

4.1 Appoġġ lil ħidma operazzjonali u strateġika ... 67
4.2 L-istaff u l-budget ... 69
4.3 Komunikazzjoni esterna ... 69
4.4 Bini ġdid ... 70










## 5. Il-Eurojust u n-networks ta' prattikanti


5.1 In-Network Ġudizzjarju Ewropew .............. 73

5.2 In-Network tal-Esperti ta' Teams Konġunti ta' Investigazzjoni (JITs) ............. 73

5.3 In-Network dwar il-Ġenoċidji ............ 75

5.4 Forum Konsultattiv ............ 75

Tema: Evalwazzjoni u perspettivi għall-futur ............ 78

Segwitu għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill ............ 81


# Tabelli u figuri


Eurojust fights serious, cross-border organised crime ............ 4
Ħidma fuq il-Każijiet 2002 – 2015 ............ 10
Każijiet bilaterali/multilaterali 2011 – 2015 ............ 10
Każijiet bilaterali/multilaterali għal kull Stat Membru ............ 11
Stati Membri li jagħmlu/issirilhom talba ............ 11
Eurojust at work in 2015 ............ 12
Laqgħat ta' koordinazzjoni ............ 15
Stati terzi, imsieħba ta' kooperazzjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali involuti f'laqgħat ta' koordinazzjoni .... 16
Ċentri ta' koordinazzjoni ............ 17
28 Eurojust National Coordination Systems ............ 18
JITs appoġġjati mill-Eurojust, li jinkludu t-tipi ta' reati ewlenin ............ 19
Il-finanzjament ta' JITs mill-Eurojust, Diċembru 2009 - Diċembru 2015 ............ 21
Eurojust and joint investigation teams ............ 22
Tipi ta' reati prijoritarji tal-Eurojust ............ 28
L-involviment ta' Stati terzi, imsieħba ta' kooperazzjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali f'każijiet fil-ħidma tal-Eurojust ............ 48
Eurojust cooperation with third States ............ 49
Tipi ta' reati ewlenin f'każijiet li jinvolvu Stati terzi ............ 51
L-aktar għaxar Stati terzi b'każijiet fil-ħidma tal-Eurojust ............ 52
Każijiet mill-Prosekuturi ta' Kollegament 2011 - 2015 ............ 53
Każijiet ta' Mandat ta' Arrest Ewropew (EAW) ............ 61
Eurojust organigram ............ 67
Funding joint investigation teams ............ 74
Artikolu 13 - Każijiet ............ 79

# Eurojust fights serious, cross-border organised crime

Early involvement of Eurojust facilitates the coordination of investigations and prosecutions. Eurojust enables effective and efficient cooperation between Member States' competent national authorities in bringing criminals to justice.




**Eurojust supports EU Member States by:**

- Coordinating cross-border investigations and prosecutions; assisting with conflicts of jurisdiction and gathering of evidence
- Facilitating execution of EU legal instruments, such as the European Arrest Warrant (EAW), confiscation and freezing orders, setting up joint investigation teams (JITs), and more



# Akronomi u abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| CBRN-E | (Chemical, biological, radiological, nuclear substances and explosives) Sustanzi kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi, nukleari u esplożivi |
| CJEU | (Court of Justice of the European Union) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea |
| CMS | (Case Management System) Is-Sistema ta' Mmaniġġjar tal-Każijiet |
| COSI | (Council Standing Committee on Internal Security) Il-Kumitat għas-Sigurtà Interna tal-Kunsill |
| EAW | (European Arrest Warrant) Mandat ta' Arrest Ewropew |
| EIO | (European Investigation Order) Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea |
| EJN | (European Judicial Network) In-Network Ġudizzjarju Ewropew |
| EJTN | (European Judicial Training Network) In-Network Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju |
| ENCS | (Eurojust National Coordination System) Is-Sistema ta' Koordinazzjoni Nazzjonali ta' Eurojust |
| EMPACT | (European Multidisciplinary Platform against Criminal Threats) Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea kontra t-Theddid Kriminali |
| EPPO | (European Public Prosecutor's Office) L-Uffiċċju Ewropew tal-Prosekutur Pubbliku |
| FTF | (Foreign terrorist fighters) Ġellieda Terroristi Barranin |
| JIT | (Joint investigation team) Team konġunt ta' investigazzjoni |
| JSB | (Joint Supervisory Body) Korp Konġunt ta' Sorveljanza |
| LoR | (Letter of Request) Ittra Rogatorja |
| MLA | (Mutual legal assistance) Assistenza legali reċiproka |
| MOCG | (Mobile organised crime group) Gruppi kriminali organizzati mobbli |
| MPJM | (Maritime Piracy Judicial Monitor) Monitoraġġ Ġudizzjarju tal-Piraterija Marittima |
| MTIC | (Missing Trader Intra-Community) IntraKomunità b'Negozjant Nieqes |
| NCBC | (Non-conviction-based confiscation) Konfiska mhux ibbażata fuq kundanna |
| NPS | (New Psychoactive Substances) Sustanzi Psikoattivi Ġodda |
| OAP | (Operational Action Plan) Pjan ta' Azzjoni Operattiva |
| OCC | (On-Call Coordination) Koordinazzjoni Permanenti (On-call) |
| OCG | (Organised crime group) Grupp ta' kriminalità organizzata |
| OPC | (Organised property crime) Kriminalità organizzata tal-propjetà |
| PIF | (Protection of the financial interests of the European Union) Il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea |
| SOCTA | (Serious Organised Crime Threat Assessment) Evalwazzjoni tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata |
| TCM | (Terrorism Convictions Monitor) Monitoraġġ ta' Kundanni dwar it-Terroriżmu |
| TE-SAT | (Terrorism Situation and Trend Report) Rapport tas-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu |
| TFEU | (Treaty on the Functioning of the European Union) Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| THB | (Trafficking in human beings) Traffikar ta' bnedmin |
| VAT | (Value-added tax) Taxxa fuq il-valur miżjud |

## *Deċiżjoni mill-Kunsill tal-Eurojust*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust tat-28 ta' Frar, 2002, li tistabbilixxi l-Eurojust bil-ħsieb li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja, kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/JHA tas-16 ta' Diċembru, 2008, dwar it-tisħiħ tal-Eurojust, f'dan ir-rapport se ssir referenza għaliha bħala 'Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust'. Il- verżjoni kkonsolidata otad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust ġiet ippreparata mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għal skopijiet ta' informazzjoni biss.

L-istatistika fuq każijiet tal-Eurojust inkluża f'dan ir-rapport ġiet prodotta fuq il-bażi tad-dejta li hemm fis-sistema ta' Mmaniġġjar tal-Każijiet tal-Eurojust. In-numri ġew estratti fl-14 ta' Jannar, 2016, u jirriflettu d-dejta disponibbli f'dak il-mument. Minħabba n-natura kontinwa tal-każijiet, jista' jkun hemm diskrepanzi possibbli man-numri rappurtati qabel.



Din il-kooperazzjoni effiċjenti u interattiva, flimkien ma' riżultati operazzjonali, trawwem l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u l-bini ta' fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Unjoni Ewropea.

# Daħla

Bi pjaċir qed nippreżentalkom l-14-il Rapport Annwali, li jagħti ħarsa lejn il-ħidma marbuta malkażijiet u l-attivitajiet strateġiċi tal-Eurojust fil-qlieda tagħha kontra l-kriminalità internazzjonali serja kif ukoll fuq l-iżvilupp organizzattiv tal-Eurojust fid-dawl tal-aspettattivi tal-Istati Membri, il-qafas leġiżlattiv li qed jinbidel u restrizzjonijiet tal-budget.

Is-sena 2015 ma kinitx eċċezzjoni. Il-ħidma tal-Eurojust qed tkompli tikber b'aktar każijiet kull sena. L-Istati Membri talbu l-assistenza tal-Eurojust f'2,214-il każ, li jirrappreżenta żieda ta' 23 fil-mija meta mqabbel mal-2014. Dawn l-istatistiċi jikkonfermaw li x-xogħol tal-Eurojust hu meħtieġ, rikonoxxut u apprezzat. L-involviment dejjem jikber ta' Stati terzi fil-ħidma tal-Eurojust għal darb'oħra jixhed li n-natura tal-kriminalità m'għandhiex fruntieri.

Naraw ukoll tendenza notevoli li qed tikber minn dawk li jagħmlu użu mill-laqgħat ta' koordinazzjoni u miċ-ċentri ta' koordinazzjoni tal-Eurojust. Il-kunċett ta' teams konġunti ta' investigazzjoni qed isir aktar familjari fost Stati terzi, u l-involviment dejjem jikber ta' Stati terzi f'dawn it-teams bl-appoġġ tal-Eurojust hu notevoli. Din il-kooperazzjoni effiċjenti u interattiva, flimkien ma' riżultati operazzjonali, trawwem l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u l-bini ta' fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Unjoni Ewropea.

Fuq livell strateġiku, il-Eurojust tosserva l-valur miżjud li għandhom laqgħat tan-network ta' prosekuturi speċjalizzati, bħalma huma l-korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust firrigward ta' kwistjonijiet marbuta ma' terroriżmu u l-punti ta' kuntatt tan-Network tal-Esperti tal-JITs. Iċ-ċiberkriminalità (Kriminalità fuq l-Internet), bħala fenomenu ta' kriminalità li kompliet tevolvi, tippreżenta qasam ieħor fejn inħass il-bżonn ta' network bi prosekuturi speċjalizzati fiċ-ċiberkriminalità. L-iskambju ta' sfidi u prattika tajba, pereżempju dawk dwar ġbir ta' provi u l-konflitti ta' ġurisdizzjoni, twassal għal riżultati tanġibbli: il-ħolqien ta' kooperazzjoni, il-konsolidazzjoni tal-għarfien u konvinzjonijiet solidi.

Bi qbil mal-prijoritajiet stipulati fl-Aġendi Ewropej dwar is-Sigurtà u dwar il-Migrazzjoni u fid-dawl tal-attakki terroristiċi u l-kriżi bla preċedent ta' migrazzjoni, għall-2015 il-Eurojust tista' tirrapporta żieda sinifikanti fit-terroriżmu, fiċ-ċiberkriminalità u każijiet ta' traffikar ta' immigranti illegali. Il-ġlieda kontra fenomeni kriminali u strutturi ta' kriminalità li qed jevolvu teħtieġ approċċ multidixxiplinari u sħubiji b'saħħithom bejn l-Aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u titjib fil-kooperazzjoni ma' Stati terzi. Il-ħatra tal-espert tal-Eurojust fiċ-ċiberkriminalità biex jaħdem aktar mill-qrib mal-EC3, il-ħatra ġdida ta' Maġistrat ta' Kollegament għall-Iżvizzera, u n-network ġudizzjarju ta' punti ta' kuntatt li qed jespandi fi Stati terzi, huma ċertament passi fid-direzzjoni t-tajba.



Gruppi ta' kriminalità organizzata jiffinanzjaw l-eżistenza tagħhom permezz ta' profitti sostanzjali mill-attivitajiet kriminali tagħhom, u l-profitti mill-kriminalità jiġu legalizzati (ħasil ta' flus) u jintefgħu lura mill-ġdid fl-ekonomija legali. Għaldaqstant, miżura effettiva biex tagħmel impatt fuq strutturi kriminali hi dik li l-kriminali jiġu mċaħħda mill-profitti tal-kriminalità. Għalhekk, l-enfasi tal-Eurojust fl-2015 kienet fuq l-iffriżar, il-konfiska u l-irkupru tal-assi, billi ġew spjegati l-isfidi u dik li tista' tkun l-aħjar triq 'il quddiem possibbli permezz tal-armonizzazzjoni tal-liġijiet u l-prattiċi.

Il-Eurojust laqgħet il-konklużjonijiet li ħarġu mill-evalwazzjoni esterna indipendenti tal-Eurojust, li jikkumplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Istati Membri mis-sitt round ta' evalwazzjonijiet reċiproċi. Intuża approċċ proattiv mill-Kulleġġ biex jittejbu s-servizzi, l-istrutturi interni u l-metodi ta' ħidma tal-Eurojust, filwaqt li ġew apprezzati wkoll il-kummenti pożittivi li ġew riċevuti minn dawk l-eżerċizzji ta' evalwazzjoni.

Il-Eurojust qed issegwi b'interess kbir il-proċess leġiżlattiv dwar Regolament tal-Eurojust ġdid u qed tikkontribwixxi fid-dibattitu fuq il-bażi tal-esperjenza tagħna. Naturalment, il-Eurojust osservat ukoll l-iżviluppi li jikkonċernaw lill-imsieħeb tagħna, l-Europol, kif ukoll dawk dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, membru futur ġdid li se jkun jaħdem fl-ambjent tal-UE għal kooperazzjoni fl-oqsma ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi. Aħna għandna fiduċja li fuq bażi tat-twettieq tal-mandati mogħtija mil-leġiżlaturi tal-UE, is-sinerġiji se jinkisbu fil-prattika u se jippermettu lill-Eurojust biex din tisfrutta l-potenzjal tagħha.

Aktar, mhux inqas, hu mistenni mill-Eurojust kull sena. Madankollu, fl-2016, il-limitazzjonijiet tal-budget, għall-ewwel darba, se jibdew ixekklu l-ħidma tal-Eurojust. Madankollu, meta d-defiċits jiġu rimedjati flimkien mal-awtoritajiet tal-budget tal-UE, il-Eurojust se tkun f'pożizzjoni aħjar biex tkun tista' tottimizza l-allokazzjoni tar-riżorsi għall-ħidma operattiva tagħha, tagħmel prijoritajiet li ma joħorġux 'il barra mill-limitazzjonijiet tal-budget, u tikseb il-livelli ta' effiċjenza meħtieġa biex jintlaħqu l-aspettattivi dejjem jikbru tal-partijiet interessati kollha fis-snin li ġejjin.

Personalment, kont onorata li din is-sena erġajt ġejt eletta mill-Kulleġġ bħala President tal-Eurojust. Fil-ħidma tiegħi flimkien mal-ViċiPresidenti u l-kollegi tiegħi tal-Kulleġġ, jiena kunfidenti li l-Eurojust se tkompli tikber bħala ċentru ta' kompetenza fil-qasam legali u ġudizzjarju.

**Michèle CONINSX**

*President tal-Eurojust*

# Sommarju Eżekuttiv

- In-**numru ta' każijiet** li għalihom intalbet l-għajnuna mingħand il-Eurojust żdied bi 23 fil-mija, minn 1,804 każijiet fl-2014 għal 2,214 fl-2015, **Stati Terzi** kienu involuti f'298 każ.

- **Il-Ħidma fuq il-każijiet** żdiedet f'dawk marbuta ma': terroriżmu, ċiberkriminalità, traffikar illegali ta' immigranti, THB, frodi, korruzzjoni u MOCGs.

- Żieda fl-użu ta' għodod ta' koordinazzjoni: **laqgħat ta' koordinazzjoni** (274, żieda ta' 39 fil-mija fuq l-2014) u **ċentri ta' koordinazzjoni** (13).

- Il-parteċipazzjoni tal-Europol (99), l-OLAF (5) kif ukoll Stati terzi (67) fil-laqgħat ta' koordinazzjoni, żdiedet.

- Il-Eurojust appoġġjat 120 **JIT**, li 46 minnhom kienu ġodda, u pprovdiet appoġġ finanzjarju lil 68 JIT. L-ewwel JIT mal-OLAF ġie ffurmat, u għal darb'oħra ġiet innutata żieda fl-involviment ta' Stati terzi.

- Il-Eurojust għenet fl-eżekuzzjoni ta' **EAWs** f'292 okkażjoni.

- Il-Eurojust issekondat **espert ġudizzjarju fiċ-ċiberkriminalità** lill-EC3 u rrikonoxxiet il-ħtieġa li jitwaqqaf **network ta' prosekuturi u mħallfin taċ-ċiberkriminalità**.

- Il-Eurojust appoġġjat lil **Hotspots**, iffurmat **grupp tematiku ta' ħidma dwar it-traffikar ta' immigranti illegali**, u ffirmat Ittra ta' Ftehim ma' EUNAVFOR MED.

- Il-Eurojust organizzat **seminar strateġiku** dwar konflitti ta' ġurisdizzjoni u workshop wieħed dwar iż-żamma tad-dejta flimkien mal-laqgħat tal-**Forum Konsultattiv**.

- **Laqgħat** tal-Eurojust **fl-2015**:

  - laqgħa annwali strateġika u laqgħa tattika dwar it-terroriżmu
  - laqgħa tattika u laqgħa *ad hoc* dwar iċ-ċiberkriminalità
  - laqgħa strateġika dwar THB
  - laqgħa dwar il-piraterija marittima
  - laqgħa dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'avvenimenti sportivi ewlenin
  - seminar strateġiku, *Applikazzjoni tal-MLA u Ftehimiet ta' Estradizzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerika*

- Il-Eurojust **ippubblikat fl-2015**:

  - *Monitoraġġ ta' Kundanni dwar it-Terroriżmu*
  - It-tielet *Rapport dwar Ġellieda Terroristiċi Barranin*
  - Sommarju tat-Tieni rapport dwar *Ġellieda Terroristiċi Barranin*
  - *Manwal ta' CBRN-E*
  - Rapport dwar *il-Prosekuzzjoni ta' THB għal skopijiet ta' sfruttament fil-qasam tax-xogħol*
  - Rapport dwar *l-Impatt tad-deċiżjoni fuq il-prosekuzzjoni ta' każijiet NPS*
  - Rapport dwar *Kwistjonijiet proċedurali u legali fir-rigward ta' MOCGs*
  - Ħarġa Nru. 2 tal-*Monitoraġġ Ġudizzjarju dwar il-Piraterija Marittima*
  - *Gwida dwar l-Aħjar prattiċi fir-rigward ta' avvenimenti sportivi ewlenin*
  - Rapport dwar *il-Ħidma tal-Eurojust f'konflitti ta' ġurisdizzjoni 2009-2014*
  - Rapport dwar *l-Esperjenza tal-Eurojust fl-irkupru tal-assi*

- Fl-2015 il-Eurojust iffokat fuq **konflitti ta' ġurisdizzjoni, iż-żamma tad-dejta u kunsinni kkontrollati**.

- **Il-budget tal-Eurojust** għall-2015 kien ta' EUR 33,818 miljun. L-implimentazzjoni tal-budget kienet ta' 99.86 fil-mija.

- **Ir-Rapport Finali ta' EY** tal-*Evalwazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust u l-attivitajiet imwettqa mill-Eurojust*, ġie ppubblikat fit-30 ta' Ġunju, u hu disponibbli għall-pubbliku.

## *Ħidma fuq il-Każijiet 2002 - 2015*




## *Każijiet bilaterali/multilaterali 2011 - 2015*




* In-numru jinkludi każ wieħed li nfetaħ lejn il-Kummissjoni Ewropea.

*Każijiet bilaterali/multilaterali għal kull Stat Membru*




| | Bilaterali | Multilaterali |
|---|---|---|
| COLL* | | 8 |
| BE | 22 | 13 |
| BG | 93 | 6 |
| CZ | 69 | 19 |
| DK | 82 | 31 |
| DE | 71 | 41 |
| EE | 19 | 8 |
| IE | 32 | 2 |
| EL | 182 | 11 |
| ES | 58 | 19 |
| FR | 88 | 52 |
| HR | 20 | 4 |
| IT | 74 | 25 |
| CY | 17 | 1 |
| LV | 28 | 11 |
| LT | 52 | 7 |
| LU | 20 | 1 |
| HU | 76 | 20 |
| MT | 27 | 2 |
| NL | 36 | 16 |
| AT | 143 | 13 |
| PL | 83 | 5 |
| PT | 65 | 4 |
| RO | 118 | 29 |
| SI | 92 | 17 |
| SK | 52 | 4 |
| FI | 34 | 5 |
| SE | 79 | 21 |
| UK | 72 | 15 |

*Stati Membri li jagħmlu/issirilhom talba*




| | Rikjedenti | Rikjesti |
|---|---|---|
| BE | 35 | 156 |
| BG | 99 | 94 |
| CZ | 88 | 70 |
| DK | 113 | 52 |
| DE | 112 | 331 |
| EE | 27 | 33 |
| IE | 34 | 46 |
| EL | 193 | 60 |
| ES | 77 | 222 |
| FR | 140 | 241 |
| HR | 24 | 51 |
| IT | 99 | 248 |
| CY | 18 | 91 |
| LV | 39 | 62 |
| LT | 59 | 56 |
| LU | 21 | 55 |
| HU | 96 | 93 |
| MT | 29 | 29 |
| NL | 52 | 222 |
| AT | 156 | 121 |
| PL | 88 | 166 |
| PT | 69 | 69 |
| RO | 147 | 156 |
| SI | 109 | 46 |
| SK | 56 | 92 |
| FI | 39 | 38 |
| SE | 100 | 56 |
| UK | 87 | 243 |

# Eurojust at work in 2015

Eurojust's core business is to assist the competent authorities of EU Member States when they deal with serious cross-border organised crime

## 1 Judicial coordination meetings

Bringing together judicial and law enforcement authorities from Member States and third States.




**274 coordination meetings**

with 2223 prosecutors, judges & police officers

## 2 Joint investigation teams (JITs)

Carrying out criminal investigations in one or more of the involved countries.

Judges

Prosecutors

Law enforcement authorities

**120 JITs supported**

Fixed time period

Agreement between countries

Joint criminal investigations

JITs enable more efficient, affordable and speedier justice

**24/7 availability**

## Execution of European Arrest Warrants

**292** cases

**13%** of all cases registered

## 3 Coordination centres

Coordination centres enable coordination and real-time transmission of information in serious cross-border crimes among national authorities during action days.

**13 Eurojust coordination centres** were held in 2015

EUROJUST coordination centre

House/ company searches

Seizures

Freezing orders

Witness interviews

Arrests

ACTION DAY

Gathering evidence correctly is important for successful future court proceedings

# Il-Eurojust f'daqqa t'għajn

## Xiex?

Il-Eurojust hi l-Unità ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea. Bħala korp tal-Unjoni Ewropea stabbilita fl-2002, l-għan tal-Eurojust hu li tistimula u ttejjeb il-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri fir-rigward ta' kriminalità internazzjonali serja, partikularment meta din tkun organizzata.

Fuq talba ta' Stat Membru, il-Eurojust tista' tassisti wkoll f'investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet dwar Stat Membru partikulari, kif ukoll dwar Stat mhux Membru, jekk ikun ġie konkluż ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Eurojust u l-Istat li mhux Membru, jew jekk ikun hemm interess essenzjali li tiġi pprovduta din l-assistenza.

Fuq talba ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni Ewropea, il-Eurojust tista' tassisti wkoll f'investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet li jikkonċernaw biss lil dak l-Istat Membru u lill-Komunità.

## Min?

Il-Kulleġġ tal-Eurojust hu magħmul minn 28 Membru Nazzjonali li huma prosekuturi, imħallfin jew uffiċjali tal-pulizija ta' kompetenza ekwivalenti, issekondati minn kull Stat Membru. Il-Membri Nazzjonali huma bbażati f'Eurojust f'The Hague.

Il-biċċa l-kbira tal-Membri Nazzjonali huma assistiti minn Deputat u/jew Assistent(i). Il-Eurojust hi sostnuta minn Amministrazzjoni u tospita s-Segretarjati tan-Network Ġudizzjarju Ewropew (EJN, European Judicial Network), in-Network ta' Esperti dwar teams Konġunti ta' Investigazzjoni (JITs Experts Network) u n-Network Ewropew ta' punti ta' kuntatt fir-rigward ta' persuni responsabbli għal ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra (Genocide Network).

Barra minn hekk, Prosekuturi ta' Kollegament min-Norveġja, l-Iżvizzera u mill-Istati Uniti tal-Amerika bħalissa huma stazzjonati f'Eurojust. Fl-2015, in-numru ta' nies li kienu jaħdmu mal-Eurojust, inklużi l-membri tal-Kulleġġ, kien ta' 349.

## Kif?

Fost ir-rwoli u l-poteri ewlenin tal-Eurojust, hemm dawk marbuta mar-rispons għal talbiet għall-assistenza mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri. Mill-banda l-oħra, il-Eurojust tista' titlob lill-Istati Membri biex iwettqu l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni marbuta ma' atti speċifiċi. Il-Membri Nazzjonali jeżerċitaw il-mandat tal-Eurojust biex jikkoordinaw il-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali f'kull stadju ta' investigazzjoni kriminali u prosekuzzjoni.

### *Laqgħat ta' koordinazzjoni*

Il-laqgħat ta' koordinazzjoni huma għodda unika u effettiva fil-kooperazzjoni ġudizzjarja. Huma jlaqqgħu flimkien awtoritajiet ġudizzjarji u oħrajn responsabbli mill-infurzar tal-liġi minn Stati Membri u Stati terzi, u jagħtu lok għal operazzjonijiet infurmati u diretti f'każijiet ta' reati kriminali internazzjonali. Matul il-laqgħat ta' koordinazzjoni, jistgħu jiġu riżolti diffikultajiet legali u prattiċi li jinqalgħu minħabba differenzi li jeżistu bejn it-30 sistema legali fl-Unjoni Ewropea.

### *Ċentri ta' koordinazzjoni*

Iċ-ċentri ta' koordinazzjoni għandhom rwol rilevanti ħafna fl-operazzjonijiet, u joħolqu appoġġ f'ħin reali matul il-jiem ta' azzjoni konġunta, il-koordinazzjoni u l-follow-up immedjat ta' konfiski, arresti, tfittxijiet fid-dar/kumpaniji, mandati ta' ffriżar u interrogazzjoni tax-xhieda.

### *Teams konġunti ta' investigazzjoni*

Il-Eurojust tipprovdi finanzjament u kompetenzi għall-ħtiġijiet marbuta mat-twaqqif u l-operat ta' JITs. JIT hu tim li jikkonsisti minn prosekuturi, imħallfin u awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Wara li jiġu mwaqqfa għal żmien stipulat u għal għan speċifiku permezz ta' ftehim bil-miktub bejn l-Istati kollha involuti, il-JITs jippermettu li l-investigazzjonijiet kriminali jitwettqu b'mod aktar effettiv f'wieħed jew aktar mill-Istati involuti.

### *Relazzjonijiet Esterni*

Il-ħidma tal-Eurojust hi bbażata fuq relazzjonijiet solidi ma' numru ta' msieħba. Fuq il-bażi ta' arranġamenti ta' ħidma, teżisti kooperazzjoni partikularment mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali u istituzzjonijiet tal-UE u l-imsieħba: il-Kummissjoni Ewropea; il-Europol; l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF); l-Aġenzija Ewropea għall-Immaniġġjar tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Frontex); iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Drogi u d-Dipendenza mid-Droga (EMCDDA); il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL); in-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN); l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA); u l-Forza Navali tal-Unjoni Ewropea – Mediterranja (EUNAVFOR MED) u korpi internazzjonali: INTERPOL, in-Network Ibero-Amerikan għall-Kooperazzjoni Internazzjonali Legali (IberRed) u l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi u l-Kriminalità (UNODC).

Barra minn hekk, il-Eurojust iffirmat ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' Liechtenstein, l-Iżvizzera, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Istati Uniti tal-Amerika, in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Moldova.



# 1 L-Għodda tal-Eurojust

# 1.1 Laqgħat ta' koordinazzjoni tal-Eurojust

In-numru notevoli ta' 274 laqgħa – żieda ta' aktar minn 39 fil-mija meta mqabbel mal-2014 – juri li l-laqgħat ta' koordinazzjoni qed ikomplu jżommu posthom b'mod sod fl-ewwel post bħala l-aktar għodda operattiva użata mill-Eurojust. L-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, kif ukoll ta' Stati terzi, matul l-2015 iltaqgħu kważi f'kull ġurnata tax-xogħol f'Eurojust f'The Hague biex irawmu kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.

Każ li jkun għadu kif ġie miġjub għall-attenzjoni tal-Eurojust jiġi l-ewwel introdott lill-Kulleġġ mill-Membru Nazzjonali rispettiv, u tittieħed deċiżjoni dwar jekk il-każ jiġix irreġistrat bħala każ tal-Eurojust (l-hekk imsejħa laqgħa ta' Livell I). Bħala t-tieni pass, id-Desks Nazzjonali tal-Eurojust ikkonċernati, jiltaqgħu biex janalizzaw il-kwistjonijiet li jridu jiġu solvuti sabiex jiżguraw kooperazzjoni u koordinazzjoni ġudizzjarja f'dan il-każ speċifiku u jfasslu l-aħjar mod kif jista' jiżvolġi (l-hekk imsejħa laqgħa ta' Livell II). Sussegwentement, jekk meħtieġ, tiġi organizzata laqgħa ta' koordinazzjoni jew aktar bil-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali ġudizzjarji u dawk tal-infurzar tal-liġi involuti direttament fil-każ.

Il-laqgħat ta' koordinazzjoni huma maħsuba sabiex jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni, jidentifikaw u jimplimentaw il-mezzi u l-metodi biex jiġu appoġġjati l-eżekuzzjoni u t-talbiet għal Assistenza Legali Reċiproka (MLA) u miżuri ta' impożizzjoni (eż. mandati ta' tfittxija u mandati ta' arrest), jiġu kkoordinati investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet li għadhom għaddejjin, u jiskopru, jipprevjenu jew isolvu kunflitti ta' ġurisdizzjoni, kwistjonijiet relatati mal-prinċipju ne bis in idem, u problemi legali u evidenzjali oħrajn.

Il-każijiet ittrattati waqt il-laqgħat ta' koordinazzjoni fl-2015 koprew l-oqsma kollha ewlenin ta' kriminalità serja organizzata transkonfinali, bl-aktar tipi ta' reati frekwenti jkunu dawk marbuta ma' imbrolji u frodi, it-traffikar tad-droga u l-ħasil tal-flus.

Mill-274 laqgħa li saru fl-2015, l-akbar numru ta' laqgħat ġew organizzati fi Franza (53), ir-Renju Unit (28), il-Ġermanja u l-Italja (25 kull wieħed). Fost l-Istati Membri li pparteċipaw l-aktar ta' spiss kien hemm il-Ġermanja (78), ir-Renju Unit (69) u l-Olanda (62). L-Iżvizzera (19), in-Norveġja (14) u l-Istati Uniti tal-Amerika (14), li kollha huma rrappreżentati f'Eurojust permezz tal-Maġistrati ta' Kollegament tagħhom, kienu fuq quddiem fost il-grupp ta' Stati terzi li pparteċipaw fil-laqgħat ta' koordinazzjoni li saru fl-2015, grupp li jinkludi wkoll l-Ukrajna (6) u s-Serbja (5), kif ukoll il-Bosnia u Herzegovina u l-Kanada (4 kull wieħed). Il-Europol attendiet għal 99 u l-OLAF attendiet għal ħames laqgħat ta' koordinazzjoni.

*Laqgħat ta' koordinazzjoni*




| | Li Jorganizzaw | Li Jipparteċipaw |
|---|---|---|
| BE | 13 | 48 |
| BG | 4 | 12 |
| CZ | 9 | 23 |
| DK | 6 | 17 |
| DE | 25 | 78 |
| EE | 7 | 8 |
| IE | 1 | 14 |
| EL | 2 | 8 |
| ES | 19 | 43 |
| FR | 53 | 36 |
| HR | 1 | 6 |
| IT | 25 | 26 |
| CY | 0 | 6 |
| LV | 7 | 12 |
| LT | 8 | 16 |
| LU | 0 | 8 |
| HU | 7 | 19 |
| MT | 2 | 1 |
| NL | 19 | 62 |
| AT | 7 | 16 |
| PL | 6 | 27 |
| PT | 2 | 11 |
| RO | 4 | 29 |
| SI | 1 | 6 |
| SK | 3 | 7 |
| FI | 4 | 10 |
| SE | 11 | 15 |
| UK | 28 | 69 |
| CH | 3 | 19 |
| NO | 2 | 14 |




## 1.2 Iċ-Ċentri ta' koordinazzjoni tal-Eurojust

Il-Eurojust żammet 13-il ċentru ta' koordinazzjoni fl-2015, li jirrappreżentaw żieda addizzjonali meta mqabbla ma' għaxra fl-2014 u sebgħa fl-2013.

Din it-tendenza tikkonferma li din l-għodda ta' koordinazzjoni operattiva hi kemm magħrufa kif ukoll apprezzata mill-awtoritajiet ġudizzjarji u dawk tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali serja fl-Ewropa.

Iċ-ċentri ta' koordinazzjoni tal-Eurojust jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet ġudizzjarji f'ħin reali u jippermettu appoġġ dirett fir-rigward tal-eżekuzzjoni simultanja kkoordinata ta' mandati ta' arrest, tiftix u konfiski *inter alia*, f'pajjiżi differenti.

It-tlettax-il ċentru ta' koordinazzjoni ġew organizzati mill-Ġermanja (4), l-Italja (4), Franza (3), l-Iżvezja (1) u r-Renju Unit (1). Dawn il-ġranet ta' azzjoni konġunta bbenefikaw mill-parteċipazzjoni attiva ta' Stati Membri oħrajn, Stati b'Maġistrati ta' Kollegament f'Eurojust, bħalma huma l-Iżvizzera u n-Norveġja, Stati terzi (eż. l-Ukrajna f'okkażjoni waħda), u l-Europol (5).

Huma mmiraw lejn firxa wiesgħa ta' tipi ta' reati, inkluż l-imbrolji u l-frodi, iċ-ċiberkriminalità, il-ħasil tal-flus, it-traffikar ta' immigranti illegali u THB, kif ukoll – għall-ewwel darba – it-terroriżmu.

Iċ-ċentri ta' koordinazzjoni huma partikularment effikaċi biex jiġu indirizzati każijiet kumplessi b'jiem ta' azzjoni multilaterali fuq skala kbira. F'okkażjoni waħda s-sena l-oħra, tliet ċentri ta' koordinazzjoni ġew stabbiliti fl-istess każ fuq frodi tal-VAT. Il-każ kien ikopri aktar minn 200 miżura internazzjonali. Awtoritajiet nazzjonali minn 15-il Stat Membru u l-Europol ipparteċipaw (ara Operation Vertigo: ħarsa aktar mill-qrib, hawn taħt).

Ċentru ta' koordinazzjoni twaqqaf fl-Iżvezja fil-qafas ta' każ serju ta' frodi ta' taxxa u kontabbiltà. Fost il-lezzjonijiet li ġew mitgħallma, ġiet identifikata l-ħtieġa għal linji gwida ġodda dwar il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti fir-rigward ta' ħruġ ta' EAWs fl-Iżvezja għall-Awtorità Żvediża Kontra l-Kriminalità Ekonomika, u d-Desk tal-Iżvezja fi ħdan il-Eurojust fasslet dawn il-linji gwida.




# 1.3 Is-sistema ta' Mmaniġġjar tal-Każijiet tal-Eurojust

L-attivitajiet operattivi tal-Eurojust huma appoġġjati permezz ta' database imfassla apposta – is-CMS – li hi ddisinjata biex taħżen u tipproċessa informazzjoni relatata malkażijiet, kif ukoll biex tiffaċilita l-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli għall-ipproċessar ta' dejta personali.

Biex tittejjeb il-funzjonalità u l-prestazzjoni operattiva tagħha, żewġ verżjonijiet imtejba tas-CMS ġew żviluppati u maħruġa fl-2015. Dawn l-upgrades jissimplifikaw il-proċess ta' konfigurazzjoni interna ta' profili ġodda billi jużaw il-funzjonalità tas-sistema eżistenti aktar milli jiddependu fuq żvilupp estern. Din il-karatteristika hi importanti, għaliex tipprovdi l-possibbiltà li timmaniġġja l-aċċess għas-CMS għal gruppi ta' utenti differenti b'mod aktar flessibbli, u, bħala tali, issostni l-implimentazzjoni tal-konnessjoni tal-membri tal-ENCS minn kull Stat Membru għas-CMS, kif previst minn Artikolu 12 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust..

Fl-2015, il-konnessjonijiet siguri tan-network ma' Spanja u l-Lussemburgu bdew joperaw, u b'hekk in-numru totali ta' Stati Membri li għandhom konnettività sigura man-network tal-Eurojust issa tela' għal 13. Barra minn hekk, il-verżjoni l-aktar ġdida tas-CMS ipprovdiet aġġornament importanti biex setgħet tippermetti r-reġistrazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Membri Nazzjonali skont il-bażi ta' Artikolu 19 tar-regoli ta' proċedura dwar l-ipproċessar u l-protezzjoni ta' dejta personali f'Eurojust (regoli ta' Eurojust dwar il-protezzjoni tad-dejta).

F'Marzu 2015, il-Kulleġġ tal-Eurojust iddiskuta l-evalwazzjoni tal-ewwel sitt xhur tal-applikazzjoni effettiva ta' Deċiżjoni tal-Kulleġġ li ttieħdet f'Ġunju 2014 dwar l-inserzjoni ta' dejta fis-CMS, li l-għan tagħha hu li jiġu stabbiliti standards komuni dwar l-inserzjoni tad-dejta u uniformità fil-metodi ta' ħidma applikabbli għas-Sezzjonijiet Nazzjonali kollha fil-Eurojust. Ħames Desks Nazzjonali qablu li jieħdu sehem f'testijiet addizzjonali u biex jirrappurtaw lill-Kulleġġ dak li jitgħallmu minnhom.

Fl-2015, il-Kulleġġ ta attenzjoni partikulari għat-titjib fl-inserzjoni tad-dejta fis-CMS u l-implimentazzjoni ta' Artikolu 19 tar-regoli tal-Eurojust dwar il-protezzjoni tad-dejta biex jiżguraw konformità sħiħa u biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-JSB fir-rapport tagħhom wara ż-żjara ta' spezzjoni li saret f'Jannar 2015. Ir-rapport tal-JSB u l-azzjonijiet meħuda mill-Eurojust wara li saru r-rakkomandazzjonijiet, ġew diskussi mill-Kulleġġ f'laqgħa plenarja li saret f'Settembru 2015, bil-parteċipazzjoni tal-JSB.




## 1.4 Il-Eurojust u t-Teams Konġunti ta' Investigazzjoni (JITs)

Il-Eurojust ikkonsolidat ir-rwol ċentrali tagħha fil-JITs, kemm f'termini ta' appoġġ għat-twaqqif u t-tmexxija tal-JITs kif ukoll fil-kisba ta' aktar għarfien espert.

Fl-2015, 120 JIT ġew appoġġjati mill-Membri Nazzjonali tal-Eurojust.

46 minnhom kienu JITs iffurmati ġodda. It-tipi ta' kriminalità ewlenin li ġew investigati mis-46 JITs ġodda kienu ħasil ta' flus, imbrolji u frodi, parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali, THB, it-traffikar tad-droga u ċ-ċiberkriminalità.

Skont Artikolu 13 (5) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Membri Nazzjonali jkunu infurmati dwar it-twaqqif ta' JITs u bir-riżultati tal-ħidma ta' dawn it-teams. F'dan ir-rigward, fl-2015 il-Eurojust irċeviet 17-il notifika.

Il-ħidma marbuta mal-każijiet tal-Eurojust tikkonferma l-involviment dejjem jikber ta' Stati terzi fil-JITs li kien osservat fl-2014. B'kollox, 11-il JIT li jinvolvu Stati terzi kienu appoġġjati mill-Eurojust, li sebgħa minnhom ġew imwaqqfa fl-2015. Numru dejjem jikber ta' Stati terzi issa qegħdin jikkunsidraw lil JITs bħala għodda effettiva għal kooperazzjoni, inkluż, *inter alia*, is-Serbja, il-Bosnia u Herzegovina u l-Iżvizzera (ara subsezzjoni 2.3.3).

Biex tkun tista' tiġbor tagħrif dwar il-lezzjonijiet li ġew mitgħallma, il-Eurojust - flimkien man-Network ta' Esperti tal-JITs u s-Segretarjat tiegħu (ara Sezzjoni 5.2 hawn taħt) - kompliet tippromwovi u tiffaċilita l-evalwazzjoni tal-JITs, permezz tal-użu tal formola ta' evalwazzjoni tal-JITs. Din il-formola, li nħarġet inizjalment fl-2014, kienet saret disponibbli fuq il-website tal-Eurojust fl-2015, flimkien ma' pariri prattiċi biex wieħed jagħmel l-evalwazzjoni.

Saru laqgħat ta' evalwazzjoni apposta li nżammu f'Eurojust jew fl-Istati Membri bl-appoġġ tal-Eurojust. Ir-riżultat ta' dawn l-evalwazzjonijiet jikkonferma l-użu estensiv ta' JITs mill-prattikanti bħala għodda effiċjenti u effettiva biex jikkoordinaw investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet transkonfinali.

F'għadd sinifikanti ta' każijiet, il-JITs jitwaqqfu bejn aktar minn żewġ Stati – li mhumiex neċessarjament Stati ġirien – u jappoġġjaw l-investigazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' tipi ta' kriminalità.

Il-flessibbiltà tal-għodda, partikularment biex tappoġġja komunikazzjoni informali u l-iskambju ta' informazzjoni u evidenza, hi rikonoxxuta ferm mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Meta jintuża JIT, il-parteċipazzjoni tal-membri ssekondati – li jkunu qed joperaw barra mill-Istat ta' oriġini tagħhom – hi kkunsidrata bħala ta' benefiċċju għall-effiċjenza tal-investigazzjoni. Fil-maġġoranza kbira tal-każijiet, jidher li l-JITs jiffaċilitaw ukoll l approċċ komuni għall-komunikazzjoni mal-media dwar ir-riżultat tal-investigazzjoni.

Fost l-isfidi identifikati, id-differenzi fil-perjodi ta' żmien tal-proċedimenti domestiċi – għal raġunijiet legali jew prattiċi – jistgħu jimpedixxu l-funzjonament ta' JIT, pereżempju, jekk wieħed mill-imsieħba jkollu joħroġ mill-JIT qabel ma jkunu ġew issodisfati r-rekwiżiti ta' kooperazzjoni ta' msieħba oħrajn.

F'termini tal-aħjar prattika, billi l-JITs ta' spiss jeżistu flimkien ma' MLA, b'mod partikulari għal Stati li ma jissiħbux fil-JIT, il-prattikanti jirrappurtaw li l-eżistenza ta' JIT tipprovdi vantaġġ fl-eżekuzzjoni f'waqtha tat-talba li l-Istati li jintalbu l-għajnuna, kif ukoll fir-rigward tal-qsim ta' informazzjoni bejn l-imsieħba fil-JIT fir-rigward tal-evidenza li tinġabar permezz ta' MLA.

Billi l-esperjenza fil-JITs qed tiżdied, evalwazzjoni tal-għodod żviluppati fl-ewwel snin tal-implimentazzjoni tal-JITs (Manwal tal-JITs, mudell tal-ftehim, Pjan ta' Azzjoni Operattiva dwar JIT) kienet ikkunsidrata bħala utli biex tivverifika jekk dawn għadhomx jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-prattikanti.

Din l-evalwazzjoni kienet is-suġġett prinċipali tal-laqgħa annwali tal-esperti tal-JITs, li saret f'Eurojust fil-11 u t-12 ta' Ġunju, 2015. Il-konklużjonijiet tal-laqgħa jagħtu gwida ċara biex jiġu mmodernizzati l-għodod tal-JITs u biex tittejjeb l-aċċessibiltà tagħhom għall-prattikanti. L-esperti qablu li l-verżjoni eżistenti tal-mudell ta' ftehim tal-JITs għadu adegwat u flessibbli biżżejjed, filwaqt li kkonkludew li r-reviżjoni estensiva tiegħu mhijiex prijorità. L-esperti iżda qablu li l-Manwal tal-JITs għandu jiġi aġġornat b'mod komprensiv biex jinkorpora l-lezzjonijiet mitgħallma.

Il-Pjan ta' Azzjoni Operattiv tal-JIT, li mhuwiex daqstant użat fil-prattika, għandu jiġi ssostitwit b'arranġamenti tal-ippjanar aktar informali, eż. konklużjonijiet tal-laqgħat ta' koordinazzjoni.

### *Il-finanzjament tal-Eurojust għal JITs*

Il-Eurojust kompliet tipprovdi sostenn finanzjarju lil JITs. Fl-2015, ir-rwol ewlieni tal-Eurojust fl-appoġġ ta' operazzjonijiet tal-JITs permezz tal-programm ta' finanzjament tagħha, ġie kkonfermat mid-domanda ta' 144 applikazzjoni għall-finanzjament (xi talbiet relatati mal-istess JIT, għal operazzjonijiet li kienu mifruxa fuq perjodi sussegwenti ta' azzjoni). Appoġġ finanzjarju ngħata lil

*JITs appoġġjati mill-Eurojust, li jinkludu t-tipi ta' reati ewlenin*



68 JIT (permezz ta' għotja waħda jew diversi għotjiet), 36 minnhom kienu appoġġjati għall-ewwel darba fl-2015. Il-budget tal-Eurojust allokat għall-finanzjament ta' JITs fl-2015 kien ta' EUR 500,000.

Mill-2014, il-finanzjament ta' JITs beda jista' jkopri wkoll spejjeż imġarrba minn Stati terzi. B'konsistenza mat-tendenza osservata fil-ħidma marbuta mal-każijiet tal-Eurojust, fl-2015 waslu 13-il applikazzjoni minn JITs li kienu jinvolvu kemm Stati Membri tal-UE kif ukoll Stati terzi.

AFormola interattiva ta' applikazzjoni ġdida ġiet introdotta fl-2015, b'karatteristiċi li jippermettu sottomissjoni eħfef tal-applikazzjonijiet, bħal drop-down lists, funzjonijiet ta' kalkolu, u kontroll integrat tas-ceilings. L-iskop tal-azzjonijiet iffinanzjati ġie estiż biex ikopri l-ispejjeż imġarrba bħala follow-up għal JIT, jekk dawn l-ispejjeż ikunu marbuta direttament mal-attivitajiet tal-JIT, bħal fil-każ ta' follow-up meeting li jiġi organizzat biex tiġi eżaminata l-evidenza miġbura mill-JIT, l-ispejjeż ta' traduzzjoni ta' evidenza miġbura mit-team, jew traduzzjoni ta' verdett mogħti f'wieħed mill-Istati involuti.

IBarra minn hekk, il-Kulleġġ tal-Eurojust approva proġett li jinkludi l-iżvilupp ta' għodod online għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-fondi, u database li tipproċessa dejta relatata mal-JITs.

***Illustrazzjoni ta' każ***

Investigazzjoni Franċiża żvelat frodi organizzata ta' VAT fil-bejgħ ta' karozzi użati, kif ukoll ħasil ta' flus. Ir-reati twettqu minn grupp ta' individwi Franċiżi li kienu qed joperaw fi Spanja. Il-karozzi kienu qed jinbiegħu minn fornituri Ġermaniżi lil bejjiegħa Franċiżi permezz ta' numru ta' transazzjonijiet intermedjarji fittizji fi ħdan kumpaniji Franċiżi, Spanjoli, Rumeni, Taljani u Portugiżi, ibbażati fuq invoices iffalsifikati, biex jevitaw li jħallsu l-VAT.

Il-każ ġie ppreżentat lil Eurojust mill-awtoritajiet Franċiżi, u wara saret laqgħa ta' koordinazzjoni biex tiġi diskussa s-sitwazzjoni attwali tal-investigazzjonijiet u biex tiġi ottimizzata l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet involuti. Il-Eurojust serviet bħala intermedjarju billi ffaċilitat l-eżekuzzjoni ta' talbiet multipli għal MLA bejn Franza u Spanja, li kienu kruċjali minħabba li l-proċedimenti fi Spanja kienu pendenti.

Analiżi tal-informazzjoni skambjata bejn il-parteċipanti żvelat xi ostakli legali, partikularment kwistjoni potenzjali *ne bis in idem*, minħabba miri dduplikati fi Franza u fi Spanja. Biex jiġi evitat konflitt ta' ġurisdizzjoni fi stadju aktar tard tal-proċedura, kienet neċessarja koordinazzjoni fir-rigward ta' akkużi futuri u l-iskop tal-proċedimenti nazzjonali. Fid-dawl ta' dawn l-ostakli, Franza u Spanja ffirmaw ftehim ta' JIT f'Ġunju 2014 biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-evidenza.

B'riżultat ta' investigazzjonijiet intensivi u aktar kooperazzjoni bejn il-parteċipanti tal-JIT, ittieħdu azzjonijiet konġunti kontra n-network mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fi Spanja u fi Franza f'Jannar 2015, sostnuti minn ċentru ta' koordinazzjoni f'Eurojust. Disgħa u għoxrin persuna suspettata ġew arrestati fi Spanja, u tnejn fi Franza. Bosta dokumenti ġew ikkonfiskati waqt it-tfittxijiet, li permezz tagħhom ġew żvelati madwar EUR 20 miljun fi flus maħsula.

Inkoraġġiti mill-ewwel azzjoni ta' suċċess, l-appoġġ tal-Eurojust reġa' ġie mitlub għall-estensjoni tal-JIT, li serva biex jissimplifika l-iskambju ta' evidenza fil-preparazzjoni tal-proċedimenti tal-qorti li kien imiss isiru. Waqt laqgħa ta' koordinazzjoni, il-membri tal-JIT qablu li jsir trasferiment tal-proċedimenti minn Spanja għal Franza fir-rigward tal-offiżi ta' ħasil tal-flus u l-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali. Spanja kellha tiffoka fuq l-offiżi ta' frodi ta' taxxa.

Bħala sostenn għall-proċeduri fi Franza, il-parteċipanti qablu li l-investigaturi Franċiżi setgħu jivvjaġġaw lejn Spanja biex jeżaminaw il-provi miġbura fl-investigazzjoni Spanjola. L-awtoritajiet Franċiżi qablu li jassistu lill-kontropartijiet Spanjoli tagħhom billi jorganizzaw videoconference biex jintervistaw żewġ persuni akkużati u arrestati fi Franza.

L-awtoritajiet nazzjonali kisbu riżultati importanti fil-proċeduri tagħhom fil-fażi ta' qabel il-ġuri billi użaw b'mod effettiv dawn l-għodod ta' kooperazzjoni ġudizzjarja: laqgħat ta' koordinazzjoni, ċentru ta' koordinazzjoni u JIT.

*Il-finanzjament ta' JITs mill-Eurojust, Diċembru 2009 - Diċembru 2015*



# Eurojust and joint investigation teams

Eurojust plays a central role in the setting up and running of joint investigation teams (JITs), including judicial and legal expertise, financial support, follow-up to JIT activities and building up know-how.

- Suitability of the case
- Initiation of parallel investigations
- Drafting of the agreement
- Practical and legal support throughout JIT lifetime
- Settlement of jurisdiction
- Support to joint operations (coordination centre)




**Costs of cross-border operations**

- Travel and accommodation
- Interpretation and translation
- Transport of evidence/seized items

**Logistical support**

- Loan of equipment (smartphones, laptops, mobile scanners and printers)

- Experts stimulate the use of JITs at national level
- Secretariat hosted by Eurojust
- Web platform for all JIT practitioners to share knowledge and find practical information (e.g. legislation, guidelines, evaluation reports ...)






Iż-żjara lill-Eurojust tas-Sinjura Věra Jourová, il-Kummissarju ghall-Ġustizzja, il-Konsumaturi u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi



Laqgha mal-Ambaxxaturi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u ta' Stati Terzi

















Żjara lill-Eurojust tal-Onorevoli s-Sinjura Loretta Lynch, Avukat Ġenerali, tal-Istati Uniti tal-Amerika, u s-seminar bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar l-applikazzjoni ta' Assistenza Legali Reċiproka (MLA) u ftehimiet ta' estradizzjoni

# 2015

## Kronoloġija



**2 ta' Marzu, The Hague**
*Is-Sinjura Maria Schnebli ġiet issekondata mal-Eurojust bħala l-ewwel Prosekutur ta' Kollegament għall-Iżvizzera*



**20 ta' Mejju, The Hague**
*Laqgħa dwar il-Piraterija marittima*



**4-5 ta' Ġunju, The Hague**
*Seminar Strateġiku dwar* Konflitti ta' ġurisdizzjoni *u Forum Konsultattiv taħt il-Presidenza Latvjana tal-UE*



**5 ta' Ġunju, The Hague**
*Is-Sinjura Věra Jourová, il-Kummissarju għall-Ġustizzja, il-Konsumaturi u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, tagħmel żjara lill-Eurojust*

| JANNAR | FRAR | MARZU | APRIL | MEJJU | ĠUNJU |
|---|---|---|---|---|---|



**16-17 ta' April, The Hague**
*Laqgħa Strateġika dwar it-Traffikar ta' Bnedmin*



**21 ta' April, The Hague**
*MIs-Sinjura Michèle Coninsx terġa' tiġi eletta mill-Kulleġġ bħala President tal-Eurojust*



**22-23 ta' April, The Hague**
*1Tinżamm it-18-il laqgħa tan-Network marbut ma' Ġenoċidji*



**11-12 ta' Ġunju, The Hague**
*Tinżamm il-11-il laqgħa annwali tal-esperti nazzjonali tal-JITs*



**17-18 ta' Ġunju, The Hague**
Laqgħa dwar *Kooperazzjoni ġudizzjarja f'avvenimenti sportivi ewlenin*

**24-25 ta' Ġunju, The Hague**
*Laqgħa strateġika u tattika fuq it-Terroriżmu*

**29-30 ta' Ġunju, Riga**
*Tinżamm il-44 laqgħa plenarja tal-EJN*




**15 ta' Settembru, The Hague**
*L-Onorevoli Loretta Lynch, Avukat Ġenerali tal-Istati Uniti tal-Amerika, tagħmel żjara lill-Eurojust*



**23 ta' Settembru, The Hague**
*Laqgħa mal-Ambaxxaturi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u ta' Stati terzi*



**25 ta' Settembru, The Hague**
Laqgħa dwar *iċ-Ċiberkriminalità: Lejn Network Ġudizzjarju taċ-Ċiberkriminalità*



**18-19 ta' Novembru, Lussemburgu**
*Tinżamm il-45 laqgħa plenarja tal-EJN*

| LULJU | AWWISSU | SETTEMBRU | OTTUBRU | NOVEMBRU | DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|



**1 ta' Lulju, The Hague**
*Is-Sur Lodewijk Van Zwieten, jassumi d-doveri bħala l-Espert tal-Eurojust dwar iċ-ċiberkriminalità għal EC3*



**1 ta' Ottubru, Ruma**
*Iffirmar tal-Ittra ta' Ftehim ma' EUNAVFOR MED*



**10-11 ta' Diċembru, The Hague**
Workshop dwar *Iż-żamma tad-dejta u Forum Konsultattiv taħt il-Presidenza Ewropea tal-Lussemburgu*



**8-9 ta' Ottubru, The Hague**
Seminar dwar *L-applikazzjoni tal-Assistenza Legali Reċiproka u Ftehimiet ta' Estradizzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerika*



**1 ta' Lulju, The Hague**
Laqgħa tattika fuq *iċ-Ċiberkriminalità: territorjalità fis-cyberspace u l-ammissibilità tal-evidenza*

**21-22 ta' Ottubru, The Hague**
*Tinżamm id-19-il laqgħa tan-Network marbut ma' Ġenoċidji*



# 2

# Il-Każijiet ta’ Eurojust

### *EMPACT*

Il-Eurojust attendiet għal 42 laqgħa ta' EMPACT u tat kontribut b'mod attiv fl-attivitajiet imwettqa fl-2015 fi ħdan il-qafas tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali (OAPs) fl-oqsma kriminali prijoritarji kollha ta' EMPACT: il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali; THB; prodotti ffalsifikati; frodi ta' dwana u MTIC; eroina, drogi sintetiċi u kokaina; traffikar illeċitu ta' armi tan-nar; OPC; u iċ-ċiberkriminalità.

Fil-kuntest tal-OAPs għall-2015, il-Eurojust ipparteċipat f'diversi korsijiet ta' CEPOL, fejn tat ukoll preżentazzjonijiet dwar il-ħidma tagħha f'numru ta' oqsma ta' kriminalità, bħat-traffikar tad-droga (kokaina u eroina). Barra minn hekk, il-Eurojust ipparteċipat b'mod attiv fl-iżvilupp, il-preparazzjoni u l-abbozzar tal-OAPs għall-2016.

B'konformità mal-pożizzjoni komuni dwar il-parteċipazzjoni tal-Eurojust fl-OAPs adottati mill-Kulleġġ fl-2013, il-Eurojust tat kontribut, bħala (ko-)mexxej jew parteċipant, f'49 azzjoni meħuda biex jiżdiedu l-investigazzjonijiet koordinati u l-prosekuzzjonijiet fi ħdan l-OAPs. Dawn l-azzjonijiet kienu jinkludu sew il-kontribuzzjoni ta' informazzjoni biex isir l-intelligence situation reporting, permezz tal-identifikazzjoni ta' high-value targets jew OCGs, kif ukoll permezz ta' appoġġ mogħti fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet.

Il-Eurojust appoġġjat ukoll l-attivitajiet tal-OAP biex jiżdied l-għadd ta' investigazzjonijiet finanzjarji f'diversi prijoritajiet ta' EMPACT.

Il-Eurojust ipparteċipat fl-azzjonijiet tal-OAP biex toħloq jew tqajjem kuxjenza, b'mod partikulari permezz tal-identifikazzjoni ta' rekwiżiti ta' taħriġ għall-imħallfin u l-prosekuturi fl-oqsma ta' prijorità ta' EMPACT bħalma hi ċ-ċiberkriminalità. Il-Eurojust appoġġjat l-attivitajiet biex jiġu identifikati l-punti ta' kuntatt ġudizzjarju fi Stati terzi li huma ta' rilevanza fil-prijoritajiet ta' EMPACT.

Il-Eurojust mexxiet l-attivitajiet fi ħdan l-OAPs li ġew implimentati fil-qasam tal-eroina, drogi sintetiċi u l-kokaina, u aġixxiet bħala komexxej fl-azzjonijiet imfassla biex jidentifikaw u jindirizzaw lakuni legali fil-qasam ta' prijorità ta' OPC.

Fl-aħħar nett, il-Eurojust kienet assoċjata mal-attivitajiet operattivi li twettqu fi ħdan is-sottoproġetti tal-ETUTU (biex jiġu identifikati vittmi ttraffikati Niġerjani u tinkiseb aktar informazzjoni sigrieta mingħandhom) u THB Ċiniżi (imfassla biex tiffoka b'mod speċifiku fuq il-kriminalità Ċiniża marbuta mat-traffikar tal-bnedmin) imwettqa fi ħdan il-qasam ta' prijorità kriminali THB ta' EMPACT.

### *L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà*

L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà għall-2015-2020 tagħti prijorità lit-terroriżmu, iċ-ċiberkriminalità u l-kriminalità organizzata bħala oqsma marbuta flimkien b'dimensjoni qawwija transkonfinali fejn hi meħtieġa azzjoni koordinata tal-UE, inkluż fuq livell ġudizzjarju.

L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà tistabbilixxi l-pilastri għall-azzjoni tal-UE, li jinkludu titjib fl-iskambju ta' informazzjoni u żieda fil-kooperazzjoni operattiva. Ir-rwol tal-Eurojust hu partikularment enfasizzat f'erba' oqsma ta' attività: (i) li toffri assistenza lill-Istati Membri fit-talbiet kumplessi għal MLA ma' pajjiżi barra l-Unjoni Ewropea, speċjalment permezz tan-network ta' punti ta' kuntatt tal-Eurojust; (ii) li tkun involuta b'mod sħiħ fl-attivitajiet taċ-Ċentru Ewropew għal Kontra t-Terroriżmu (European Counter Terrorism Centre, ECTC) fl-Europol biex ikun hemm titjib fil-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet; (iii) li toffri aktar kompetenza u assistenza lill-awtoritajiet nazzjonali meta jwettqu investigazzjonijiet finanzjarji; u (iv) li tkompli tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiċi u tidentifika l-isfidi ffaċċjati fil-ġbir u l-użu ta' evidenza elettronika fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' reati ffaċilitati mill-Internet.

### *L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni*

L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni tikkumplimenta l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà billi tistabbilixxi l-pjanijiet tal-Kummissjoni Ewropea kemm għall-azzjonijiet leġiżlattivi kif ukoll dawk mhux leġiżlattivi fil-qasam tal-migrazzjoni. L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra l-Kuntrabandu tal-Migranti, tidentifika l-ġlieda kontra l-kuntrabandu ta' immigranti illegali bħala prijorità għall-UE u tfittex li tbiddel in-networks ta' kuntrabandu ta' immigranti illegali minn operazzjonijiet ikkunsidrati bħala "ta' riskju baxx, profitt għoli" f'operazzjonijiet ikkunsidrati bħala "ta' riskju għoli, profitt baxx".

Hu previst rwol ewlieni għall-Eurojust, flimkien mal-Europol, biex tingħata assistenza lill-Istati Membri ħalli jiġu żarmati in-networks tal-kuntrabandu u t-traffikar. Barra minn hekk, il-Eurojust intalbet biex twaqqaf grupp tematiku dwar il-kuntrabandu tal-migranti, issaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-prosekuturi, u ttejjeb l-MLA, tagħti appoġġ lil JITs fil-qasam tal-kuntrabandu tal-migranti, tipparteċipa f'Hotspots, tikkontribwixxi għall-ħidma tal-Joint Operational Team (JOT) Mare, u biex tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattika u l-isfidi fil-ġbir u l-użu ta' evidenza elettronika f'każijiet ta' kuntrabandu tal-immigranti.

## 2.1 Il-Każijiet tal-Eurojust marbuta ma' oqsma prijoritarji ta' kriminalità

Il-prijoritajiet operattivi tal-Eurojust jirriflettu sostanzjalment dawk tal-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, kif ipprovdut mill-Kunsill tal-UE. Bħala organizzazzjoni mmexxija mid-domanda, il-prijoritajiet tal-Eurojust jinkludu wkoll ċerti tipi ta' reati li ma kinux stabbiliti bħala prijoritajiet fiċ-ċiklu ta' politiki tal-UE, jiġifieri l-korruzzjoni u t-terroriżmu.




## *Statistika globali*

| Kriminalità prijoritarja | Każijiet | | Laqgħat ta' koordinazzjoni | | JITs | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2014 | 2015 | 2014 | 2015 | 2014 | 2015 |
| Terroriżmu | 14 | 41 | 4 | 15 | 2 | 3 |
| Ċiberkriminalità | 42 | 62 | 15 | 19 | 6 | 11 |
| Traffikar illegali tal-immigranti | 32 | 60 | 10 | 20 | 9 | 9 |
| THB | 71 | 79 | 12 | 32 | 18 | 21 |
| Frodi | 560 | 647 | 60 | 76 | 32 | 34 |
| Korruzzjoni | 55 | 90 | 9 | 10 | 4 | 4 |
| Traffikar tad-drogi | 283 | 274 | 52 | 57 | 31 | 25 |
| MOCGs | 128 | 201 | 13 | 21 | 13 | 13 |

### 2.1.1 It-Terroriżmu

Is-sena 2015 kienet ikkaratterizzata minn żieda fin-numru ta' attakki terroristiċi ppjanati jew li ġew imwettqa fuq territorju Ewropew kif ukoll mir-rikonoxximent tat-theddida globali imposta minn FTFs. L-attivitajiet operattivi u strateġiċi tal-Eurojust fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu kienet tirrifletti l-ħtieġa li tissaħħaħ l-abilità tal-Istati Membri biex iwettqu l-ġlieda kontra t-terroriżmu b'mod komuni, effettiva u koordinata.

Il-figuri miġbura mill-ħidma fuq il-każijiet fl-2015 jikkonfermaw li l-Istati Membri qegħdin dejjem jiddependu aktar fuq l-appoġġ tal-Eurojust biex jindirizzaw u jsolvu

kwistjonijiet ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'każijiet kumplessi ta' terroriżmu. In-numru ta' każijiet irreġistrati fl-2015 (41) hu kważi tliet darbiet aktar min-numru ta' każijiet fl-2014. Il-Eurojust organizzat 15-il laqgħa ta' koordinazzjoni li kienu jinvolvu reati relatati mat-terroriżmu, kważi erba' darbiet aktar min-numru ta' laqgħat simili fl-2014, u kienu attivi tliet JITs. Barra minn hekk, il-Eurojust organizzat l-ewwel ċentru ta' koordinazzjoni tagħha fuq każ ta' terroriżmu. Ħafna mill-każijiet dwar it-terroriżmu li nfetħu f'Eurojust kienu mill-Belġju, Franza u l-Italja. Il-Belġju, Franza u r-Renju Unit kienu l-aktar li ntalbu ta' spiss.

Kienet irreġistrata żieda sinifikanti fl-informazzjoni li ġiet kondiviża mal-Eurojust dwar prosekuzzjonijiet u kundanni għal reati terroristiċi wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/JHA. Informazzjoni dwar prosekuzzjonijiet għal reati terroristiċi ġiet kondiviża mal-Eurojust 104 darbiet, meta mqabbla ma' 30 fl-2014. Bl-istess mod, in-numru ta' proċeduri tal-qorti konklużi relatati mat-terroriżmu li ġew irrappurtati lill-Eurojust żdied għal 217, minn 180 fl-2014.

L-informazzjoni skambjata mal-Eurojust tinkludi links għal każijiet rilevanti oħra, talbiet għal MLA u l-eżekuzzjoni tagħhom. Żieda fil-kondiviżjoni ta' informazzjoni fuq

### *Laqgħa strateġika fuq it-terroriżmu*

Fil-25 ta' Ġunju, inżammet il-11-il laqgħa strateġika annwali tal-korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust għal kwistjonijiet ta' terroriżmu. Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-prijoritajiet identifikati fl-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà, u enfasizzat l-importanza tal-involviment tal-Eurojust fl-inizjattivi fuq livell tal-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u biex tiġi indirizzata r-radikalizzazzjoni.

Wara l-preżentazzjoni saret diskussjoni bejn diversi membri dwar żviluppi fil-qafas legali nazzjonali kif ukoll tal-UE fuq il-ġlieda kontra t-terroriżmu, u ngħata aġġornament dwar il-prodotti tal-Eurojust kontra t-terroriżmu żviluppati għall-użu tal-prattikant. Dawn il-prodotti huma *TCM*, il-*Manwal ta' CBRN-E, MPJM* u l-*Memorandum dwar il-Finanzjament tat-Terroriżmu*.

Il-Eurojust analizzat ukoll fil-fond deċiżjoni ġudizzjarja Belġjana li kienet tinvolvi network ta' reklutaġġ ta' FTFs. L-analiżi, ikkunsidrata mill-prattikanti bħala utli ħafna u ta' ispirazzjoni, ġiet ippubblikata fuq bażi separata bħala dokument tal-Eurojust b'aċċess limitat u kondiviż mal-korrispondenti nazzjonali tal-Eurojust għal kwistjonijiet ta' terroriżmu.

### *Illustrazzjoni ta' każ*

Sa mill-2007, organizzazzjoni terroristika bl-isem ta' Rawti Shax jew Didi Nwe (il-"kors ġdid" jew "lejn il-muntanja") kienet taħt investigazzjoni f'diversi pajjiżi Ewropej, inkluż l-Italja, l-Iżvizzera u l-Ġermanja. L-organizzazzjoni tirrappreżenta evoluzzjoni tal-Ansar Al Islam, li hi elenkata min-NU bħala organizzazzjoni terroristika affiljata ma' Al-Qaeda, u li l-mexxej tagħha kien arrestat fin-Norveġja talli ripetutament għamel theddidiet ta' mewt kontra politiċi Norveġiżi. L-għan primarju ta' Rawti Shax hu li b'mod vjolenti twaqqa' l-gvern attwali Kurd tal-Iraq u tissostitwih b'kalifat iggvernat mil-liġi tax-Sharia.

L-investigazzjoni Taljana sabet evidenza li Rawti Shax għandha l-għeruq tagħha fl-Ewropa, b'ċelluli li jikkomunikaw u joperaw permezz tal-Internet, u bi struttura speċjalment attiva fil-Ġermanja, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit, il-Finlandja, l-Italja, il-Greċja, l-Iżvezja, in-Norveġja, l-Iraq, l-Iran u s-Sirja. Hekk kif il-grupp kien qiegħed jevolvi, sar attiv fl-appoġġ loġistiku u finanzjarju fil-qasam tar-reklutaġġ ta' FTFs biex jintbagħtu fis-Sirja u fl-Iraq, bl-intenzjoni li jitħarrġu wkoll għall-konflitt fil-Kurdistan fil-futur.

Eurojust appoġġjat l-attivitajiet internazzjonali ta' kooperazzjoni ġudizzjarja marbuta ma' dan il-każ mill-2011 'il quddiem. Biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti u l-eżekuzzjoni ta' talbiet għal MLA, ġew organizzati żewġ laqgħat ta' koordinazzjoni mill-Eurojust. Matul il-laqgħat ta' koordinazzjoni, ġew żvelati progressivament l-istruttura u l-operat ta' din l-organizzazzjoni terroristika, u l-Istati Membri involuti ddiskutew l-istrateġija ġudizzjarja u r-rispons komuni l-aktar effiċjenti.

Fuq perjodu ta' diversi xhur fl-2015, il-Eurojust analizzat ammont estensiv ta' informazzjoni li nġabret mill-investigazzjoni Taljana biex jiġu identifikati l-aspetti l-aktar importanti għall-Istati Membri involuti, bil-ħsieb li tiġi organizzata ġurnata ta' azzjoni konġunta. Waħda mill-laqgħat ta' koordinazzjoni intużat għall-preparazzjoni tal-azzjoni konġunta, biex jiġu diskussi kwistjonijiet marbuta mal-eżekuzzjoni tal-miżuri ġudizzjarji mitluba, inkluż l-identifikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, u l-formulazzjoni ta' EAWs, proċeduri ta' estradizzjoni, eċċ.. Sabiex tiġi assigurata

l-eżekuzzjoni f'waqtha ta' diversi talbiet għal MLAs, ir-rekwiżiti legali u tekniċi ta' dawn it-talbiet ġew riveduti.

Matul il-jum ta' azzjoni konġunta f'Novembru 2015, ġie stabbilit ċentru ta' koordinazzjoni f'Eurojust. Total ta' 13-il mexxej issuspettat u diversi membri ta' Rawti Shax ġew arrestati fl-Italja, in-Norveġja u r-Renju Unit. Għaxar persuni arrestati kienu akkużati b'reati ta' terroriżmu internazzjonali skont il-liġi Taljana. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Taljani, Ġermaniżi, Finlandiżi, Norveġiżi, Żvizzeri u dawk tar-Renju Unit, wettqu tfittxijiet f'26 post, u kkonfiskaw oġġetti, li kienu jinkludu tagħmir elettroniku u dokumenti. Xi persuni ssuspettati ma setgħux jinstabu, għax kien maħsub li dawn kienu vvjaġġaw lejn il-Lvant Nofsani (is-Sirja u l-Iraq) biex jingħaqdu ma' organizzazzjonijiet jiħadisti (primarjament ISIS u al-Nusra) bħala FTFs.

Fid-dawl tal-proċeduri ta' ċediment li għadhom għaddejjin fir-rigward ta' tliet individwi mir-Renju Unit u t-talbiet ta' estradizzjoni lejn in-Norveġja, Eurojust se tkompli tagħti l-assistenza tagħha anke fl-2016. Minħabba li wieħed mill-persuni ssuspettati arrestati fin-Norveġja hu ċittadin Norveġiż, li għalhekk mhux se jkun suġġett għal estradizzjoni, il-proċeduri kriminali se jinstemgħu fin-Norveġja (taħt il-prinċipju aut dedere aut iudicare). Biex ikun is-salvagwardjat is-suċċess fil-proċedimenti kontra din il-persuna u persuni ssuspettati oħra, hi prevista kooperazzjoni ġudizzjarja addizzjonali.

bażi regolari li tingħata f'waqtha u b'mod sistematiku, tiffaċilita l-ħidma tal-Eurojust biex tkun tista' tipprovdi ħarsa ġenerali dwar l-isfidi u l-aħjar prattiċi marbuta mal-prosekuzzjonijiet u kundanni għal reati terroristiċi, u tkabbar ukoll il-valur tal-analiżi tal-Eurojust dwar ir-risponsi ġudizzjarji għat-terroriżmu, li jiġi kondiviż mal-Istati Membri permezz tat-*Terrorism Convictions Monitor* (Monitoraġġ dwar Kundanni għat-Terroriżmu). Barra minn hekk, u bħala follow-up għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rispons tal-ġustizzja kriminali għar-radikalizzazzjoni li twassal għal terroriżmu, il-Eurojust tkun f'pożizzjoni li tagħmel monitoraġġ dwar l-użu ta' alternattivi minflok il-prosekuzzjoni u d-detenzjoni, u b'hekk tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' politika kriminali marbuta ma' FTFs.

In-network ta' korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust dwar kwistjonijiet ta' terroriżmu, iservi bħala punt ta' kuntatt primarju biex jiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja, u jiżgura li l-informazzjoni relatata ma' prosekuzzjonijiet u kundanni dwar terroriżmu tkun kondiviża mal-Eurojust. In-network ta' korrispondenti nazzjonali, li ilu attiv mill-2005, jikkonsisti f'mill-inqas rappreżentant wieħed maħtur minn kull Stat Membru, kif ukoll punti ta' kuntatt innominati min-Norveġja, l-Istati Uniti tal-Amerika u, minn Settembru 2015, l-Iżvizzera.

It-tielet rapport tal-Eurojust, *Ġellieda Terroristiċi Barranin: Il-Fehmiet tal-Eurojust fuq il-Fenomenu u r-Rispons tal-Ġustizzja Kriminali* (Klassifikat bħala Ristrett għall-UE), inħareġ f'Novembru 2015. Ir-rapport tressaq fil-laqgħa tal-Kunsill tal-JHA li nżammet mit-3 sal-4 ta' Diċembru, 2015 u kien jinkludi rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw l-isfidi fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet u biex isir użu sħiħ mill-għodod ta' koordinazzjoni tal-Eurojust f'każijiet kumplessi internazzjonali li jkunu jinvolvu l-FTFs.

Ir-rapport jiżviluppa s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet inklużi fiż-żewġ rapporti preċedenti tal-Eurojust fuq l-FTFs, li jġibu d-data ta' Novembru 2013 u Novembru 2014, billi jintegra l-kontribuzzjonijiet li ntbagħtu mill-prattikanti bi tweġiba għall-kwestjonarju tal-Eurojust dwar ir-rispons ġudizzjarju għall-FTF's li sar bħala follow-up u li ntbagħat f'Marzu 2015 lill-korrispondenti nazzjonali kollha ta' Eurojust għal kwistjonijiet ta' terroriżmu, kif ukoll lill-Maġistrati ta' Kollegament tal-Eurojust min-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Istati Uniti tal-Amerika. Aktar kmieni fl-2015, sommarju tas-sejbiet ewlenin tat-tieni rapport tal-Eurojust dwar l-FTFs li kien sar f'Novembru 2014 ġie ppubblikat bħala dokument tal-Eurojust b'aċċess limitat.

Is-sena li għaddiet, il-Eurojust kienet involuta b'mod attiv f'ħafna mid-diskussjonijiet u l-inizjattivi li saru fuq livell tal-UE biex jidentifikaw modi possibbli li jistgħu jsaħħu r-rispons ġudizzjarju għat-terroriżmu. F'*fora* differenti, il-President tal-Eurojust enfasizzat il-bżonn għal approċċ komuni u komprensiv madwar l-UE kollha, li jintegra firxa wiesgħa ta' politiki politiċi, mekkaniżmi u għodod multidixxiplinari biex itejbu l-effiċjenza tar-rispons nazzjonali għall-fenomenu tal-FTF.

**Manwal ta' CBRN-E**

Il-Manwal ta' CBRN-E jipprovdi lill-prattikanti tal-UE bl-appoġġ legali multisettorjali speċjalizzat għal investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet relatati ma' krimini transnazzjonali li jinvolvu sustanzi kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi, nukleari u esplożivi (CBRN-E). Jinkludi deskrizzjoni ġenerali tal-iktar leġiżlazzjoni rilevanti kemm tal-UE kif ukoll dik internazzjonali li tittratta lil CBRN-E, kif ukoll entitajiet supranazzjonali, sistemi u databases fil-qasam ta' CBRN-E.

Il-*Manwal* jiġi aġġornat b'mod regolari. Ir-raba' verżjoni tiegħu nħarġet f'Ġunju 2015.

### *Laqgħa tattika fuq it-terroriżmu*

Bejn l-24 u l-25 ta' Ġunju, il-Eurojust organizzat it-tielet laqgħa tattika fuq il-FTFs, *Lejn rispons ġudizzjarju komuni għal ġellieda barranin*. Għal-laqgħa attendew il-korrispondenti nazzjonali tal-Eurojust għal kwistjonijiet ta' terroriżmu, rappreżentanti nazzjonali tal-awtoritajiet ġudizzjarji u l-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, l-Albanija, il-Bosnia u Herzegovina, il-Montenegro, in-Norveġja, is-Serbja, l-Iżvizzera, it-Turkija u l-Istati Uniti tal-Amerika, kif ukoll rappreżentanti tal-Uffiċċju tal-Koordinatur tal-UE Kontra t-Terroriżmu, l-Europol, l-INTERPOL u Frontex.

Il-laqgħa tat lill-prattikanti ħarsa aktar dettaljata dwar fenomeni speċifiċi, organizzazzjonijiet terroristiċi, *modi operandi* u kwistjonijiet proċedurali jew ta' kooperazzjoni ġudizzjarja, u pprovdiet forum biex isir skambju ta' esperjenzi u l-aħjar prattika bejn il-prattikanti li jaħdmu fuq l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' FTF fl-Ewropa u barra mill-Ewropa.

Is-suġġetti indirizzati kienu r-rispons tal-ġustizzja kriminali tal-UE fir-rigward ta' FTFs, it-tisħiħ ta' kooperazzjoni ġudizzjarja ma' Stati terzi, u l-isfidi u l-lezzjonijiet minn prosekuzzjonijiet ta' FTFs. Kienu diskussi l-adegwatezza tal-qafas legali, il-ġbir u l-ammissibbiltà ta' evidenza elettronika, l-investigazzjonijiet finanzjarji, strumenti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja, ir-rispons tal-ġustizzja kriminali għar-radikalizzazzjoni, l-approċċi ġudizzjarji għal persuni rimpatrijati u l-iskambju ta' informazzjoni. Preżentazzjonijiet fuq prosekuzzjonijiet ta' FTFs fl-Istati Membri u Stati terzi pprovdew perspettivi nazzjonali. Inżammu tliet workshops li ttrattaw l-istess każ, u r-riżultati kienu ppreżentati u diskussi matul is-sessjoni plenarja, u ġew integrati fit-tielet rapport tal-Eurojust, *Ġellieda Terroristiċi Barranin: Il-Fehmiet tal-Eurojust fuq il-fenomenu u r-rispons tal-ġustizzja kriminali*, li nħareġ f'Novembru 2015.

Fi ħdan il-qafas tan-network tal-Aġenziji tal-JHA, l-Aġenziji infurmaw lil xulxin dwar l-għodod/il-miżuri fis-seħħ tagħhom kontra l-FTF. Il-Eurojust tirrapporta b'mod regolari lill-Koordinatur tal-UE Kontra t-Terroriżmu dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-Eurojust fil-għlieda kontra t-terroriżmu. Fl-2015, għall-ewwel darba, il-Eurojust kienet assoċjata ma' punt fokali tal-Europol relatat mal-għlieda kontra t-terroriżmu, FP Travellers.

Il-Eurojust kompliet tipprijoritizza t-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' Stati terzi biex iżżid l-għajnuna tagħha lill-awtoritajiet nazzjonali fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tagħhom. Fl-2015, il-livell ta' kooperazzjoni operazzjonali ma' Stati terzi f'każijiet ta' terroriżmu ffaċilitati mill-Eurojust żdied b'mod konsiderevoli. Pereżempju, in-numru ta' każijiet ta' terroriżmu (10) li jinvolvi Stati terzi kien aktar minn tliet darbiet dak tas-sena l-oħra.

Il-Eurojust qed taħdem b'mod attiv biex tiżdied il-kooperazzjoni mal-pajjiżi fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq (Middle Eastern and North African, MENA). It-tkabbir tan-network ta' punti ta' kuntatt tal-Eurojust f'dan ir-reġjun hu importanti biex jiffaċilita l-ħidma tagħha fil-għlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata. Nhar il-21 ta' Lulju, 2015, il-Eurojust stiednet pajjiżi fir-reġjun tal-MENA biex jaħtru punti ta' kuntatt għall-Eurojust, inkluż punt speċifiku ta' kuntatt tal-Eurojust għall-kwistjonijiet kontra t-terroriżmu. Wara li ntbagħtu dawn l-ittri ta' stedina, ġew innominati punti ta' kuntatt għall-Eurojust fil-Libanu, il-Ġordan, l-Arabja Sawdita u l-Awtorità Palestinjana, li jiżdiedu ma' dawk diġà maħtura fl-Eġittu, l-Iżrael u t-Tuneżija.

### Monitoraġġ ta' Kundanni dwar it-Terroriżmu

*TCM* (Terrorism Convictions Monitor) hu dokument tal-Eurojust b'aċċess limitat, li jiġi mqassam b'mod partikulari lill-prosekuturi u mħallfin li jittrattaw każijiet ta' terroriżmu u ilu jiġi ppubblikat b'mod regolari sa mill-2008. Dan id-dokument jipprovdi b'mod regolari ħarsa ġenerali lejn kundanni jew liberazzjonijiet f'każijiet relatati mat-terroriżmu madwar l-Unjoni Ewropea, aġġornamenti legali, kif ukoll l-informazzjoni analitika ta' sentenzi rilevanti.

*TCM* hu bbażat fuq informazzjoni minn sorsi miftuħa u informazzjoni dwar kundanni għal reati terroristiċi, ipprovduti mill-awtoritajiet nazzjonali fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/JHA. Il-kapitli analitiċi tal-pubblikazzjonijiet li nħarġu fl-2015 kienu jinkludu analiżi ta' sentenzi ta' kawżi dwar FTFs mogħtija mill-qrati fil-Ġermanja, l-Olanda, in-Norveġja u r-Renju Unit.

Barra minn hekk, *TCM* jinkludi sommarju tal-punti ewlenin tal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà, kif ukoll il-Protokoll Addizzjonali tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu, Dikjarazzjoni Politika u l-Pjan ta' Azzjoni.

**Memorandum dwar il-Finanzjament tat-Terroriżmu**

*Il-Memorandum dwar il-Finanzjament tat-Terroriżmu* hu dokument tal-Eurojust li għandu aċċess limitat u jagħti ħarsa ġenerali tal-istrumenti u l-istandards legali adottati fuq livelli internazzjonali u tal-UE biex jiġġieldu l-finanzjament tat-terroriżmu, u jipprovdi sommarju tad-dispożizzjonijiet tagħhom. Il-*Memorandum* jippreżenta wkoll il-ħidma tal-Eurojust marbuta ma' każijiet ta' finanzjament tat-terroriżmu u jagħti ħarsa aktar dettaljata dwar l-involviment tal-Eurojust fil-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Il-Memorandum inħareġ għall-ewwel darba fl-2006 u jiġi aġġornat kull tliet snin, bl-aħħar aġġornament ikun dak li sar f'Ġunju 2014.

## 2.1.2 Iċ-Ċiberkriminalità (Kriminalità fuq l-Internet)

Min-natura tagħha, iċ-ċiberkriminalità m'għandhiex fruntieri. Evidenza elettronika ta' reati bħal dawn, tista' tkun diffiċli biex tinġabar, minħabba l-volatilità tad-dejta, u tista' tkun tirrekjedi kompetenza speċifika. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja hi essenzjali biex tiġi assigurata l-preservazzjoni f'waqtha ta' evidenza elettronika, biex tkun tista' tiġi assigurata l-ammissibbiltà tagħha fi proċedimenti ġudizzjarji. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali tista' tkun imxekkla minn differenzi sinifikanti fl-qafas legali nazzjonali (eż. fir-rigward tal-kriminalizzazzjoni ta' mġiba, jew in-nuqqas ta' leġiżlazzjoni dwar iż-żamma tad-dejta) u konflitti ta' ġurisdizzjoni.

F'dan l-isfond, il-Eurojust iffukat iktar fuq il-ġlieda kontra iċ-ċiberkriminalità bil-ħsieb li ssaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'dan il-qasam, b'mod partikulari billi: jiġi ffaċilitat l-immaniġġjar fil-pront ta' talbiet għal MLA – fattur kruċjali biex tiġi bbilanċjata l-volatilità tad-dejta u jimtlew il-lakuni li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali differenti dwar iż-żamma tad-dejta. Dan jippermetti l-involviment bikri tal-ġudikatura fl-operazzjonijiet ta' ċiberkriminalità, biex jiġi assigurat li d-dejta tinġabar b'mod konformi mar-regoli applikabbli matul il-fażi ta' investigazzjoni, u b'riżultat ta' dan, din tista' tiġi ppreżentata bħala evidenza elettronika (e-evidence) ammissibbli fi proċedimenti ġudizzjarji sussegwenti.

Iż-żieda fl-attenzjoni tal-Eurojust fir-rigward taċ-ċiberkriminalità hi riflessa fil-ħidma marbuta mal-każijiet u l-attivitajiet strateġiċi mwettqa fl-2015.

L-indikaturi ewlenin kollha tal-istatistika – in-numru ta' każijiet rreġistrati (62), il-laqgħat ta' koordinazzjoni (19), iċ-ċentru ta' koordinazzjoni (1) u l-JITs (11, li sitta minnhom kienu għadhom kemm ġew stabbiliti) – kollha

***Illustrazzjoni ta' każ***

OCG fuq skala kbira, li l-membri tiegħu kienu ġejjin prinċipalment min-Niġerja u l-Kamerun, kien responsabbli għat-twettiq ta' frodi, stmat li jiswa' EUR 6 miljun, li sar permezz ta' phishing fuq l-Internet. Dan in-network kriminali uża l-metodu magħruf bħala 'man in the middle', biex jiddevja fondi minn destinazzjonijiet leġittimi għal dawk illeġittimi billi jikseb aċċess għal passwords u dejta personali biex jieħu l-pussess tal-email accounts tal-vittmi tiegħu, biex b'hekk jikseb il-flus tagħhom jew tal-klijenti tagħhom.

Kriminali li wettqu dawn l-atti u l-vittmi tagħhom ġew identifikati f'mill-inqas 16-il post madwar id-dinja. L-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Italja, Spanja u l-Polonja daru lejn Eurojust għall-appoġġ. Ġew organizzati tliet laqgħat ta' koordinazzjoni biex jiċċaraw id-dettalji tal-investigazzjonijiet domestiċi eżistenti u biex isir skambju ta' informazzjoni. Proċeduri paralleli li kienu qed isiru fl-Italja u fi Spanja, żvelaw li l-individwi taħt investigazzjoni kienu parti minn ċelluli strutturati b'mod ġerarkiku b'interazzjonijiet fluwidi u flessibbli bejn in-networks. Fid-dawl ta' dawn il-konnessjonijiet mill-qrib, ġew identifikati sfidi għall-awtoritajiet domestiċi ta' prosekuzzjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet potenzjali *ne bis in idem*. Ġiet enfasizzata l-possibbiltà ta' duplikazzjoni ta' miri, li jfisser li l-istess persuni ssuspettati jistgħu jkunu suġġetti għal proċeduri kriminali multipli mibdija f'ġurisdizzjonijiet differenti.

Hekk kif il-każ kien qiegħed jipproċedi, inżammet it-tielet u l-aħħar laqgħa ta' koordinazzjoni biex tevalwa l-istat tal-eżekuzzjoni ta' talbiet għal MLA maħruġa mill-Italja lill-pajjiżi rilevanti, u biex isir skambju ta' informazzjoni ġdida. Ġiet osservata attività kriminali simili fi Stati Membri individwali u ġiet identifikata duplikazzjoni addizzjonali ta' miri. Dawn għenu lill-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni biex jiddefinixxu l-istrateġija tagħhom għall-każ.

B'riżultat ta' dan, bil-għan li jittieħdu miżuri koersivi simultanji, il-partijiet qablu li jipparteċipaw f'jum ta' azzjoni konġunta bl-appoġġ ta' ċentru ta' koordinazzjoni tal-Eurojust. Filwaqt li l-awtoritajiet Spanjoli setgħu jieħdu azzjoni malajr, dawn il-miżuri bikrija fi Spanja setgħu possibbilment jipperikolaw l-investigazzjoni inqas avvanzata imma aktar wiesgħa tal-Italja. Kienet meħtieġa diskussjoni dwar ir-rekwiżiti legali fil-ġurisdizzjonijiet differenti biex setgħu jiġu

mifhuma r-restrizzjonijiet tal-proċedimenti fl-Istati rispettivi, u biex tiġi ddeterminata l-aktar skeda favorevoli għall-jum ta' azzjoni. Saru sforzi konsiderevoli biex ġew aġġustati l-fażijiet differenti tal-investigazzjonijiet għal dan il-għan.

Il-jum ta' azzjoni konġunta seħħ f'Ġunju 2015, u tmexxa minn awtoritajiet ġudizzjarji u tal-pulizija Taljani, Spanjoli u Pollakki. Iffaċilitat miċ-ċentru ta' koordinazzjoni f'Eurojust, il-jum ta' azzjoni ta' riżultati operattivi eċċellenti. Total ta' 49 persuna ssuspettati ġew arrestati u saru 58 perkwiżizzjoni. Permezz ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u koordinazzjoni mill-qrib bejn l-Istati involuti, persuni kriminali fiċ-ċiberkriminalità jistgħu jitressqu quddiem il-ġustizzja fi kwalunkwe ġurisdizzjoni.

juru tkabbir fl-involviment operattiv tal-Eurojust f'dan il-qasam kriminali meta mqabbel mas-snin preċedenti. Ir-Rumanija kienet l-Istat Membru li l-aktar talab assistenza, segwita mill-Greċja, il-Ġermanja u Ċipru. Ir-Renju Unit, Spanja u l-Ġermanja kienu l-aktar Stati Membri mituba.

Il-Eurojust ħadmet ukoll lejn it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-Europol fil-qlieda kontra ċ-ċiberkriminalità fuq livelli strateġiċi kif ukoll operattivi. Il-Eurojust kompliet tappoġġja b'mod attiv lil European Cybercrime Centre (EC3), ospitat mill-Europol. Għal dan il-għan, f'Lulju 2015, Eurojust ħatret Espert Nazzjonali Ssekondat dwar iċ-Ċiberkriminalità biex jaġixxi bħala rappreżentant tal-Eurojust għal kwistjonijiet operattivi tal-EC3. Id-dmirijiet tiegħu jinkludu dawk li f'isem il-Eurojust jappoġġja u jikkoordina l-kooperazzjoni mal-EC3 u, inter alia, jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni. Dan kollu jgħin sabiex tiġi assigurata l-ammissibbiltà ta' evidenza fi proċedimenti ġudizzjarji, u jippromwovi l-involviment bikri tal-Eurojust biex tiżdied l-effettività tal-prosekuzzjonijiet u, fejn ikun meħtieġ, il-konfiska tal-assi f'każijiet ta' ċiberkriminalità.

Il-preżenza tal-espert tal-Eurojust dwar iċ-ċiberkriminalità f'EC3 swiet ukol l bħala kontribut għal preżenza intensifikata fil-Punti Fokali Twins(Focal Points Twins), Terminal u Cyborg. Taħt l-EMPACT 2015 OAP Cyber Attacks, il-Eurojust u l-Europol fasslu abbozz ta' dokument konġunt dwar l-isfidi leġiżlattivi komuni fil-ġlieda kontra iċ-ċiberkriminalità, minn perspettiva predominanti dwar l-infurzar tal-liġi u l-prosekuzzjoni. Din tidentifika sitt oqsma prinċipali: telf ta' dejta; telf ta' post; qafas legali; sħubijiet pubbliċi-privati (PPPs); il-kooperazzjoni internazzjonali; u s-sitwazzjoni ta' theddid li qed tiżviluppa b'mod mgħaġġel. Id-dokument iservi bħala punt ta' tluq għal diskussjonijiet addizzjonali mal-partijiet interessati rilevanti dwar l-approċċi possibbli, li jindirizzaw

### *Laqgħat fuq iċ-ċiberkriminalità*

Fl-1 ta' Lulju, il-Eurojust ospitat laqgħa tattika fuq it-territorjalità fis-cyberspace u l-ammissibiltà ta' evidenza elettronika fi proċedimenti ġudizzjarji relatati maċ-ċiberkriminalità. Il-laqgħa tattika ġabret esperti mill-Istati Membri kollha, min-Norveġja, l-Istati Uniti tal-Amerika, kif ukoll mis-settur privat (inkluż mis-settur bankarju, u kumpaniji li joffru sigurtà fuq l-Internet), li tkellmu dwar bosta kwistjonijiet topiċi f'dan il-qasam kriminali u l-assistenza li tista' tiġi pprovduta mill-Eurojust. Il-parteċipanti ddiskutew il-ħtieġa li: tiġi mgħaġġla l-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali, b'mod partikulari l-iskambju fil-pront ta' talbiet għal MLA minħabba l-volatilità tad-dejta elettronika; li tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u s-settur privat (bħal Internet Service Providers); u biex jiġi assigurat l-involviment bikri tal-awtoritajiet ġudizzjarji biex, inter alia, tiġi ssalvagwardjata l-ammissibbiltà bħala evidenza tal-informazzjoni miġbura mis-settur privat.

Fil-laqgħa, saret sejħa għal skambju aktar mgħaġġel u effettiv ta' esperjenza, prattika tajba u l-lezzjonijiet mitgħallma. F'dan ir-rigward, il-prattikanti evalwaw il-proposta tat-twaqqif ta' network ta' prosekuturi u mħallfin taċ-ċiberkriminalità.

Konsegwentement, f'Novembru 2015, il-Eurojust ospitat laqgħa, *Lejn Network Ġudizzjarju taċ-Ċiberkriminalità*, li permezz tagħha ġabret esperti ġudizzjarji fil-qasam taċ-ċiberkriminalità mill-Istati Membri kollha, kif ukoll min-Norveġja, l-Iżvizzera, l-Istati Uniti tal-Amerika, l-EC3 u l-Kunsill tal-Ewropa. Il-parteċipanti qablu dwar il-ħtieġa li jitwaqqaf network ġudizzjarju taċ-ċiberkriminalità appoġġjat mill-Eurojust, bħala pjattaforma għad-diskussjoni dwar ostakoli ġuridiċi, l-identifikazzjoni u d-disseminazzjoni ta' prattika tajba, u l-qsim tal-każistika (jew ġurisprudenza).

Barra minn hekk, huma ddiskutew il-proċess ta' MLA bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Istati Membri, u ġew infurmati dwar il-proġetti mibdija u appoġġjati mill-Kumitat tal-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità tal-Kunsill tal-Ewropa. Rappreżentanti tal-Ministeru tas-Sigurtà u l-Ġustizzja tal-Olanda pprovdew ħarsa ġenerali tal-prijoritajiet tal-Presidenza tagħhom, li hi l-Presidenza li jmiss tal-UE, li fosthom hemm il-ġlieda kontra iċ-ċiberkriminalità (b'enfasi fuq il-kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni).

dawn l-isfidi, inkluż l-allinjament addizzjonali ta' strumenti legali u prattiċi li jikkonċernaw l-MLA u l-iskambju ta' informazzjoni u evidenza elettronika għall-fini ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet f'każijiet ta' ċiberkriminalità.

Matul iż-żjara li għamlet f'The Hague f'Settembru, l-Onorevoli s-Sinjura Loretta Lynch, Avukat Ġenerali, tal-Istati Uniti tal-Amerika, ħabbret li Prosekutur Amerikan Espert dwar iċ-Ċiberkriminalità se jkun issekondat mal-Eurojust.

Minbarra li pprovdiet appoġġ fl-operat ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet nazzjonali lill-EC3, il-Eurojust kompliet tappoġġja l-Proġett dwar il-Kummerċ Illegali fuq Swieq Online (Illegal Trade on Online Marketplace, ITOM), li l-konferenza tal-għeluq tiegħu saret f'Novembru 2015. Kompliet tappoġġja wkoll it-Training of Trainers and Certification Programme (TOT), li organizza l-ewwel taħriġ għall-prosekuturi u mħallfin investigattivi, maħsub biex itejjeb l-effettività u l-fehim tal-fażijiet investigattivi u ta' prosekuzzjoni ta' każijiet ta' ċiberkriminalità.

### 2.1.3 It-traffikar illegali tal-immigranti

L-Ewropa kienet iffaċċjata bi kriżi bla preċedent b'riżultat ta' żieda qawwija fil-kuntrabandu ta' immigranti illegali u s-sekwenza atroċi ta' inċidenti li seħħew b'tant imwiet li seħħew fiż-żona Mediterranja, il-kosti Ewropej u l-kontinent Ewropew.

Il-Eurojust stess iffaċċjat żieda fit-talbiet għall-koordinazzjoni ġudizzjarja f'dan il-qasam minħabba l-karattru rikorrenti u mifrux tar-reati mwettqa fl-Istati Membri. In-numru ta' każijiet ta' kuntrabandu ta' immigranti illegali (60) u laqgħat ta' koordinazzjoni (20) kważi rdoppja meta mqabbel mal-2014. L-aktar Stati Membri li ressqu talbiet kienu l-Greċja, Franza u l-Awstrija. Il-Ġermanja kienet l-aktar mitluba, segwita minn Franza u l-Ungerija.

B'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra l-Kuntrabandu tal-Migranti, il-Eurojust ħadmet mill-qrib mal-Europol, Frontex u l-EASO biex tiġbor informazzjoni dwar il-*modi operandi* tal-kuntrabandisti, bħala appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali biex jintraċċaw il-flus, u biex jassistuhom fl-investigazzjonijiet. Għal dan il-għan, il-Eurojust kabbret il-kooperazzjoni tagħha mal-Punt Fokali tal-Europol Checkpoint u ma' JOT Mare. Din l-intensifikazzjoni fil-kooperazzjoni nkisbet billi - minbarra li nżammu laqgħat *ad hoc* dwar każijiet operattivi individwali – ġew organizzati wkoll laqgħat trimestrali biex jiġu diskussi mezzi u metodi (pereżempju, proċess aġġornat ta' skambju ta' informazzjoni dwar każijiet li kienu għaddejjin) biex itejbu il-kooperazzjoni u l-kompetenzi biex jiġu appoġġjati l-awtoritajiet nazzjonali fil-ġlieda tagħhom kontra l-kuntrabandu ta' immigranti illegali.

Fl-1 ta' Ottubru, 2015, ġiet iffirmata Ittra ta' Ftehim dwar il-Kooperazzjoni bejn il-Eurojust u l-operazzjoni militari

***Illustrazzjoni ta' każ***

Tnediet investigazzjoni fuq OCG issuspettat li kien qed jiffaċilita d-dħul illegali ta' ċittadini Albaniżi fl-Unjoni Ewropea permezz ta' vetturi tat-trasport mikrija rreġistrati fir-Repubblika Ċeka. L-OCG, li ilu opera sa mill-aħħar tal-2013, kien qed jittrasporta immigranti illegali lejn ir-Renju Unit permezz ta' żewġ rotot: jew mit-Turkija, inkella mill-Greċja għall-Belġju u mbagħad lejn ir-Renju Unit fil-vetturi misjuqa minn sewwieqa Ċeki u Slovakki, jew inkella mill-Bulgarija jew is-Serbja lejn ir-Repubblika Ċeka, u mbagħad mill-Ġermanja għar-Renju Unit permezz ta' vapur jew bil-ferrovija. Matul dan il-perjodu, aktar minn 100 immigrant illegali ddaħħlu fl-Unjoni Ewropea.

Il-Eurojust u l-Istati Membri involuti f'dan il-każ attendew diversi laqgħat operattivi fil-Europol fl-2014 għal "Operazzjoni Tantaluf". Il-ħtieġa għal kooperazzjoni ġudizzjarja ressqet il-każ lill-Eurojust f'Diċembru 2014. Il-Eurojust organizzat erba' laqgħat ta' koordinazzjoni, u b'hekk ipprovdiet forum għall-awtoritajiet Belġjani, Ċeki, Ġermaniżi, Franċiżi u dawk tar-Renju Unit biex jiddiskutu l-aspetti ġudizzjarji tal-każ. Kompliet il-kooperazzjoni mill-qrib mal-Europol, u l-analisti tagħhom attendew il-laqgħat ta' koordinazzjoni f'Eurojust.

Il-Belġju intgħażel bħala l-Istat li kien fl-aħjar pożizzjoni biex jagixxi bħala l-ġuriżdizzjoni ta' prosekuzzjoni. Din id-deċiżjoni kienet influwenzata mill-fatt li kien jidher li l-operazzjoni marbuta mal-kuntrabandu ta' immigranti illegali kienet ċentralizzata f'belt fil-Belġju. Il-Eurojust kienet strumentali fil-formazzjoni ta' JIT bejn il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju Unit u l-Ġermanja. L-appoġġ finanzjarju tal-Eurojust ippermetta li dan il-każ jimxi b'mod aktar mgħaġġel u kopra l-ispejjeż marbuta ma' riżorsi kruċjali meħtieġa għal operazzjoni bħal din fuq skala hekk kbira, b'mod partikulari għas-servizzi ta' interpretazzjoni u ta' traduzzjoni, spejjeż ta' vvjaġġar u tagħmir tekniku. L-iskambju tal-evidenza bejn il-pajjiżi parteċipanti kollha sar b'mod sempliċi u dirett, u l-awtoritajiet Belġjani setgħu jiksbu informazzjoni wara talba għal MLA lill-awtoritajiet Franċiżi dwar sewwieqa li kienu ġew imwaqqfa fi Franza.

L-investigazzjoni dwar dan il-każ żvelat li fi 13-il inċident ta' kuntrabandu, dan l-OCG ġġenera profitt ta' iktar minn EUR 500,000

għad-detriment ta' aktar minn 100 persuna vulnerabbli li ġew ivvittimizzati. F'Novembru 2015 sar jum ta' azzjoni komuni, sostnut minn ċentru ta' koordinazzjoni tal-Eurojust. Kienu arrestati 8 persuni ssuspettati, 24 ġew intervistati bħala xhieda jew inkella persuni ssuspettati, u saru 10 tfittxijiet fi djar. Matul il-jum ta' azzjoni konġunta, ġew eżegwiti sitt EAWs.

tal-UE fil-Mediterran Ċentrali tan-Nofsinhar (EUNAVFOR MED). EUNAVFOR MED tnediet fit-22 ta' Ġunju, 2015, bil-għan li jsiru sforzi sistematiċi biex jidentifikaw, jikkonfiskaw, jaqbdu u jeqirdu bastimenti u assi użati mill-kuntrabandisti. Din l-Ittra ta' Ftehim tistabbilixxi qafas għal tisħiħ tal-kooperazzjoni u d-djalogu fil-ġlieda kontra l-kuntrabandu ta' immigranti illegali. Tafferma l-impenn taż-żewġ partijiet biex jiskambjaw informazzjoni strateġika ta' natura mhux operattiva, prattiċi tajbin, kompetenza u esperjenza fil-qasam tat-traffikar ta' immigranti illegali.

Fuq livell istituzzjonali, f'April 2015, il-Kulleġġ tal-Eurojust ħatar Punt ta' Kuntatt għat-Traffikar ta' Immigranti Illegali biex jirrappreżenta lill-Eurojust fi ħdan il-Grupp ta' Kuntatt ta' Aġenziji tal-UE dwar il-Kuntrabandu tal-Migranti mwaqqaf mill-Kummissjoni Ewropea fl-2015, b'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra l-Kuntrabandu tal-Migranti.

Il-Hotspot approach, proposta mill-Kummissjoni Ewropea bħala parti mill-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, għandha bħala l-għan prinċipali tagħha, il-koordinazzjoni ta' assistenza tal-UE lill-Istati Membri li l-aktar li qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' pressjoni migratorja speċifika u sproporzjonata fil-fruntieri esterni tagħhom. Il-Eurojust appoġġjat il-Hotspots fl-Italja u l-Greċja – tnejn mill-Istati Membri l-aktar milquta mill-flussi migratorji fl-2015. Prosekuturi nazzjonali fl-Italja u fil-Greċja nħatru bħala punti ta' kuntatt tal-Eurojust bħala appoġġ lil postijiet li fihom Hotspot u biex dawn ikunu jistgħu jgħaddu l-informazzjoni u każijiet rilevanti lis-Sezzjonijiet Nazzjonali f'Eurojust għal segwitu ġudizzjarju u koordinazzjoni fuq livell tal-UE.

Il-President tal-Eurojust għamlet żjara lill-Hotspots fl-Italja (Ottubru 2015) u fil-Greċja (Diċembru 2015), u ltaqgħet ma' rappreżentanti ġudizzjarji u navali Taljani u Griegi, kif ukoll ma' EUNAVFOR MED u Frontex, biex jiddiskutu l-ġlieda kontra l-kuntrabandu ta' immigranti illegali u l-ħtieġa għal tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja.

F'Settembru, il-Kulleġġ tal-Eurojust waqqaf il-Grupp Tematiku dwar it-Traffikar ta' Immigranti Illegali, li l-perjodu ta' żmien li ġie allokat għalih (2015-2020), jikkoinċidi mal-perjodu ta' żmien tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra l-Kuntrabandu tal-Migranti. L-għanijiet tal-Grupp Tematiku huma, *inter alia*, biex: (i) jissaħħaħ l-appoġġ lill-uffiċċji tal-prosekuzzjoni affettwati mit-traffikar ta' immigranti illegali, (ii) jiġu identifikati u analizzati l-isfidi fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dan it-tip ta' reat, kif ukoll l-aħjar prattika fir-rigward tagħhom, u (iii) biex jittejjeb l-użu ta' strumenti eżistenti legali internazzjonali u tal-UE f'dan il-kuntest.

Barra minn hekk, il-Eurojust kompliet tappoġġja *fora* oħra strateġiċi u proġetti mfassla biex itejbu l-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-traffikar ta' immigranti illegali billi, pereżempju, tipparteċipa fil-proġett reġjonali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM), *Tisħiħ tal-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni u l-kuntrabandu tal-migranti fil-Balkani tal-Punent*, biex tippreżenta l-aħjar prattiċi fit-twettiq ta' attivitajiet internazzjonali f'żewġ workshops, fil-fYROM u fil-Montenegro. L-għan ta' dan il-proġett, li hu ffinanzjat mill-Fond għall-Iżvilupp IOM u l-gvern Taljan, hu li tissaħħaħ il-kapaċità u l-kooperazzjoni transkonfinali tal-partijiet interessati mir-reġjun tal-Balkani tal-Punent, fil-ġlieda kontra reati transkonfinali bħal THB u l-kuntrabandu ta' immigranti illegali.

### 2.1.4 THB (It-Traffikar tal-Bnedmin)

L-appoġġ operattiv mogħti mill-Eurojust għal investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet nazzjonali marbuta mat-traffikar tal-bnedmin żdied għal 79 każ. In-numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni (32) kważi ttrippla. Twaqqaf ċentru ta' koordinazzjoni f'okkażjoni waħda. L-Istat Membru l-aktar rikjedenti kien ir-Renju Unit, segwit mill-Bulgarija, ir-Rumanija u s-Slovenja. L-Istat Membru l-aktar rikjest kien ir-Rumanija, segwit mill-Olanda u l-Ungerija.

In-numru ta' JITs relatati ma' każijiet ta' THB żdied għal 21, b'disa' JITs ġodda stabbiliti fl-2015. Fost dawn il-JITs ġodda kien hemm wieħed bejn Franza u – għall-ewwel darba - il-Bosnia u Herzegovina, appoġġjat mill-finanzjament tal-Eurojust għal JITs.

Fil-kuntest tal-Proġett Strateġiku tal-Eurojust dwar it-THB, saret it-tieni laqgħa strateġika dwar it-THB.

***Laqgħa strateġika dwar it-THB***

Fis-16 u s-17 ta' April, il-Eurojust żammet laqgħa strateġika dwar it-THB. Il-laqgħa ġabret flimkien imħallfin, prosekuturi u awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri, in-Norveġja, l-Iżvizzera, il-Ġappun u l-Istati Uniti tal-Amerika. Għal-laqgħa attendew ukoll rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea, il-Europol, FRA, UNODC, l-Università ta' Cambridge, il-Western Union u Facebook.

Ms Myria Vassiliadou, il-Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar, enfasizzat l-importanza ta' approċċ komprensiv għall-ġlieda kontra t-THB minħabba n-natura dejjem tevolvi u internazzjonali ta' dan ir-reat. Ir-rappreżentanti ta' Western Union kif ukoll ta' Facebook ippreżentaw il-problemi li jħabbtu wiċċhom magħhom u ssuġġerew toroq possibbli ta' kooperazzjoni ma' awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji fil-ġlieda kontra t-THB. Il-parteċipanti ddiskutew l-isfidi ewlenin li jiġu ffaċċjati bihom fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' THB, u identifikaw l-aħjar prattika fir-rigward tagħhom. Speċifikament, ġew indirizzati s-suġġetti li ġejjin: (i) id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom l-awtoritajiet nazzjonali fil-kooperazzjoni ġudizzjarja relatata mas-smigħ u l-protezzjoni tal-vittmi/xhieda fil-każijiet marbuta ma' THB; (ii) l-isfidi fil-prosekuzzjoni ta' każijiet dwar it-THB għal skopijiet ta' sfruttament tax-xogħol; u (iii) kwistjonijiet ta' kooperazzjoni ġudizzjarja relatati mal-użu tal-JITs, il-ġbir u l-ammissibiltà ta' evidenza elettronika, l-użu ta' tekniki investigattivi speċjali, u investigazzjonijiet finanzjarji f'każijiet ta' THB. Barra minn hekk, is-siwi tal-involviment tal-Eurojust f'każijiet ta' THB ġie enfasizzat, u ġew identifikati oqsma oħra li fihom il-Eurojust tista' wkoll tassisti lil Stati Membri. L-eżitu tar-rapport tal-laqgħa strateġika hu disponibbli fuq il-website tal-Eurojust.

### *Illustrazzjonijiet ta' każijiet*

Żewġ każijiet li juru b'mod ċar l-użu ta' JITs f'każijiet ta' THB, ittieħdu għand il-Eurojust fl-2013. Il-każijiet kienu mmexxija mill-istess uffiċċju tal-prosekuzzjoni fir-Renju Unit u kienu marbuta mat-traffikar ta' nisa li kienu ġejjin minn sfondi familjari bi dħul baxx fl-Ungerija u r-Repubblika Slovakka, biex jittieħdu fir-Renju Unit għal skopijiet ta' sfruttament sesswali, kemm fil-prostituzzjoni kif ukoll għal żwiġijiet ta' konvenjenza.

L-ewwel każ kien jikkonċerna l-attivitajiet ta' OCG Ungeriż, prinċipalment ibbażat fir-Renju Unit, li kien responsabbli għat-traffikar ta' mill-inqas 250 mara lejn u fir-Renju Unit għal skopijiet ta' prostituzzjoni. L-urġenza tal-każ u l-benesseri tan-nisa involuti ġew rinforzati meta waħda mill-vittmi marret għand l-awtoritajiet tar-Renju Unit, u pprovdiet dikjarazzjoni tal-abbużi mwettqa kontra tagħha.

Fit-tieni każ, ċittadini Slovakki kienu involuti fir-reklutaġġ ta' nisa f'pajjiżhom biex jużawhom fi żwiġijiet ta' konvenjenza fir-Renju Unit, u b'hekk jipprovdu l-mezzi biex irġiel Pakistani jkunu jistgħu jibqgħu fir-Renju Unit bħala konjuġi ta' ċittadini tal-UE. Uħud min-nisa emmnu li kienu ngħabu

F'Diċembru 2015, il-Eurojust ippubblikat rapport, *Il-Prosekuzzjoni ta' THBs għal skop ta' sfruttament tax-xogħol.* Is-sejbiet tar rapport huma bbażati fuq l-analiżi ta', inter alia, 32 sentenza minn 11-il pajjiż u każijiet ta' traffikar tal-bnedmin għal sfruttament tax-xogħol irreġistrati għand il-Eurojust. Ir-rapport għandu l-ħsieb li jservi bħala sors ta' informazzjoni għall-prattikanti involuti fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' THB għal sfruttament tax-xogħol billi jidentifika indikaturi possibbli ta' sfruttament tax-xogħol u jagħmel evalwazzjoni ta' kif dawn jiġu interpretati fil-ġurisprudenza nazzjonali. Ir-rapport jipprovdi wkoll ħarsa ġenerali qasira lejn każijiet ta' THM għal sfruttament tax-xogħol ittrattati fil-Eurojust, li abbażi tagħhom ġew deskritti wħud mill-isfidi ffaċċjati mill-pajjiżi involuti. L-aħjar prattika fil-kooperazzjoni ġudizzjarja kif ukoll l-assistenza possibbli tal-Eurojust huma enfasizzati, partikularment billi jiġi ffaċilitat l-iskambju fil-pront ta' informazzjoni, jiġu organizzati laqgħat u ċentri ta' koordinazzjoni, tingħata assistenza biex jiġu mwaqqfa JITs u l-finanzjament tagħhom, u li tingħata assistenza fl-eżekuzzjoni ta' LoRs.

Il-Eurojust kompliet iġġedded l-attenzjoni tagħha fuq l-effikaċja tal-JITs f'każijiet ta' THB, u baqgħet tappoġġja b'mod attiv diversi workshops organizzati fi ħdan il-qafas tal-proġett *L-Użu ta' Teams Konġunti ta' Investigazzjoni fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fil-Balkani tal-Punent fuq livell lokali.* Il-proġett qed jitwettaq bi sħubija mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Istat u l-Ministeru tal-Intern tar-Repubblika tas-Slovenja u l-Uffiċċju tal-Prosekutur u l-Ministeru tal-Intern tar-Repubblika tal-Bulgarija, u hu ffinanzjat mill-Programm tal-Kummissjoni Ewropea għall-Prevenzjoni ta' u l-Ġlieda Kontra l-Kriminalità.

Il-Eurojust kompliet tipparteċipa b'mod attiv fil-laqgħat tal-Punti ta' Kuntatt ta' THB fl-Aġenziji ta' JHA, li huma ppreseduti mill-Kummissjoni Ewropea. Il-laqgħat ilaqqgħu flimkien rappreżentanti ta' aġenziji rilevanti tal-UE bl-iskop li jissimplifikaw l-azzjonijiet u jottimizzaw ir-riżorsi fil-ġlieda kontra t-THB.

Il-Eurojust ipparteċipat fid-Disa' Edizzjoni tal-Jum Kontra t-Traffikar organizzat mill-Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar. Bħala fatturi ewlenin fl-istrateġija fil-ġlieda kontra t-THM, ġew enfasizzati kif se tiġi ttrattata d-domanda, il-promozzjoni ta' investigazzjonijiet finanzjarji u t-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali.

fil-pajjiż għal xogħol leġittimu. Mill-anqas mara waħda ġiet stuprata mir-raġel li lilu kienet mibjugħa.

Fiż-żewġ każijiet, ġie stabbilit JIT bejn ir-Renju Unit u l-Istat Membru rispettiv, bil-parteċipazzjoni tal-Eurojust u l-Europol. L-investigazzjonijiet gawdew mill-qafas tal-JITs, li jippermetti l-kondiviżjoni effettiva ta' informazzjoni u evidenza rilevanti miġbura għall-iskop ta' prosekuzzjoni mingħajr il-ħtieġa li jsiru talbiet formali għal MLA. Barra minn hekk, f'dawn il-każijiet ta' THB, il-JIT kien essenzjali biex jiġu ssinkronizzati l-isforzi bejn iż-żewġ ġurisdizzjonijiet, biex jiġi żarmat l-OCG, u biex jippermetti lill-awtoritajiet kemm fir-Renju Unit u kif ukoll fl-Istati rikjesti, li jilħqu lill-vittmi u jipprovdulhom sostenn mingħajr ma jiltaqgħu ma' ostakoli kkawżati minn differenzi ġurisdizzjonali u proċedurali possibbli bejn l-Istati Membri. Il-Eurojust ipprovdiet ukoll fondi għal JITs bħala appoġġ għall-investigazzjonijiet, li kienu jkopru l-ispejjeż ta' riżorsi utli li huma meħtieġa għal operazzjonijiet fuq skala kbira bħal dawn. Pereżempju, fir-rigward tal-investigazzjoni dwar l-OCG Ungeriż, il-pulizija tar-Renju Unit setgħu jivvjaġġaw lejn l-Ungerija biex jassistu lix-xhieda jagħmlu depożizzjoni tal-evidenza permezz ta' video link.

Bħala riżultat tal-isforzi koordinati kontra l-OCG Ungeriż, 11-il persuna kienu arrestati. Fl-2015, l-akkużati nstabu ħatja ta' konfoffa biex jittraffikaw fir-Renju Unit, konspirazzjoni għall-kontroll ta' prostituzzjoni u stupru. L-akkużati kollha ngħataw sentenzi ta' priġunerija li jvarjaw minn 20 xahar sa 14-il sena..

Inżammu żewġ proċeduri kriminali kontra l-OCG Slovakk. F'Diċembru 2013, ingħataw sentenzi ta' bejn 16-il xahar u 10 snin priġunerija kontra erba' akkużati. Madankollu, baqgħu għaddejjin inkjesti dwar reati oħra fir-Renju Unit u r-Repubblika Slovakka, u nżammu proċeduri kriminali oħra f'Awissu 2015, li rriżultaw fil-kundanna ta' sitt persuni, li tlieta minnhom diġà kienu ġew ikkundannati għat-traffikar fl-2013. Is-sentenzi ta' priġunerija kienu jvarjaw minn 12-il xahar sa sitt snin u nofs. F'Jannar 2016, erbgħa mill-irġiel ikkundannati kienu soġġetti għal-"ordnijiet kontra l-iskjavitù" fir-rigward ta' aġir futur, inkluż fir-Repubblika Slovakka; dawn kienu fost l-ewwel minn dawn l-ordnijiet magħmula taħt l-Att tal-2015 tar-Renju Unit dwar l-Iskjavitù Moderna, u l-ewwel li kellhom aspett extraterritorjali.

## 2.1.5 Il-Frodi

Permezz ta' 674 każ irreġistrat fl-2015, żieda ta' aktar minn 80 każ meta mqabbel mal-2014, il-frodi kompla jirrappreżenta l-akbar numru ta' każijiet tal-ħidma marbuta mal-każijiet tal-Eurojust. L-ambitu tal-assistenza tal-Eurojust fl-isforzi nazzjonali fil-ġlieda kontra din il-forma ta' kriminalità hu evidenti meta wieħed iħares lejn in-numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni (76), ċentri ta' koordinazzjoni (9) u JITs (34, li 12 minnhom twaqqfu għall-ewwel darba). Kull wieħed minn dawn l-għodod operattivi intuża l-aktar spiss f'każijiet marbuta ma' imbrolji u frodi.

L-Ungerija, il-Greċja, l-Awstrija u r-Rumanija kienu l-Istati Membri l-aktar rikjedenti. Ir-Renju Unit, il-Ġermanja u l-Polonja kienu l-Istati Membri l-aktar rikjesti.

Il-Eurojust ipparteċipat f'diversi attivitajiet strateġiċi sabiex jiġu identifikati l-ostakoli operattivi u l-aħjar prattika fi kwistjonijiet relatati mal-kriminalità finanzjarja, u qassmet informazzjoni rilevanti u l-kompetenza fil-Eurojust u fost il-prattikanti.

Il-Eurojust kellha rwol attiv fl-avvanz ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'oqsma kritiċi, bħal frodi fiskali u l-frodi tal-ikel, permezz tal-iskambju tal-ħidma u l-esperjenza tagħha. Il-Eurojust tappoġġja wkoll l-attivitajiet EMPACT fil-qasam tal-frodi fiskali u l-frodi MTIC, u ppreżentat

***Illustrazzjoni ta' każ***

Fi Frar 2014, l-awtoritajiet Franċiżi talbu l-appoġġ tal-Eurojust f'każ dwar OCG involut fil-kummerċ illegali u t-traffikar tal-laħam taż-żwiemel, ikkunsidrat li potenzjalment mhuwiex tajjeb għall-konsum mill-bniedem. Minħabba l-falsifikazzjoni, is-soppressjoni jew il-modifikazzjoni ta' dokumentazzjoni uffiċjali tas-saħħa mill-OCG, inklużi passaporti individwali li jkollhom ukoll rekords mediċi għal kull annimal li jkun qed jivvjaġġa, il-laħam taż-żiemel daħal fil-katina tal-ikel Ewropea b'mod frawdolenti. Fi Franza biss ġew skoperti 400 passaport ta' żwiemel li kellhom anomaliji. L-awtoritajiet Franċiżi stmaw li madwar 4,700 żiemel li ma kinux tajbin għall-konsum mill-bniedem, inqatlu u ġew introdotti fil-katina tal-ikel legali bejn l-2010 u l-2013. Dawn l-attivitajiet kienu bi ksur tal-leġiżlazzjoni tal-UE, liema leġiżlazzjoni tesiġi li l-provenjenza tal-laħam kollu għandha tkun kontabbli u traċċabbli.

L-attivitajiet tal-persuna ssuspettata prinċipali, ċittadin Belġjan li kien qed jopera mill-Belġju, kienu ġiegħlu li jibdew l-investigazzjonijiet fil-Belġju f'Novembru 2012, u fi Franza f'Lulju 2013. Dawn l-inkjesti żvelaw konnessjonijiet mal-attivitajiet tal-OCG fi Stati Membri oħra, inkluż l-Irlanda, l-Olanda u r-Renju Unit.

JIT iffinanzjat mill-Eurojust ġie ffirmat mill-Belġju u minn Franza f'Mejju 2014. Fl-ewwel laqgħa ta' koordinazzjoni f'Jannar 2015, il-parteċipanti raw il-ħtieġa li jitwaqqaf jum ta' azzjoni komuni. L-awtoritajiet qablu dwar talbiet addizzjonali għal MLAs li jkunu mfassla apposta biex tiġi assigurata l-eżekuzzjoni ta' miżuri koersivi speċifiċi matul il-jum ta' azzjoni. Minħabba l-pressjoni taż-żmien u l-aspetti uniċi tal-każ, it-talbiet għal MLAs kellhom jiġu trasmessi permezz tal-Eurojust.

Il-laqgħa rriżultat fi strateġija komuni biex jiġu ottimizzati l-possibbiltajiet li jsiru l-arresti antiċipati u biex tinġabar kemm jista' jkun l-evidenza kollha possibbli, u għenet ukoll biex isir l-iffriżar effettiv tal-kontijiet bankarji u l-konfiska ta' assi.

Il-koordinazzjoni mill-Eurojust qabel il-jum ta' azzjoni komuni kienet ikkunsidrata bħala kruċjali, u għalhekk inżammet it-tieni laqgħa ta' koordinazzjoni f'Marzu 2015. Bħala riżultat tal-laqgħa u l-informazzjoni skambjata, l-awtoritajiet Ġermaniżi qablu li jiftħu investigazzjonijiet paralleli biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni, u l-JIT ġie estiż għar-Renju Unit. Emendi għat-talbiet għal MLA minn Franza u l-Belġju kienu diskussi biex tiġi assigurata l-eżekuzzjoni f'waqtha tagħhom. Billi l-ebda investigazzjoni ma kienet infetħet fl-Olanda, il-parteċipanti fil-laqgħa qablu li Franza għandha toħroġ tliet EAWs fir-rigward ta' persuni li possibbilment kienu jinsabu fl-Olanda.

F'April 2015, jum ta' azzjoni komuni bl-involviment ta' pulizija u awtoritajiet ġudizzjarji minn Franza, il-Belġju, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, l-Olanda u r-Renju Unit, appoġġjati minn ċentru ta' koordinazzjoni fl-Eurojust, wassal għal 26 arrest u l-konfiska ta' EUR99,000 fi flus kontanti. Saru tfittxijiet f'postijiet kummerċjali u privati, kif ukoll fuq vetturi, u inqabdu aktar minn 800 passaport taż-żwiemel, flimkien ma' medikazzjoni, tużżani ta' microchips u tagħmir tal-kompjuter.

il-ħidma tagħha f'laqgħa dwar il-frodi tal-ikel organizzata mill-Food Chain Evaluation Consortium fi Brussell.

Il-Eurojust u l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Office for Harmonization in the Internal Market (OHIM)) saħħew il-kooperazzjoni tagħhom biex jappoġġjaw l-attivitajiet tal-awtoritajiet nazzjonali fil-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Għal dan il-għan, huma ffinalizzaw in-negozjati dwar Memorandum ta' Ftehim, mexxew flimkien il-*Workshop ta' Kooperazzjoni li Jistabbilixxi Network Ewropew tal-Prosekuturi tal-Proprjetà Intellettwali*, u mexxew flimkien mal-OHIM u l-Europol l-Konferenza dwar il-Bini ta' Għarfien u Kuxjenza, *Kożmetiċi u Prodotti ta' Lussu*.

### *Illustrazzjoni ta' każ*

Operazzjoni mwettqa fuq skala kbira mill-awtoritajiet Taljani żvelat OCG sofistikat involut fi frodi fiskali tat-tip carousel, marbuta mal-importazzjoni ta' prodotti taż-żejt lejn l-Italja. Din il-frodi irriżultat f'telf ta' aktar minn EUR15 miljun għall-Italja. Iż-żejt kien jinxtara fil-Ġermanja u jitħallat ma' additivi biex tinħeba n-natura vera tal-prodott, u allegatament dan intbagħat lejn Malta u l-Greċja, fejn l-ebda taxxa simili ma kienet imposta minħabba l-ħolqien ta' dokumenti foloz tat-trasport li kienu jindikaw xerrej differenti mix-xerrej ġenwin. Iż-żejt kien ittrasportat mingħajr taxxa, u wara inħażen biex imbagħad jinbiegħ b'mod illegali l-Italja permezz ta' network ta' xerrejja.

Konxji min-natura internazzjonali u l-impatt potenzjali tal-frodi fiskali li kienet għaddejja, l-awtoritajiet Taljani għarfu li biex jinkiseb suċċess fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni, kien meħtieġ approċċ ikkoordinat u multidixxiplinari, u għalhekk talbu l-appoġġ tal-Eurojust. Il-ħtieġa li tiġi ffaċilitata l-eżekuzzjoni tat-talbiet Taljani għal MLAs lir-Renju Unit, Malta, ir-Rumanija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja u l-Greċja, kienet immedjata, kif kien ukoll l-appoġġ fil-koordinazzjoni tal-attivitajiet ġudizzjarji.

Laqgħa ta' koordinazzjoni saret f'Marzu 2014, li ppermettiet li jsir irfinar ta' diversi attivitajiet investigattivi u evalwazzjoni tal-progress li kien sar, u kwalunkwe ostakoli li nqalgħu waqt l-eżekuzzjoni tat-talbiet għal MLAs. Il-laqgħa serviet ukoll biex jiġu identifikati investigazzjonijiet paralleli ħalli tiġi

evitata sitwazzjoni *ne bis in idem* u, jekk ikun meħtieġ, jiġi permess trasferiment ta' proċedimenti.

Fil-bidu tal-2015, saru rikjesti ġodda għal MLAs mill-Italja bil-ħsieb li jibdew tħejjijiet għal jum ta' azzjoni konġunta fl-Istati parteċipanti. Matul il-jum ta' azzjoni f'Marzu 2015, ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali tal-Italja, ir-Renju Unit, ir-Rumanija, il-Ġermanja, Malta u r-Repubblika Ċeka, kif ukoll il-Europol, ħadmu flimkien mill-qrib permezz taċ-ċentru ta' koordinazzjoni tal-Eurojust. Bħala riżultat, tmien persuni ssuspettati ġew arrestati, saru 61 tfittxija u sekwestri, u ġew esegwiti 43 mandat ta' ffriżar, li jkopru 21 proprjetà stmati li jiswew EUR1,654,000, ishma ta' kumpaniji b'valur ta' EUR757,000, flimkien ma' kwantitajiet kbar ta' ġojjellerija, depożiti bankarji u assigurazzjoni tal-ħajja stmati li jlaħħqu s-somma ta' EUR458,000.

Iċ-ċentru ta' koordinazzjoni kellu rwol essenzjali fil-kisba ta' dawn ir-riżultati pożittivi, minħabba li assistenza analitika u operazzjonali ngħataw f'ħin reali, u kwalunkwe sfidi ppreżentati mis-sistemi legali fl-Istati Membri ġew megħluba permezz ta' skambju immedjat ta' informazzjoni. Ir-riżultati taċ-ċentru ta' koordinazzjoni kienu sinifikanti għall-Eurojust fil-ġlieda kontra l-frodi tat-tip carousel, mhux biss għar-riżultati operattivi pożittivi tal-ġurnata ta' azzjoni kkoordinata madwar l-Istati Membri, iżda wkoll għaliex il-persuni kriminali ġew imċaħħda mill-assi tagħhom, u b'hekk l-Italja ġiet ikkumpensata għat-telf ekonomiku li sofriet minħabba l-attivitajiet illegali ta' dan l-OCG.

## 2.1.6 Il-Korruzzjoni

Il-ħidma tal-Eurojust marbuta mal-każijiet li jikkonċernaw il-korruzzjoni wkoll żdiedet b'mod sinifikanti, b'90 każ irreġistrat fl-2015, meta mqabbel ma' 55 fl-2014. It-talbiet għall-appoġġ operattiv baqgħu fl-istess livell tal-2014, b'10 laqgħat ta' koordinazzjoni.

Il-Greċja, ir-Rumanija u l-Kroazja kienu l-Istati Membri l-aktar rikjedenti. Il-Ġermanja, Ċipru u l-Italja kienu l-Istati Membri l-aktar rikjesti.

Il-Eurojust kompliet tipparteċipa fid-diskussjonijiet tal-Pjattaforma tal-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi (Asset Recovery Offices, ARO), kif ukoll fin-Network tal-Interaġenziji Camden għall-Irkupru tal-Assi (Camden Asset Recovery Inter-Agency Network, CARIN), li fih tipparteċipa bħala osservatur.

***Illustrazzjoni ta' każ***

Fl-2009, il-Bureau Nazzjonali tal-Investigazzjoni Finlandiż nieda investigazzjoni qabel inbeda l-proċess ta' każ ta' allegat tixħim aggravat li twettaq fil-Finlandja, is-Slovenja u l-Kroazja, b'rabta mal-konklużjoni ta' kuntratti bejn kumpanija Finlandiża li tispeċjalizza fil-produzzjoni ta' vetturi armati, u l-Ministeri tad-Difiża tas-Slovenja u l-Kroazja. L-awtoritajiet Finlandiżi ssuspettaw li r-rappreżentanti tal-kumpanija Finlandiża kienu qed ixaħħmu lill-uffiċjali ta' livell għoli tal-gvern fis-Slovenja u l-Kroazja, u ssuspettaw ukoll li l-flus kienu qed jiġu ttrasferiti minn ċittadin Awstrijak mill-Awstrija għall-uffiċjali rispettivi.

Biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni, intalab l-appoġġ tal-Eurojust b'rabta mal-investigazzjonijiet Kroati u Sloveni. Il-Eurojust tat kontribut għall-bini ta' fiduċja bejn l-awtoritajiet involuti, u ġie stabbilit kuntatt dirett bejn l-awtoritajiet hekk kif il-każijiet komplew għaddejjin. Madankollu, ir-rwol li kellhom id-Desks Nazzjonali biex jiffaċilitaw il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, kien il-fattur deċiżiv fir-riżultat produttiv ta' din il-kooperazzjoni. Sakemm id-Desk Nazzjonali Kroat twaqqfet f'Eurojust fl-2013, il-prosekutur ta' kollegament Kroat assista lill-Eurojust fil-komunikazzjoni mal-awtoritajiet Kroati.

Fl-2010, ġew stabbiliti ftehimiet ta' JITs b'rabta maż-żewġ każijiet, u dawn ġew iffirmati mill-Finlandja, l-Awstrija, is-Slovenja u l-Kroazja. Inżammu diversi laqgħat ta' koordinazzjoni f'Eurojust, li fihom il-parteċipanti setgħu jiskambjaw informazzjoni u jaqblu dwar kif setgħu jużaw l-informazzjoni miġbura bħala evidenza. Hekk kif il-każijiet bdew joqorbu għall-istadju tal-proċess ġudizzjarju, il-laqgħat ta' koordinazzjoni pprovdew forum fejn il-parteċipanti setgħu jiskambjaw b'mod dirett l-evidenza li kienet se tintuża fil-proċeduri ġudizzjarji. Fil-laqgħa fi Frar 2013, il-parteċipanti laħqu qbil fuq il-post tal-prosekuzzjonijiet u ddeċidew fuq il-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet Finlandiżi fl-intervisti tax-xhieda fl-Awstrija.

Il-proċessi kriminali nżammu fis-Slovenja u l-Finlandja mill-2013 'il quddiem. Id-Desk Nazzjonali Finlandiża ittrattat bosta talbiet mill-awtoritajiet Sloveni biex tirrispondi għall-argumenti tad-difiża fir-rigward, fost

affarijiet oħrajn, il-legalità ta' miżuri koersivi, bħal perkwiżizzjonijiet fi djar, li saru fil-Finlandja. Minħabba bidla leġislattiva fil-liġi kriminali Finlandiża, l-aderenza tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-istandards għal proċess ġust tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ġiet ikkontestata. Kien kruċjali l-appoġġ mgħaġġel tal-Eurojust biex jiġu ribattuti l-argumenti waqt li kienu għaddejjin is-seduti tal-kawżi.

Il-kawża fis-Slovenja tat l-ewwel riżultat ta' kundanna. Madankollu, fl-2015, l-akkużat eventwalment inħeles mill-Qorti Kostituzzjonali Slovena. Fil-Finlandja, il-proċedimenti ta' appell kienu għadhom għaddejjin fl-2015. L-ebda akkużi ma tressqu fil-Kroazja.

### 2.1.7 It-Traffikar tad-Droga

It-traffikar tad-droga baqa' jżomm postu bħala t-tieni fost ir-reati li l-aktar jidhru fil-każijiet tal-Eurojust, b'274 każ irreġistrat fl-2015, u 57 laqgħa ta' koordinazzjoni miżmuma.

Id-Danimarka kienet l-Istat Membru li l-aktar talab assistenza, segwita mir-Rumanija, Franza u l-Ġermanja. L-Olanda kienet l-iktar Stat Membru rikjest, segwita minn Spanja u l-Ġermanja.

Barra minn hekk, twaqqaf ċentru wieħed ta' koordinazzjoni, u 25 JITs ittrattaw reati relatati mat-traffikar tad-droga, li tmienja minnhom ġew stabbiliti fl-2015.

F'Jannar 2015, il-Eurojust ippubblikat ir- *Rapport ta' Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar it-Traffikar tad-Droga* u l-addenda tiegħu. Kien ippreżentat uffiċjalment quddiem il-Kummissjoni tan-NU dwar id-Drogi Narkotiċi f'Marzu 2015, waqt avveniment sekondarju dwar 'il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'każijiet ta' traffikar ta' drogi', koorganizzat mill-Kummissjoni Ewropea u l-Eurojust. Ir-rapport jiddeskrivi l-progress miksub mill-Eurojust fl-oqsma identifikati għal titjib fil-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali fil-kuntest tal-proġett strateġiku, *It-titjib tal-ħidma tal-Eurojust fil-każijiet ta' traffikar tad-droga,* u jinkludi fokus fuq tliet kwistjonijiet: (i) kunsinni kkontrollati, (ii) il-prekursuri u NPS u (iii) il-kooperazzjoni ma' Stati terzi. L-addenda bbenefikat mill-kontribuzzjonijiet li waslu mingħand l-prosekuturi li pparteċipaw fil-laqgħa strateġika tal-2014 f'Eurojust. Wara li ntemmet b'suċċess Fażi I tal-proġett strateġiku, il-Kulleġġ tal-Eurojust ddeċieda li jestenduh għal Fażi II (2015-2016).

Il-Kulleġġ tal-Eurojust żamm diskussjoni tematika dwar kunsinni kkontrollati f'Ottubru 2015, biex sar skambju ta' esperjenza fuq kumplikazzjonijiet li jiltaqgħu magħhom l-awtoritajiet ġudizzjarji f'każijiet ta' kunsinni kkontrollati, u ġie diskuss ir-rwol tal-Eurojust u kif il-kapaċità tal-Eurojust tiġi mtejba fil-ħidma fuq każijiet futuri.

Barra minn hekk, il-Eurojust ħadet sehem attiv f'żewġ laqgħat dwar kunsinni kkontrollati, organizzata mill-Grupp Pompidou (Kunsill tal-Ewropa) f'Ġunju u f'Novembru 2015, li matulhom il-Eurojust ikkontribwixxiet għall-bidu ta' proġett bil-għan li jsir abbozz ta' manwal dwar kunsinni kkontrollati.

***Illustrazzjonijiet ta' każijiet***

**Każ Taljan** marbut mat-traffikar ta' NPS mill-Italja lejn l-Olanda, tressaq għand il-Eurojust, primarjament biex jiffaċilita l-eżekuzzjoni ta' talba mill-Italja għal MLA biex tinġabar informazzjoni dwar kumpaniji involuti fl-attivitajiet kriminali u biex isiru perkwiżizzjonijiet f'diversi postijiet.

Minħabba l-karatterizzazzjoni tas-sustanzi, l-awtoritajiet Olandiżi ma setgħux jeżegwixxu t-talba għal MLA. Filwaqt li fil-bidu kien maħsub li kienet mephedrone, kriminalizzata kemm taħt il-liġi Olandiża kif ukoll dik Taljana, l-analiżi teknika tas-sustanzi aktar tard ippruvat lis-sustanzi bħala prodott sekondarju derivattiv ta' mephedrone, u għalhekk ma kinux fl-ambitu tal-Att Olandiż dwar l-Opju.

Bħala bażi legali alternattiva, l-awtoritajiet Olandiżi sussegwentament irreferew għall-Att dwar il-Mediċini. Madankollu, wara d-deċiżjoni tas-CJEU tal-10 ta' Lulju, 2014, l-Att dwar il-Mediċini kien biss applikabbli għal dan il-għan jekk is-sustanza ttraffikata setgħet tiġi kkunsidrata bħala prodott mediċinali. Is-sustanza inkwistjoni ma kinitx taqa' taħt id-definizzjoni tas-CJEU dwar prodott mediċinali, u, bħala konsegwenza, it-talba għal MLA ma setgħetx tiġi esegwita fuq il-bażi tal-Att dwar il-Mediċini. Bażijiet legali oħra kienu esplorati, iżda billi ma nstabux alternattivi vijabbli, it-talba għal MLA ma setgħetx tiġi

esegwita minħabba nuqqas ta' kriminalità doppja. L-investigazzjoni parallela fl-Olanda ġiet sussegwentement magħluqa.

L-**awtoritajiet Belġjani** iffaċċjaw sfida simili fl-investigazzjoni dwar traffikar ta' GBL, prekursur użat bħala droga jew li jiġi mmodifikat b'mod addizzjonali fid-droga GHB. Filwaqt li l-GBL mhijiex kriminalizzata taħt il-liġi Belġjana, ingħata bidu għall-investigazzjoni abbażi ta' suspett li s-sustanza kienet użata għal skopijiet kriminali. L-investigazzjoni żvelat konnessjonijiet mal-Olanda u l-Polonja. Biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni ġudizzjarja, l-awtoritajiet Belġjani avviċinaw lill-Eurojust għall-appoġġ u nżammet laqgħa ta' koordinazzjoni. L-awtoritajiet nazzjonali Olandiżi u Pollakki kienu lesti li jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni mal-kontropartijiet Belġjani tagħhom, iżda ġew iffaċċjati bl-ostakolu legali li l-GBL ma kinitx inkluża fil-lista ta' sustanzi kkontrollati u, għalhekk, ma kinitx illegali. L-investigazzjonijiet ma setgħux jinbdew sa meta setgħet tinkiseb informazzjoni addizzjonali li turi li l-kummerċ f'din is-sustanza kien marbut ma' attività kriminali, bħall-modifika ta' GBL biex issir GHB. L-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe talbiet għal MLA relatati mal-GBL iltaqgħet mal-istess ostakolu legali. Il-każ kien għadu għaddej fl-2015.

Bażi legali alternattiva għall-proċeduri ġudizzjarji u l-kooperazzjoni, ġiet ikkunsidrata wkoll f'**każ Finlandiż** ta' traffikar ta' NPS miċ-Ċina permezz ta' Spanja lejn il-Finlandja. Il-persuni ssuspettati kienu ċittadini Finlandiżi li kienu jittraffikaw MDPV u alpha-PVP, żewġ sustanzi li ġew ikklassifikati bħala narkotiċi fil-Finlandja, iżda mhux fi Spanja. Talba Finlandiża għal MLA attivat il-ftuħ ta' investigazzjoni fi Spanja.

Id-differenza fil-klassifikazzjoni tas-sustanzi, u l-fatt li ċittadini Finlandiżi kienu qed joperaw minn Spanja, qajmet kwistjonijiet ġurisdizzjonali u kienet tirrekjedi kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-awtoritajiet Finlandiżi u dawk Spanjoli. Żewġ laqgħat ta' koordinazzjoni nżammu fil-Eurojust, u ġie mwaqqaf JIT. Il-JIT irriżulta f'arresti u eżekuzzjoni ta' diversi EAWs Finlandiżi fi Spanja, u wara, l-awtoritajiet Finlandiżi u Spanjoli laħqu ftehim biex il-proċedimenti jiġu ttrasferiti fil-Finlandja.

Billi s-sustanzi ttraffikati ma kinux ikklassifikati bħala drogi fi Spanja, instabet bażi legali alternattiva għall-prosekuzzjoni f'Artikolu 359 tal-Kodiċi Kriminali Spanjola fuq reati kontra s-saħħa pubblika. Billi s-sustanzi perikolużi li jaqgħu taħt din id-dispożizzjoni legali mhumiex elenkati, deċiżjoni ta' qorti Spanjola vverifikat l-applikabbiltà ta' Artikolu 359 għas-sustanzi ttraffikati. Din is-soluzzjoni ssodisfat ir-rekwiżit ta' kriminalità doppja fiż-żewġ sistemi legali.

Il-Eurojust kellha rwol kruċjali bħala intermedjarja li tiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja. Il-Finlandja assumiet ġurisdizzjoni fil-każ. Ingħatat kundanna mill-Qorti Finlandiża tal-Prim'Istanza fl-aħħar tal-2015, u ġiet appellata.

F'Ġunju 2015, il-Eurojust tat kontribut fit-tieni edizzjoni tar-*Rapport dwar is-Swieq Droga tal-UE* maħruġ mill-EMCDDA billi pprovdiet dejta statistika, l-aħjar prattika u soluzzjonijiet, studju ta' każ u l-lezzjonijiet mitgħallma dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-każijiet ta' traffikar tad-droga. Il-Eurojust tat ukoll kontribut għall-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Droga 2013-2016.

Dwar l-NPS, il-Eurojust analizzat l-impatt tad-deċiżjoni CJEU tal-10 ta' Lulju, 2014, dwar il-prodotti mediċinali (Kawżi Magħquda C-358/13 u C-181/14). Id-deċiżjoni teskludi l-użu ta' liġijiet tal-mediċina bħala bażi legali alternattiva li tagħti appoġġ fil-prosekuzzjoni ta' NPS f'sitwazzjonijiet fejn is-sustanza ma tistax tiġi kklassifikata bħala droga psikoattiva skont il-leġiżlazzjoni narkotiċi applikabbli. Il-Eurojust ġabret l-aħjar prattika u soluzzjonijiet dwar l-ostakoli legali u prattiċi li jinħolqu mis-sentenza tas-CJEU billi janalizzaw, *inter alia*, il-każijiet NPS appoġġjati u t-tweġibiet li ngħataw għal kwestjonarju tal-Eurojust mibgħut lill-Istati Membri li l-aktar għandhom probabbiltà li jiġu affettwati minnha, jiġifieri l-Ġermanja, Spanja, il-Finlandja, Franza u l-Olanda.

Ir-rapport tal-Eurojust, *Id-Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar Sustanzi Psikoattivi Ġodda – L-impatt tad-deċiżjoni fuq il-prosekuzzjoni ta' każijiet NPS* ġie ffinalizzat f'Diċembru 2015 u se jkun ippubblikat kmieni fl-2016. Ir-riżultati preliminari tar-rapport ġew ippreżentati fil-laqgħa tal-Korrispondenti Legali mtellgħa mill-EMCDDA. Ir-riżultati ġew ippreżentati wkoll fir-4 laqgħa tal-Esperti tal-Infurzar tal-Liġi fuq NPS, li kienet organizzata b'mod konġunt mill-Europol, EMCDDA u l-Ministeru tal-Intern tal-Polonja, fil-kuntest tal-prijorità EMPACT dwar Drogi Sintetiċi.

### 2.1.8 Kriminalità Organizzata tal-Proprjetà mwettqa minn MOCGs (Gruppi Kriminali Organizzati Mobbli)

Il-kriminalità organizzata tal-proprjetà (Organised property crime, OPC) imwettqa minn gruppi kriminali organizzati mobbli (mobile organised criminal groups, MOCGs) tkopri firxa wiesgħa ta' reati, bħal kriminalità relatata ma' vetturi bil-mutur, serq ta' metall, pickpocketing, serq u serq serjali. Il-Eurojust irreġistrat 201 każ ta' OPC fl-2015 u żammet 21 laqgħa ta' koordinazzjoni. Tlettax-il JIT kienu qed joperaw, inkluż sitta li ġew iffurmati fl-2015.

L-Awstrija, Franza u l-Greċja kienu l-Istati Membri l-aktar rikjedenti. Il-Ġermanja, l-Italja u r-Rumanija kienu l-Istati Membri l-aktar rikjesti.

Il-Eurojust ħadmet mill-qrib mal-Europol biex tappoġġja l-ġlieda kontra l-MOCGs, bil-ħsieb li jiġu stimulati l-awtoritajiet nazzjonali biex jinvolvu liż-żewġ organizzazzjonijiet fi stadju bikri ta' investigazzjoni. Il-Eurojust irrakkomandat li l-awtoritajiet nazzjonali jinvolvu lill-Europol f'investigazzjoni li kienet qed issir fuq skala kbira marbuta ma' reat ta' MOCG li kien jinvolvi pickpocketing serjali f'diversi Stati Membri, u dan wassal biex saret laqgħa operattiva fil-Europol li għaliha attendew prosekuturi mill-Ġermanja u mir-Rumanija.

Fuq livell strateġiku, il-Eurojust appoġġjat inizjattiva EMPACT, immexxija mill-Europol, biex jiġu identifikati u mmirati gruppi kriminali mill-Bulgarija u mir-Rumanija involuti f'serq serjali, u rappreżentanti mid-Desk Nazzjonali Bulgara u dik Rumena f'Eurojust ipparteċipaw f'laqgħa tal-Europol dwar dan is-suġġett f'Settembru 2015.

Il-Eurojust u Spanja komplew bi tmexxija konġunta ta' OAP fil-proġett EMPACT fuq OPC biex jiġu identifikati u analizzati l-aktar problemi prattiċi u legali komuni li jiġu ffaċċjati, kif ukoll l-aħjar prattika miksuba fl-investigazzjonijiet OPC madwar l-Unjoni Ewropea, u biex iżidu l-għarfien fost uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji.

Wara r-rapport, *Kwistjonijiet proċedurali u legali fil-proċeduri dwar l-MOCGs speċjalizzati fl-OPC*, maħruġ fl-2014, il-Eurojust ħarġet rapport ta' segwitu fl-2015, *Kwistjonijiet proċedurali u legali f'investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u proċessi marbuta ma' Gruppi Kriminali Organizzati Mobbli speċjalizzati fil-Kriminalità Organizzata tal-Proprjetà*. Dan ir-rapport jipprovdi analiżi tal-isfidi ewlenin li ħarġu fl-investigazzjonijiet tal-OPC.

Ir-rapport hu bbażat fuq ir-rispons li ħareġ għall-kwestjonarju indirizzat lill-imħallfin u l-prosekuturi, kif ukoll inizjattivi speċifiċi u politiki li bdew jitwettqu fil-Belġju u n-Norveġja fil-ġlieda kontra l-OPC. Waħda mill-isfidi indirizzati fir-rapport tikkonċerna n-nuqqas ta' applikabbiltà għal reati relatati mal-OPC, f'xi ġurisdizzjonijiet, tal-istess miżuri investigattivi ta' natura intrużiva (eż. sorveljanza, wiretapping) tipikament u effettivament użati fl-investigazzjonijiet ta' reati serji oħra organizzati.

***Illustrazzjoni ta' każ***

Investigazzjoni Ġermaniża dwar serq organizzat fuq skala kbira ta' vetturi bil-mutur u spare parts b'valur għoli, bħal sistemi ta' navigazzjoni u airbags, kixfet OCG, magħmul minn ċittadini Litwani, Latvjani u Ġermaniżi, b'konnessjonijiet ma' diversi bliet fil-Litwanja. Żgħażagħ Litwani b'etajiet bejn is-16 u d-19-il sena, kienu meħudin il-Ġermanja, biex primarjament iwettqu reati ta' serq ta' jew minn vetturi bil-mutur. Minbarra serq ta' vetturi, l-OCG kien suspettat li qed jikkommetti wkoll serq mid-djar u serq ieħor. L-oġġetti misruqa kienu ttrasportati mill-Polonja biex imbagħad jinbiegħu fil-Litwanja. L-investigazzjonijiet żvelaw li dawn l-atti kriminali ma kinux qed jitwettqu minn OCG kbir wieħed, iżda minn sitt OCGs pjuttost iżgħar li kienu qed joperaw b'mod indipendenti u mhux ma' xulxin. L-OCGs kienu qed jaħdmu flimkien biss fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija lejn il-Litwanja.

Biex jiġu żmantellati dawn il-gruppi, l-awtoritajiet Ġermaniżi raw il-bżonn ta' kooperazzjoni ġudizzjarja transkonfinali u avviċinaw lill-Eurojust għas-sostenn. Ġew miżmuma laqgħat ta' koordinazzjoni f'Diċembru 2014 u f'Lulju 2015, li wasslu għal kooperazzjoni mill-qrib bejn l-uffiċċji ta' prosekuzzjoni pubblika u l-forzi tal-pulizija involuti, u skambju ta' informazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' talbiet għal MLA li mxew b'mod mgħaġġel u bla xkiel.

Din il-kooperazzjoni mill-qrib laħqet il-qofol tagħha fis-suċċess li kellha, operazzjoni konġunta li nżammet f'Ottubru 2015. Aktar minn 1,000 uffiċjal tal-pulizija fil-Litwanja u fil-Ġermanja wettqu tfittxijiet f'aktar minn 100 dar u negozju. Uffiċjali ta' kollegament tal-pulizija Litwani u Ġermaniżi ġew skambjati biex isaħħu l-effettività tal-ħidma. Biex jiġu ffaċilitati l-azzjonijiet konġunti, ir-rappreżentanti tal-Eurojust kienu f'kuntatt dirett mal-awtoritajiet nazzjonali il-ħin kollu matul il-ġurnata ta' azzjoni. Ġew esegwiti diversi EAWs Ġermaniżi fil-jum ta' azzjoni u ġew arrestati 47 persuni ssuspettati, inklużi xi kapijiet tal-OCG. Ammont konsiderevoli ta' flus kontanti u oġġetti misruqa ġew ikkonfiskati.

Appoġġjati mill-Eurojust, l-isforzi komuni tal-awtoritajiet Ġermaniżi u Litwani wasslu għall-iskoperta ta' 440 atti kriminali individwali u t-twaqqif ta' responsabbiltà kriminali. Il-ħsarat ikkawżati minn dawn l-attivitajiet kienu jammontaw għal madwar EUR7.5 miljun. Il-każ kien għadu għaddej fl-2015.

Laqgħat strateġiċi dwar it-THB...
































... u ċ-ċiberkriminalità

## 2.2 L-għajnuna tal-Eurojust f'oqsma oħra ta' attività kriminali

### 2.2.1 Il-Ħasil tal-flus

Il-ħasil tal-flus jirrappreżenta qasam ta' tkabbir kontinwu fil-ħidma marbuta mal-każijiet tal-Eurojust bħala konsegwenza diretta tan-natura anċillari ta' dan it-tip ta' reat, li hu tipikament assoċjat ma' reati bħal ma hu l-frodi. Fl-2015, ġew irreġistrati 283 każ marbuta ma' ħasil tal-flus, żieda qawwija meta mqabbla mal-2014 (220). Inżammu ħamsa u ħamsin laqgħa ta' koordinazzjoni dwar każijiet ta' ħasil tal-flus, li hu t-tielet tip ta' reat l-aktar frekwenti, wara l-frodi u t-traffikar tad-drogi, li ġew ittrattati fil-laqgħat ta' koordinazzjoni.

L-aktar Stati Membri li rikjedenti kienu l-Greċja, Franza u r-Rumanija. L-Istati Membri l-aktar rikjesti kienu l-Ġermanja, l-Italja, Ċipru u r-Renju Unit.

### 2.2.2 Krimini kontra l-PIF (Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji)

Sebgħin kawża li jittrattaw offiżi li direttament jew indirettament jaffettwaw jew jistgħu jaffettwaw l-interessi finanzjarji (krimini PIF) tal-UE kienu rreġistrati fl-2015. Bħalissa, mhux l-Istati Membri kollha jikkunsidraw il-frodi tal-VAT bħala tip ta' reat li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE. Fl-istatistika tal-Eurojust, il-frodi tal-VAT hi trattata bħala kategorija separata u ma tgħoddx bħala reat ta' PIF. L-appoġġ operazzjonali tal-Eurojust f'każijiet ta' PIF li jiġi pprovdut permezz ta' laqgħat ta' koordinazzjoni żdied (11, meta mqabbla ma' seba' fl-2014) u l-Eurojust ipprovdiet appoġġ lill-JITs (ħames JITs attivi fl-2015, inkluż erba' mill-2014).

Il-Greċja, l-Ungerija, u r-Rumanija kienu l-Istati Membri l-aktar rikjedenti. Il-Ġermanja, ir-Repubblika Slovakka u r-Renju Unit kienu l-Istati Membri l-aktar rikjesti.

Fl-2015, il-Kulleġġ tal-Eurojust qabel li l-ħidma strateġika f'dan il-qasam ma tiġix ipprijoritizzata sakemm il-proċess leġiżlattiv marbut ma' Direttiva ġdida dwar ir-reati PIF jiġi ffinalizzat u tiġi adottata bi ftehim komuni definizzjoni ta' reati PIF fuq livell tal-UE.

F'Ottubru 2015, il-Eurojust tat kontribut għal studju tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-benefiċċji potenzjali ta' EPPO mmexxija mill-*Consortium Österreichisches Institut für Wirtschaftsforschung* (ECORYS). Ġiet ippreżentata ħarsa ġenerali dwar l-għadd ta' każijiet li jikkonċernaw frodi ta' PIF u tal-VAT, inkluż informazzjoni dwar l-Istati Membri rikjedenti u dawk rikjesti u l-kooperazzjoni ma' Stati terzi.

### 2.2.3 Piraterija marittima

F'April 2015, it-tieni *Monitor Ġudizzjarju dwar il-Piraterija Marittima (Maritime Piracy Judicial Monitor, MPJM)* kien ippubblikat bħala dokument tal-Eurojust b'aċċess limitat, wara li kien ġie ppublikat l-ewwel MPJM f'Settembru 2013 biex jiġi mtejjeb l-għarfien espert tal-prosekuturi Ewropej li jittrattaw każijiet ta' piraterija marittima u tingħatalhom għodda addizzjonali li jistgħu jużaw f'każijiet li għadhom għaddejjin u oħrajn fil-futur. *L-MPJM 2015* jinkludi deskrizzjoni ġenerali tal-qafas legali applikabbli ta' 19-il Stat Membru, flimkien man-Norveġja u l-Istati Uniti tal-Amerika, u l-ftehimiet bilaterali ma' Stati terzi dwar it-trasferiment ta' pirati ssuspettati.

Id-dokument jippreżenta wkoll analiżi ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji li jew kienu mogħtija fl-ewwel istanza jew huma segwitu għall-każijiet ippreżentati fl-*MPJM 2013*. L-analiżi titfa' dawl fuq kwistjonijiet prattiċi u legali mressqa fid-deċiżjonijiet, inklużi aspetti tal-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem kif ukoll sfidi marbuta ma' proċedimenti ta' piraterija marittima li jinżammu kontra persuni minuri jew fi Stati terzi.

L-*MPJM 2015* jiddeskrivi wkoll il-proċess tat-twaqqif u l-operat tal-JIT Nemesis, JIT relatat ma' piraterija marittima, li ġie rrikostruwit permezz ta' intervisti mal-prosekuturi pubbliċi Olandiżi u Ġermaniżi li waqqfu u pparteċipaw fil-JIT, flimkien mal-Europol. Fl-aħħarnett, id-dokument jiddiskuti t-tnaqqis fin-numru ta' inċidenti ta' piraterija fil-Golf ta' Aden, jirrikonoxxi l-bidla fl-attività ta' piraterija għall-Afrika tal-Punent, jenfasizza l-għamla differenti tal-fenomenu fil-Golf tal-Guinea u jeżamina l-kooperazzjoni internazzjonali fil-livell operazzjonali (eż. permezz ta' INTERPOL) u l-livelli ġudizzjarji meta jittrattaw din it-theddida emerġenti.

***Laqgħa dwar il-piraterija marittima***

L-Eurojust organizzat laqgħa dwar il-piraterija marittima fl-20 ta' Mejju, 2015, bil-parteċipazzjoni ta' aktar minn 40 espert fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati marbuta mal-piraterija marittima, jiġifieri rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali ġudizzjarji u dawk tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, in-Norveġja, l-Iżvizzera, l-Istati Uniti tal-Amerika, Mauritius u s-Seychelles, kif ukoll rappreżentanti tal-FP tal-Europol dwar il-Piraterija Marittima, is-SottoDirettorat tal-INTERPOL dwar is-Sigurtà Marittima u r-Reġistru tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

L-għan tal-laqgħa kien li tiġi skambjata informazzjoni dwar każijiet riċenti ta' piraterija marittima u biex jiġu diskussi strateġiji fil-glieda kontra l-piraterija marittima, kif ukoll dwar l-importanza tal-kooperazzjoni ▶

ġudizzjarja internazzjonali fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet. Is-sejbiet ewlenin tal-MPJM 2015 ġew diskussi wkoll.

Il-laqgħa pprovdiet żewġ sessjonijiet interattivi. L-ewwel sessjoni, It-tlajja' u l-inżul fil-prosekuzzjoni ta' reati ta' piraterija marittima: sfidi, lezzjonijiet mitgħallma u stejjer ta' suċċess, kienet tinkludi preżentazzjonijiet mill-prosekuturi/imħallfin li ttrattaw każijiet riċenti ta' piraterija marittima fi Spanja, l-Italja, l-Olanda, il-Polonja, il-Ġermanja, il-Belġju u Franza. Is-sessjoni laqtet firxa wiesgħa ta' sfidi prattiċi u legali li jqumu f'każijiet bħal dawn, inkluż il-ġbir ta' evidenza, l-arrest ta' persuni ssuspettati u l-kooperazzjoni f'JIT. Ġew diskussi wkoll aspetti relatati ma' proċess xieraq u għal proċess imparzjali f'każijiet ta' piraterija marittima, b'attenzjoni partikulari fuq id-dritt ta' persuni ssuspettati li jitressqu quddiem imħallef fil-pront.

It-tieni sessjoni kienet intitolata Il-kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali: l-importanza ta' għajnuna legali u operazzjonali fil-ġlieda kontra l-piraterija marittima. Ir-rappreżentanti tal-Mauritius u s-Seychelles għamlu preżentazzjoni dwar l-oqsfa legali u l-aspetti prattiċi tar-rispons ġudizzjarju tal-awtoritajiet tagħhom għall-fenomenu tal-piraterija marittima, filwaqt li rappreżentanti tal-Europol u l-INTERPOL ippreżentaw l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tagħhom fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali u l-appoġġ ipprovdut lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u investigattivi fil-ġlieda kontra l-piraterija marittima.

## 2.2.4 Kriminalità ambjentali

Il-Punt ta' Kuntatt tal-Eurojust dwar il-Kriminalità Ambjentali isegwi kwistjonijiet marbuta ma' kriminalità ambjentali u jaqsam il-kompetenza u l-aħjar prattika ma' prattikanti u partijiet interessati esterni. Biex tittejjeb il-kooperazzjoni ġudizzjarja u biex jiġu appoġġjati l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-każijiet rilevanti, il-Eurojust qed taħdem fuq lista ta' punti ta' kuntatt fis-servizzi ta' prosekuzzjoni nazzjonali tal-Istati Membri li għandhom għarfien espert fil-qasam tal-kriminalità ambjentali biex jiżdiedu l-kapaċitajiet operattivi tal-awtoritajiet kompetenti f'każijiet transkonfinali li jkunu jinvolvu reati ambjentali.

Il-Eurojust irreġistrat ħames każijiet li jikkonċernaw reati ambjentali kemm fl-2014 kif ukoll fl-2015. Tnejn minn dawn il-każijiet kienu jinkludu komponent ta' frodi. L-Iżvezja kienet l-Istat Membru l-aktar rikjedenti f'każijiet ta' kriminalità ambjentali, filwaqt li l-Ġermanja u l-Olanda kienu l-Istati Membri l-aktar rikjesti.

Il-Eurojust żammet kuntatti ma' numru ta' networks attivi fil-qasam tal-kriminalità ambjentali, bħall EnviCrimeNet u n-Network Ewropew tal-Prosekuturi għall-Ambjent. Il-Eurojust tattendi wkoll laqgħat tad-DG ENVI Enforcement Group, li jissorvelja l-politika u l-prattika tal-infurzar fl-Istati Membri u jagħmel rakkomandazzjonijiet biex jiġi mtejjeb l-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar il-kummerċ tal-fawna selvaġġa. Il-Eurojust tipprovdi kontribut għad-diskussjonijiet minn perspettiva ġudizzjarja.

## 2.2.5 Il-Protezzjoni tat-tfal

Fl-2015, il-Eurojust irreġistrat 45 każ li jinvolvu tfal ivvittimizzati. It-tipi ta' kriminalità l-aktar assoċjati ma' reati kontra t-tfal kienu l-abbuż sesswali, THB, ħtif, u immaġini ta' abbuż fuq it-tfal. Ir-Repubblika Slovakka, l-Iżvezja u r-Rumanija kienu l-Istati Membri l-aktar rikjedenti, filwaqt li l-Ġermanja, ir-Renju Unit u l-Italja kienu l-Istati Membri l-aktar rikjesti.

L-impenn tal-Eurojust fil-ġlieda kontra reati fuq it-tfal hu sostnut iktar mill-ħidma tal-Punt ta' Kuntatt għall-Protezzjoni tat-Tfal, li jirrappreżenta lill-Eurojust f'materji ta' kooperazzjoni ġudizzjarja marbuta ma' reati mwettqa kontra t-tfal, il-protezzjoni tat-tfal u materji relatati oħra mal-awtoritajiet nazzjonali, organizzazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi u korpi nazzjonali jew internazzjonali oħra, inkluż fit-Tieni Konferenza biex Titqajjem Kuxjenza tal-Koalizzjoni Finanzjarja Ewropea kontra l-Isfruttament Sesswali Kummerċjali tat-Tfal Online (EFC) li saret fl-2015 fil-Parlament Ewropew. Il-Punt ta' Kuntatt jagħti wkoll pariri lid-Desks Nazzjonali dwar l-għodod u l-miżuri speċifikament maħsuba għall-investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali li jikkonċernaw tfal, inkluż il-protezzjoni tax-xhieda u l-vittmi. Barra minn hekk, il-Punt ta' Kuntatt jipparteċipa b'mod attiv fil-laqgħat tal-EMPACT, bir-responsabbiltà għall-identifikazzjoni tal-aħjar prattika bbażata fuq il-ħidma tal-każijiet tal-Eurojust.

***Laqgħa dwar avvenimenti sportivi ewlenin***

Fis-17 u t-18 ta' Ġunju, il-Eurojust ospitat laqgħa dwar *L-Iżvilupp ta' Gwida tal-Aħjar Prattika għal kooperazzjoni ġudizzjarja firrigward ta' avvenimenti sportivi ewlenin*. Il-laqgħa ġabret flimkien esperti minn seba' Stati Membri li riċentament organizzaw avvenimenti sportivi ewlenin, primarjament

il-Portugall, l-Olanda, l-Iżvezja, il-Belġju, l-Awstrija, ir-Renju Unit u Franza, kif ukoll rappreżentanti tal-EJN u tal-Kummissjoni Ewropea. Prattikanti li jittrattaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali marbuta ma' avvenimenti sportivi ewlenin iltaqgħu biex jiddiskutu titjib fil-qsim u l-iskambju ta' esperjenza fil-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati li jistgħu jitwettqu f'avvenimenti bħal dawn.

Ir-riżultat kien l-identifikazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet dwar kif tiġi skambjata informazzjoni ġenerali qabel, u l-informazzjoni relatata mal-każ u l-evidenza matul, avvenimenti sportivi ewlenin, dwar l-għażla tal-forum għall-prosekuzzjoni, il-proċess ġudizzjarju u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi marbuta ma' reati relatati mal-avvenimenti u dwar l-applikazzjoni ta' proċeduri aċċelerati, jekk ikun possibbli taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat Ospitanti. Ir-rwol tal-Eurojust fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fir-rigward ta' avvenimenti sportivi maġġuri kien enfasizzat, b'mod partikulari fil-ħidma marbuta mal-assistenza u l-iffaċilitar fit-twaqqif tal-kuntatti mal-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tal-Istat ospitanti u l-Istati parteċipanti u fil-provvediment ta' pariri f'każijiet ta' konflitt ta' ġurisdizzjoni.

Id-dokument tal-Eurojust, *Rakkomandazzjonijiet dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali fir-rigward ta' avvenimenti sportivi ewlenin*, ġie żviluppat u hu disponibbli fuq il- website tal-Eurojust.

## 2.3 L-imsieħba tal-Eurojust

### 2.3.1 Il-Kooperazzjoni mal-Europol

Fl-2015, il-Eurojust u l-Europol ġeddew l-isforzi tagħhom biex isaħħu l-kooperazzjoni bejniethom, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona u l-ftehim ta' kooperazzjoni bejniethom 2009 Ftehim ta' Kooperazzjoni.

Il-Eurojust u l-Europol b'mod regolari skambjaw informazzjoni dwar il-laqgħat operattivi skedati fil-Europol u laqgħat ta' koordinazzjoni fil-Eurojust sabiex jiżguraw li t-tnejn ikunu konxji mill-ħidma operattiva li tkun għaddejja. Fl-2015, il-Europol attendiet 99 laqgħa ta' koordinazzjoni u kienet involuta f'34 każ irreġistrati għand il-Eurojust. Il-Europol attendiet ħames ċentri ta' koordinazzjoni.

Il-Eurojust baqgħet miexja bħala parteċipant kompletament integrat fil-punti fokali tal-Europol. Fl-2015, il-Eurojust kisbet l-assoċjazzjoni formali ma' Focal Points Asset Recovery, Sports Corruption and Travellers, biex issa n-numru totali hu ta' 24. Is-sena li għaddiet, il-Eurojust ipparteċipat f'numru ta' attivitajiet operattivi mtellgħin fil-qafas tal-Punt Fokali Furtum (Operazzjoni Kasimir u Operazzjoni Sprinter, li kienu mmirati fuq OCGs involuti fil-serq ta' karozzi u partijiet ta' karozzi fil-Ġermanja u l-Polonja, rispettivament) u tal-Punt Fokali Cola (Operazzjoni Partagas, li rriżultat fl-arrest fi Spanja ta' traffikant internazzjonali kbir tad-droga ta' ċittadinanza Ingliża). Barra minn hekk, il-Eurojust għamlet monitoraġġ tal-iżviluppi li kienu għaddejjin waqt il-jiem ta' azzjoni konġunta tal-EMPACT imsejħa Operazzjoni Blue Amber, li seħħew matul l-2015, permezz ta' Koordinazzjoni tal-Għassa (OCC) fejn l-istaff ikun standby, u bil-parteċipazzjoni f'laqgħat ta' informazzjoni fiċ-Ċentru Operazzjonali tal-Europol biex jiġi assigurat segwitu ġudizzjarju fil-pront meta meħtieġ.

Il-Eurojust tat kontribut għar-Rapport tas-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu 2015 (TE-SAT) tal-Europol billi pprovdiet dejta dwar kundanni u pieni għal reati terroristiċi fl-Istati Membri – miġbura fl-ambitu tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/JHA – u l-emendi rilevanti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar it-terroriżmu. Il-Eurojust ipparteċipat fl-iżvilupp tal-metodoloġija riveduta għar-rapport SOCTA 2018-2021 li jmiss.

Waqt laqgħat regolari li nżammu kemm f'livell ta' ħidma kif ukoll f'ta' mmaniġġjar, ġew diskussi s-suġġetti li ġejjin biex itejbu l-kooperazzjoni u jesploraw mezzi oħrajn ta' kooperazzjoni: (i) ir-relazzjoni bejn il-punti fokali tal-Europol u punti ta' kuntatt tal-Eurojust, (ii) il-possibbiltà li tiġi kontraverifikata d-dejta tal-Eurojust mas-sistema ta' informazzjoni tal-Europol, u (iii) ir-rapport konġunt tal-2014 Rapport Annwali Konġunt lill-Kunsill u lill-Kummissjoni (Dokument UE 10472/15).

Il-Eurojust u l-Europol komplew iżommu sessjonijiet ta' programm ta' skambju, li għandhom l-għan li jkabbru l-għarfien reċiproku tal-kompiti, l-istrutturi u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom.

### 2.3.2 Il-Kooperazzjoni mal-OLAF

Ibbażat fuq il- Ftehim Prattiku tal-2008, kompliet għaddejja l-kooperazzjoni bejn il-Eurojust u l-OLAF fil-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u reati oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea. Din il-kooperazzjoni turi kemm huma importanti l-iskambju ta' informazzjoni u l-involviment reċiproku biex jiġu ssalvagwardati l-interessi finanzjarji tal-UE. Il-Eurojust u l-OLAF ħadmu b'mod konġunt fuq 20 każ (tmien każijiet tal-Eurojust u 12-il każ tal-OLAF), li sebgħa minnhom kienu każijiet komuni ġodda miftuħa fl-2015. Rappreżentanti tal-OLAF ipparteċipaw f'ħames

laqgħat ta' koordinazzjoni fil-Eurojust, li wasslu għal approċċ effettiv minn diversi aġenziji f'każijiet transkonfinali. Il-Eurojust attendiet ukoll għal-laqgħa waħda ta' koordinazzjoni organizzata mill-OLAF fil-bini tagħha.

Il-kisba ta' tragward importanti fil-kooperazzjoni operattiva fl-2015 kienet il-koparteċipazzjoni li saret għall-ewwel darba mill-OLAF f'JIT. Il-każ kien jikkonċerna OCG involut fi frodi fiskali, l-evażjoni tat-taxxa, il-kuntrabandu tas-sigaretti u l-ħasil tal-flus. L-OCG immirata kienet qed tiġbor kwantitajiet kbar ta' sigaretti ġo fabbriki klandestini billi tuża komponenti miksuba illegalment (tabakk, filtri, fojl, pakketti, bolol tat-taxxa). Is-sigaretti kienu sussegwentement introdotti illegalment fl-Unjoni Ewropea permezz ta' trakk jew mezzi oħra ta' trasport tal-art, b'dokumenti ta' esportazzjoni, importazzjoni u transitu ffalsifikati.

Il-Eurojust u l-OLAFgħamlu skambju regolari ta' sommarji dwar każijiet li jikkonċernaw reati ta' PIF biex jiġu identifikati każijiet li jistgħu jibbenefikaw minn kollaborazzjoni reċiproka. L-informazzjoni skambjata qed issir aktar dettaljata biex tiffaċilita l-evalwazzjoni tal-kollaborazzjoni u l-identifikazzjoni tal-aħjar prattika, b'informazzjoni speċifika, bħan-numru u t-tip ta' laqgħat ta' koordinazzjoni organizzati jew attivitajiet relatati ma' JITs.

Matul il-laqgħat regolari bejn il-Eurojust u l-OLAF fil-livelli ta' ħidma u ta' mmaniġġjar, ġew diskussi l-opportunitajiet biex tiżdied il-kooperazzjoni, bħall-evalwazzjoni tal-metodoloġija ta' skambji ta' sommarji dwar każijiet, u t-taħriġ. Fl-2015, il-Eurojust organizzat it-tieni sessjoni ta' taħriġ fl-OLAF biex titqajjem kuxjenza fost l-investigaturi dwar ir-rwol u l-kompiti tal-Eurojust u l-metodi ta' ħidma tagħha.

### 2.3.3 Kooperazzjoni ma' Stati terzi

#### *Ftehimiet ta' kooperazzjoni*

Kienu ffinalizzati negozjati għal ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-Ukrajna u l-Montenegro. Iż-żewġ abbozzi ta' ftehim ta' kooperazzjoni ġew sottomessi lill-Kunsill għall-approvazzjoni. Wara s-sentenza tas-CJEU tas-16 ta' April, 2015, fil-każijiet kollha fejn l-atti li qabel kienu jaqgħu taħt it-tielet pilastru, issa jikkonferixxu s-setgħat tal-implimentazzjoni fuq il-Kunsill, il-Kunsill għandu jikkonsulta lill-Parlament Ewropew, skont Artikolu 39 (1) tat-Trattat preċedenti dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-proċedura l-ġdida li hemm fis-seħħ, f'Ottubru 2015 il-Kunsill nieda proċeduri ta' konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew. Saru diskussjonijiet mal-awtoritajiet

#### *Il-Eurojust u t-taħriġ*

Is-seminars tematiċi tal-Eurojust jattendu għalihom il-prattikanti u jippermettu l-kondiviżjoni ta' esperjenzi u l-aħjar prattika. Dawn is-seminars jistgħu jiġu kkunsidrati bħala taħriġ prattiku. B'mod aktar speċifiku, il-Eurojust tappoġġja t-taħriġ fil-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fuq il-bażi ta' Memorandum ta' Qbil iffirmat mal-EJTN (2008).

Fil-qafas tal-Programm ta' Skambju tal-EJTN, 15-il prosekutur/imħallef minn tmien Stati Membri (il-Ġermanja, l-Awstrija, l-Ungerija, il-Polonja, l-Iżvezja, Spanja, l-Italja u l-Bulgarija) ipparteċipaw għal perjodi ta' taħriġ fit-tul (3 jew 4 xhur) fid-Desks Nazzjonali tal-Eurojust, u kienu ta' sostenn għall-ħidma operattiva tagħhom. Fl-2015, il-Eurojust introduċiet żjara ta' studju ta' ġimgħa, li saret f'Marzu u li attendew għaliha 25 prosekutur/imħallef minn 17-il Stat Membru. Barra minn hekk, membri tad-Desks Nazzjonali ppparteċipaw b'mod attiv f'sitt seminars tal-EJTN fil-qafas tal-Proġett I tal-Ġustizzja Kriminali, *Il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali fi Kwistjonijiet Kriminali fil-Prattika: Simulazzjonijiet* ta' *EAWs u MLAs*. Ir-rwol tal-Eurojust f'dawn is-seminars hu li tissorvelja l-ħidma tal-prattikanti. Skont ir-raġunament wara l-metodoloġija ta' 'tgħallem billi tipprattika' (*learn by doing*) fl-aħħar jum bħala konklużjoni tas-seminar issir preżentazzjoni bit-titlu *Ir-rwol tal-Eurojust fil-Kooperazzjoni Ġudizzjarja fi Kwistjonijiet Kriminali*. Fis-7 ta' Diċembru, 2015, is-Segretarju Ġenerali tal-EJTN iltaqa' mal-President tal-Eurojust biex jiddiskutu modi li jsaħħu l-kooperazzjoni.

B'konformità mal-Memorandum ta' Qbil mas-CEPOL (2010), il-Eurojust kompliet ukoll tappoġġja korsijiet ta' taħriġ f'oqsma differenti, bħal investigazzjonijiet finanzjarji u l-analiżi ta' frodi fiskali, il-kuntrabandu tal-kokaina u l-eroina, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-FTFs, il-falsifikazzjoni ta' merkanzija u d-drittijet tal-proprjetà intellettwali, JITs, EAWs u EIOs, THB u l-kuntrabandu ta' immigranti illegali. Barra minn hekk, flimkien mal-EJTN, il-Eurojust ipparteċipat b'mod attiv fil-kors *Teams ta' Investigazzjoni Konġunti u t-Tmexxija tat-Teams*.

Il-Eurojust tappoġġja Webinars tas-CEPOL billi tikkondividihom internament u ġieli wkoll tipparteċipa fihom b'mod attiv permezz ta' kelliema, eż. il-webinar *Il-Pulizija u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja fil-qasam tal-Isfruttament Sesswali tat-Tfal*. Il-Eurojust hi wkoll parti interessata fil-European Joint Master Programme tas-CEPOL.

*L-involviment ta' Stati terzi, imsieħba ta' kooperazzjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali f'każijiet fil-ħidma tal-Eurojust*




tal-Moldova bil-ħsieb li jidħol fis-seħħ il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Eurojust u l-Moldova, li ġie ffirmat f'Lulju 2014.

Kienu segwiti kuntatti biex tkun evalwata l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tad-dejta u biex tkun esplorata l-possibbiltà li jinfetħu negozjati dwar ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-Albanija, il-Bosnia u Herzegovina, l-Iżrael, is-Serbja u t-Turkija. Il-Ġeorġja ġiet miżjuda mal-lista ta' prijorità tal-Eurojust biex jibdew taħditiet preliminari dwar il-possibbiltà li jidħlu f'negozjati għal ftehim ta' kooperazzjoni. Ġew stabbiliti kuntatti li jesploraw possibbiltajiet għall-ftehimiet futuri ta' kooperazzjoni mal-Brażil. Kien ukoll ikkonfermat mill-ġdid bħala prijorità, l-istabbiliment ta' kuntatti ma' pajjiżi oħra tal-Amerika Latina u l-Karibew, b'mod partikulari l-Kolumbja u l-Messiku.

## *Każijiet fil-ħidma tal-Eurojust li jinvolvu Stati terzi*

Il-Eurojust ipprovdiet għajnuna f'298 każ li kienu jinvolvu Stati terzi, żieda sinifikanti meta mqabbla mal-208 każ fl-2014. Mit-63 Stati terzi, l-Iżvizzera (103) kien l-Istat terz involut l-aktar spiss, segwit mill-Istati Uniti tal-Amerika (36), in-Norveġja (34) u s-Serbja (31).

***Seminar dwar l-applikazzjoni tal-Assistenza Legali Reċiproka u Ftehimiet ta' Estradizzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerika***

Fit-8 u d-9 ta' Ottubru, fil-Eurojust inżamm is-*Seminar fuq l-applikazzjoni tal-Ftehimiet dwar l-Assistenza Legali Reċiproka u l-Estradizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika*.

Is-seminar kien organizzat b'mod konġunt mill-Istati Uniti tal-Amerika, il-Kummissjoni Ewropea u l-Eurojust bħala segwitu għall-*Workshop tal-2012 fuq l-applikazzjoni tal-Ftehimiet dwar l-Assistenza Legali Reċiproka u l-Estradizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika*.

Is-seminar ġabar flimkien prattikanti mill-Istati Membri u l-Istati Uniti tal-Amerika, il-Prosekuturi ta' Kollegament għan-Norveġja u l-Iżvizzera stazzjonati fil-Eurojust, kif ukoll rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea,

is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, il-Koordinatur tal-UE Kontra t-Terroriżmu, il-Kunsill tal-Ewropa u l-Europol. Matul is-sessjonijiet miftuħa tas-seminar, rappreżentanti tas-settur privat kienu wkoll preżenti.

Is-seminar tmexxa fi spirtu ta' kooperazzjoni tajba u espona r-rieda tal-parteċipanti kollha li jaħdmu flimkien biex itejbu l-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri u l-Istati Uniti tal-Amerika. Għalhekk, l-enfasi fil-preżentazzjonijiet u d-diskussjonijiet kien indirizzat lejn it-tisħiħ tal-fiduċja u l-fehim reċiproku tas-sistemi legali u l-potenzjal għall-kooperazzjoni minkejja li jibqgħu konxji mil-limiti imposti mill-qafas legali applikabbli u r-riżorsi disponibbli.

Punt fokali prinċipali tas-seminar kien li jipprovdi lill-parteċipanti b'ħarsa ġenerali estensiva dwar il-possibbiltajiet, rekwiżiti u limitazzjonijiet fil-preservazzjoni u l-ġbir ta' evidenza elettronika, filwaqt li tiġi assigurata l-ammissibbiltà tagħha fi proċeduri kriminali. Suġġetti oħra diskussi f'aktar dettall kienu l-konfiska, l-irkupru u l-qsim tal-assi, il-kooperazzjoni fil-proċeduri ta' estradizzjoni u l-istatus tal-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Assistenza Legali Reċiproka bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerika, partikularment fir-rigward tal-kisba ta' informazzjoni bankarja skont Artikolu 4 u t-twaqqif ta' JITs skont Artikolu 5 tal-ftehim imsemmi hawn fuq. Il-parteċipanti mill-Istati Uniti tal-Amerika pprovdew informazzjoni siewja u materjali dwar il-prattikalitajiet u r-rekwiżiti legali għall-forom differenti ta' MLA u talbiet ta' estradizzjoni lejn l-Istati Uniti tal-Amerika, u l-istess għamlu l-kontropartijiet tagħhom fl-UE.

Is-seminar ġie konkluż bi prospettiva fuq ir-rakkomandazzjonijiet li jridu jiġu kkunsidrati mill-Istati Membri u l-Istati Uniti tal-Amerika biex titjieb il-kooperazzjoni ġudizzjarja u biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet identifikati fihom, fosthom l-organizzazzjoni ta' workshops li jistgħu jiġu appoġġjati mill-Eurojust abbażi tad-disponibilità tal-budget u r-riżorsi.



It-tipi ta' reati ewlenin kienu l-imbrolji u l-frodi, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni, l-involviment ta' OCG, it-traffikar tad-drogi u l-kriminalità kontra l-ħajja, il-liberta fiżika jew personali. Fl-2015, in-numru ta' każijiet ta' ċiberkriminalità li jinvolvu Stati terzi żdiedu meta mqabbla mal-2014 (minn 10 għal 15). It-terroriżmu u t-traffikar ta' immigranti illegali issa huma wkoll fost it-tipi ta' reati ewlenin li jinvolvu Stati terzi meta mqabbla mal-2014.

L-Istati terzi kienu rrappreżentati waqt 67 laqgħa ta' koordinazzjoni organizzati mill-Eurojust, meta mqabbla ma' rappreżentanza f'41 laqgħa ta' koordinazzjoni matul is-sena l-oħra. L-Istati terzi li attendew laqgħat ta' koordinazzjoni tal-Eurojust kienu l-Iżvizzera (19), segwita minn l-Istati Uniti tal-Amerika u n-Norveġja (14 kull wieħed), u l-Ukrajna (6). L-Iżvizzera (2), in-Norveġja (1) u l-Ukrajna (1) kienu involuti f'ċentri ta' koordinazzjoni fil-Eurojust. L-Istati terzi involuti fil-JITs kienu n-Norveġja (3), il-Moldova u s-Serbja (2 kull wieħed), kif ukoll l-Awstralja, il-Bosnia u Herżegovina, l-Iżvizzera, l-Ukrajna u l-Istati Uniti tal-Amerika.

### *Illustrazzjonijiet ta' każijiet*

L-appoġġ tal-Eurojust ġie mitlub f'kawża Spanjola b'rabta mal-ħasil tal-flus li kienet tolqot mill-anqas 11-il Stat Membru u diversi Stati terzi. L-awtoritajiet Spanjoli ssuspettaw li OCG kien qiegħed jaħsel ammont konsiderevoli ta' flus permezz ta' investimenti fil-proprjetà immobbli f'Costa del Sol (Malaga, Spanja). Il-ħlasijiet kienu qed jintbagħtu u jgħaddu mill-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Polonja u r-Renju Unit, kif ukoll mill-Iżvizzera, l-Istati Uniti tal-Amerika u Gibiltà. L OCG kien ukoll issuspettat b'tixħim lill-awtoritajiet lokali Spanjoli permezz ta' ħlasijiet illegali biex jinkisbu permessi tal-bini (abbuż tad-dmirijiet u offiżi ta' tixħim). Fiż-żmien tal-ftuħ tal-każ tal-Eurojust f'April 2013, l-exmexxej issuspettat u finanzjatur tal-OCG kien ġie ġġudikat u misjub ħati fl-Istati Uniti tal-Amerika b'rabta ma' reati ta' ħasil ta' flus, u l-investigazzjoni Spanjola ffokat fuq is-suċċessuri tiegħu u partijiet oħra involuti.

Saret laqgħa ta' koordinazzjoni f'Lulju 2013, li kkonfermat li l-kawża kellha konnessjonijiet ma' attivitajiet simili f'bosta pajjiżi u tefgħet dawl fuq investigazzjoni li kienet għaddejja fil-Belġju b'rabta mal-mexxej ta' qabel u l-kompliċi tiegħu. L-irkupru tal-assi ġie ppreżentat bħala wieħed mill-objettivi ewlenin tal-investigazzjoni Spanjola.

Il-parteċipanti indikaw il-qafas leġiżlattiv nazzjonali applikabbli għal dan ir-reat. Bħal fil-każ ta' diversi Stati Membri oħra, il-kawża Spanjola kienet tiddependi fuq id-determinazzjoni ta' reat predikat għall-ħasil tal-flus, u b'hekk kienet meħtieġa evidenza addizzjonali minn Stati parteċipanti oħra. Il-Eurojust iffaċilitat it-trasmissjoni ta' talbiet għal MLA minn Spanja lejn diversi Stati Membri u għall-Iżvizzera. Meta wieħed iqis li l-investigazzjoni Spanjola kienet relatata mal-ħasil tal-flus li sar fi Spanja, kienet diskussa s-sitwazzjoni *ne bis in idem*, iżda ma kienx ikkunsidrat li kienet ta' riskju serju.

Il-każ kien marbut ma' kawża fir-Renju Unit irreġistrata fl-2013, u, għaldaqstant, laqgħa ta' koordinazzjoni konġunta relatata mal-istess OCG saret f'Marzu 2014. Kienet ikkunsidrata l-possibbiltà ta' JIT bejn Spanja u r-Renju Unit, iżda ma nstabx li kien il-waqt għalih dakinhar, għaliex l-enfasi ntefgħet fuq kollegament dirett u MLA 'immirat'. Bħala appoġġ fir-rigward tal-każijiet Spanjoli, l-awtoritajiet Belġjani ftiehmu li jikkondividu mal-kontropartijiet Spanjoli tagħhom, kwalunkwe deċiżjonijiet disponibbli tal-qorti Belġjana li kienu ngħataw kontra l-exmexxej tal-OCG.

Sal-2015, investigazzjonijiet marbuta mal-prattiki illegali tal-OCG kienu nfetħu f'numru ta' Stati, u l-awtoritajiet Spanjoli ħarġu diversi talbiet għal MLAs. Bi tħejjija għal-laqgħa ta' koordinazzjoni fi Frar 2015, il-Eurojust għamlet analiżi tat-talbiet pendenti kollha għal MLA, u b'hekk issimplifikat id-diskussjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tal-eżekuzzjoni tagħhom fl-Istati parteċipanti. Dan wassal għal skambju siewi ta' informazzjoni. F'dan l-istadju tal-każ, il-kwistjoni tas-sitwazzjoni *ne bis in idem* reġgħet tqajmet mill-ġdid. Il-parteċipanti qablu li kopja tal-akkuża li kienet tħejjiet bħala riżultat tal-investigazzjoni Belġjana kellha tintbagħat lill-awtoritajiet Spanjoli biex tiġi evitata il-possibbiltà ta' sitwazzjoni ne bis in idem aktar tard. L-assistenza tal-Eurojust, fl-ambitu ta' Artikolu 40 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust, intalbet biex ikun jista' jitħaffef il-proċess tal-eżekuzzjoni ta' talba Spanjola għal MLA lil Ġibiltà, li hi ġurisdizzjoni awtonoma. Il-Europol kienet involuta matul il-kawża kollha u appoġġjat il-proċedimenti ġudizzjarji li kienu għaddejjin billi pprovdiet lill-Istati kollha involuti, rapport dettaljat li jgħaqqad każijiet f'numru ta' Stati.

Il-każ kien għadu għaddej fl-2015.

*Tipi ta' reati ewlenin f'każijiet li jinvolvu Stati terzi*




***Illustrazzjonijiet ta' każijiet***

F'Diċembru 2014, l-awtoritajiet Franċiżi fittxew l-għajnuna tal-Eurojust biex iżarmaw OCG li kien ibbażat fil-Bosnia u Herzegovina (BiH), b'konnessjonijiet mal-Awstrija u Franza. L-OCG, immexxi minn kap ta' clan u t-tliet uliedu, kien involut fit-THB ta' minorenni, bl-esplojtazzjoni ta' dawn il-vittmi billi jqabbduhom jikkommettu serq, l-aktar fuq is-sistema tat-trasport pubbliku f'Pariġi. L-OCG, kien ilu attiv mill-inqas sa mill-2012, u kien ukoll is-suspettat li kien qed iwettaq traffikar tad-drogi, traffikar ta' vetturi misruqa u ħasil tal-flus, bi profitti stmati li jaqbżu EUR 2 miljun. Il-flus kienu jintbagħtu lura fil-BiH u kienu jiġu użati biex jinxtraw vetturi u proprjetajiet lussużi.

Ġew imtella' żewġ laqgħat ta' koordinazzjoni f'The Hague u f'Sarajevo, rispettivament, biex tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn Franza u l-BiH, u b'hekk jiġi evitat li jinbdew investigazzjonijiet paralleli fl-Awstrija. Biex jiġu mgħaġġla l-investigazzjonijiet fi Franza u l-BiH, ġie stabbilit l-ewwel JIT li qatt twaqqaf bejn Stat Membru u l-BiH.

Il-JIT serva biex jiġi ssimplifikat l-involviment ta' investigaturi minn Stat wieħed fl-investigazzjonijiet segwiti mill-Istat l-ieħor. Permezz tal-JIT, l-Istati parteċipanti setgħu jissinkronizzaw l-operazzjonijiet tagħhom, b'mod partikulari waqt il-fażi tal-arresti, u setgħu wkoll jevitaw it-telf ta' informazzjoni, kif ukoll il-possibbiltà li jaħarbu xi persuni ssuspettati. Il-kooperazzjoni permezz tal-JIT kabbret il-ġbir ta' evidenza biex tkun tista' tintuża fil-proċeduri ġudizzjarji kif ukoll il-qbid u l-konfiska ta' profitti mill-kriminalità kemm fi Franza u wkoll fil-BiH.

Il-kooperazzjoni mill-qrib fost l-awtoritajiet ġudizzjarji, il-pulizija, l-NGOs, il-UNODC, l-istituzzjonijiet responsabbli għall-protezzjoni legali tat-tfal u l-Eurojust matul il-każ kollu tixhed li l-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali ma' Stati terzi ġġib riżultati pożittivi, anke meta jiġu trattati forom avvanzati u kumplessi ta' OCGs. Fl-aħħar nett, jum ta' azzjoni komuni li ġie stabbilit fi Franza u l-BiH f'Lulju 2015 wassal għaż-żarmar tal-OCG.




| Informazzjoni Ġenerali | Nru ta' Każijiet |
|---|---|
| Numru totali ta' każijiet ma' Stati terzi | 298 |
| Numru totali at' Stati terzi involuti | 63 |

## Il-Prosekuturi ta' Kollegament fil-Eurojust

Il-preżenza ta' Prosekuturi ta' Kollegament fil-Eurojust u l-involviment tagħhom fil-każijiet, ġiet ikkunsidrata bħala ta' benefiċċju fl-identifikazzjoni tal-punti ta' kuntatt rilevanti fl-Istat ta' oriġini tagħhom. Din tiffaċilita wkoll il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati u Stati terzi.

Il-Eurojust għandha tliet Prosekuturi ta' Kollegament, issekondati min-Norveġja, l-Istati Uniti tal-Amerika u, sa minn Marzu, l-Iżvizzera.

Wara ż-żjara tal-Onorevoli Sinjura Loretta Lynch, Avukat Ġenerali tal-Istati Uniti tal-Amerika, u l-aħbar li tat dwar is-sekondar ta' Prosekutur taċ-Ċiberkriminalità Amerikan mid-Diviżjoni tal-Kriminalità tad-Dipartiment tal-Ġustizzja tal-Istati Uniti għall-Eurojust, inħatar Prosekutur taċ-Ċiberkriminalità Amerikan f'Novembru biex jassumi d-dmirijiet f'Jannar 2016.

Il-Prosekutur ta' Kollegament għan-Norveġja rreġistra 50 każ, li jittrattaw prinċipalment it-traffikar tad-drogi u l-involviment f'OCG. L-Istati Membri l-aktar spiss involuti f'dawn il-każijiet kienu il-Polonja, il-Litwanja, Spanja u Franza. Il-Prosekutur ta' Kollegament għall-Iżvizzera irreġistra 47 każ, li jittrattaw prinċipalment imbrolji u frodi, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni, reati kontra l-ħajja, il-libertà personali u t-traffikar tad-droga.




**Petter Sødal**, *Liaison Prosecutor for Norway*
**Maria Schnebli**, *Liaison Prosecutor for Switzerland*
**Michael Olmsted**, *Liaison Prosecutor for the USA*

L-Istati Membri l-aktar spiss involuti f'dawn il-każijiet kienu Spanja, il-Ġermanja, l-Olanda u r-Renju Unit. Il-Prosekutur ta' Kollegament għall-Iżvizzera organizza żewġ laqgħat ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni u kkoordina waħda, u l-Prosekutur ta' Kollegament għan-Norveġja organizza żewġ laqgħat ta' koordinazzjoni.

## Il-Punti ta' kuntatt tal-Eurojust fi Stati terzi

Il-ħatra ta' punti ta' kuntatt tal-Eurojust għall-Istati terzi hi għodda użata b'mod komuni biex tittejjeb

*Każijiet mill-Prosekuturi ta' Kollegament 2011 - 2015*




il-kooperazzjoni bejn Stati Membri u Stati terzi billi jiġu ffaċilitati kuntatti permezz tal-Eurojust.

Fl-2015, il-Eurojust kompliet testendi n-network tagħha ta' punti ta' kuntatt madwar id-dinja billi żiedet punti ta' kuntatt mill-Alġerija, iċ-Ċilì, l-Iraq, il-Ġordan, il-Libanu, l-Awtoritajiet Palestinjani u l-Arabja Sawdita. Fil-preżent, 39 Stati terzi ħatru l-punti ta' kuntatt tal-Eurojust.

## *Appoġġ għall-proġetti esterni*

L-Eurojust kompliet tappoġġja inizjattivi fil-Balkani tal-Punent, bħal fil-każ tal-proġetti msemmija hawn fuq (ara kapitlu 2) marbuta mal-kuntrabandu ta' immigranti illegali u THB, li jinkludu l-proġett tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni 2014 iffinanzjat mill-UE *Il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Ġustizzja Kriminali: In-Network tal-Prosekuturi fil-Balkani tal-Punent.*

# Operazzjoni Vertigo: ħarsa mill-qrib

Każ tipiku ta' frodi transkonfinali għandu tendenza li jsegwi linji ġeografiċi loġiċi u jista', pereżempju, jiffoka fuq grupp lingwistiku partikulari. L-Operazzjoni "Vertigo" ma segwietx il-mudell tas-soltu. Il-kobor assolut u l-kumplessità tagħha għamluha eċċezzjonali.

F'dan il-każ ta' frodi tat-tip carousel, l-OCG wara l-attività kriminali, uża infrastruttura sofistikata (kumpaniji ta' lqugħ, negozjanti nieqsa, kumpaniji li jiffunzjonaw bħala 'pjattaformi ta' ħlas alternattiv' biex jiġi ffaċilitat il-ħasil tal-flus u trasferimenti ta' flus relatati mal-kriminalità) mifruxa fuq diversi Stati Membri u numru ta' Stati terzi, għad-dannu taċ-ċittadini tal-UE li ġew iffrodati b'madwar EUR 320 miljun fi dħul fiskali.

Bejn Novembru 2013 u Ottubru 2015 saru diversi laqgħat ta' koordinazzjoni, mibdija mid-Desk Ġermaniża fil-Eurojust. Ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Polonja u l-Olanda stabbilixxew JIT, parzjalment iffinanzjat mill-Eurojust. Il-Eurojust u l-Europol urew kollaborazzjoni b'saħħitha sa mill-ewwel fażijiet tal-investigazzjoni. Il-Europol ipprovdiet appoġġ analitiku estensiv u skambju ta' għarfien.

Ċentru ta' koordinazzjoni stabbilit fil-Eurojust ikkoordina r-rispons ġudizzjarju u pprovda appoġġ fir-rigward tal-**ewwel jum ta' azzjoni komuni** fl-2015, li l-għan tiegħu kien li jfixkel l-operat ta' waħda mill-friegħi tal-OCG. Bħala riżultat, ġew arrestati disa' persuni ssuspettati u saru tfittxijiet f'26 post fl-Istati Membri parteċipanti.

It-**tieni jum ta' azzjoni komuni** wassal għall-arrest ta' 14-il persuna ssuspettata, inkluż xi wħud li kienu allegatament l-imħuħ tal-OCG, u saru aktar minn 40 perkwiżizzjoni. B'mod parallel, l-awtoritajiet Ġermaniżi, Ċeki u Pollakki pproċedew b'azzjonijiet ta' arresti u perkwiżizzjonijiet fuq il-bażi ta' mandati nazzjonali fil-qafas tal-investigazzjonijiet nazzjonali tagħhom stess.

It-**tielet jum ta' azzjoni komuni** ffoka fuq tiftix u intervisti ta' persuni ssuspettati u xhieda li kienu ġew identifikati primarjament ibbażati fuq evidenza miġbura fil-qafas tal-jumejn ta' azzjoni komuni li saru qabel. Saru aktar minn 49 tfittxija u 27 seduta ta' smigħ ta' xhieda u persuni ssuspettati fil-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, l-Olanda, il-Polonja, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakka, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

Il-Europol waqqfet uffiċċju mobbli fit-tliet ċentri ta' koordinazzjoni kollha tal-Eurojust. Dan ippermetta aċċess dirett għad-databases tal-Europol biex ikunu jistgħu jsiru kontroverifiki u analiżi tad-dejta, u ġie ffaċilitat ukoll l-iskambju tal-informazzjoni f'ħin reali. Il-Eurojust iffaċilitat l-immaniġġjar ta' talbiet għal MLAs, EAWs, perkwiżizzjonijiet, qbid u smigħ fuq il-post.



Ċentru ta' koordinament li nżamm fil-Eurojust għall-Operazzjoni Vertigo

## Kwistjonijiet legali u prattiċi:

- L-isfida ewlenija kien il-*modus* operandi ta' dan l-OCG, b'mod partikulari l-mod li bih l-OCG immaniġġja l-ħlasijiet, billi uża l-hekk imsejħa pjattaformi ta' ħlas alternattiv biex jiffaċilitaw trasferimenti ta' flus relatati mal-kriminalità u l-ħasil tal-flus assoċjat magħhom. Dan il-metodu ppermetta lill-OCG biex ikun jista' jifrex l-attivitajiet tiegħu madwar id-dinja, pereżempju billi jpoġġi l-għodda għall-immaniġġjar tal-pagamenti f'pajjiż wieħed filwaqt li l-kont bankarju tal-pjattaforma ta' ħlas alternattiv kien jinsab f'pajjiż ieħor. Barra minn hekk, l-imħuħ wara l-ippjanar ta' dan il-frodi seta' jkollhom residenza kullimkien, mingħajr ma jkunu limitati mill-attivitajiet kriminali li għaddejjin, li jfisser li kull azzjoni meħuda min-naħa tal-awtoritajiet investigattivi kien jeħtiġilha li dawn jaqsmu l-fruntiera tal-ġurisdizzjoni tagħhom stess, u b'hekk tkun tirrekjedi kooperazzjoni internazzjonali.
- Il-kobor tal-investigazzjonijiet kien jirrekjedi wkoll kooperazzjoni transkonfinali. Fil-Ġermanja biss, inħarġu aktar minn 500 talba għal MLA.
- Minħabba l-ambitu kbir tal-attivitajiet kriminali, numru ta' investigazzjonijiet kienu diġà nbdew fl-Istati affettwati. L-iffaċilitar u l-koordinazzjoni ta' kooperazzjoni ġudizzjarja effettiva f'dan ix-xenarju kienu jeħtieġu li l-investigazzjonijiet paralleli kollha jkunu identifikati.

## Lezzjonijiet mitgħallma:

- Minkejja l-konnessjonijiet skoperti ma' ħafna Stati Membri, ittieħdet deċiżjoni biex il-każ tal-Eurojust jiffoka fuq l-Istati involuti ewlenin. L-effettività ta' JIT dinamiku kompost minn erba' Stati Membri biss kien ikkunsidrat bħala aktar importanti mit-twaqqif ta' JIT li jkun aktar inkluživ, iżda li seta' jkun inqas flessibbli.

- Id-direzzjonar ta' MLA u talbiet oħra li saru fost l-imsieħba tal-JIT permezz tal-Eurojust, kien qed isir biss għal talbiet li kienu se jiġu esegwiti matul il-jiem ta' azzjoni. Każijiet futuri jistgħu jgawdu jekk jgħaddu kwalunkwe talbiet bħal dawn, inkluż talbiet għal segwitu, mingħand il-Eurojust.

- Bħala preparazzjoni għall-jum ta' azzjoni, inżammet laqgħa ta' koordinazzjoni fil-Eurojust sitt ġimgħat qabel id-data prevista. Mill-inqas xahar qabel din il-laqgħa ta' koordinazzjoni, in-notifiki dwar il-miri jew, jekk possibbli, abbozzi tat-talbiet għal MLAs u JITs, ġew iddistribwiti permezz tad-Desks Nazzjonali tal-pajjiżi involuti, għall-finijiet tal-ġbir u l-verifikazzjoni tad-dejta dwar il-miri, qabel ma tinħareġ ordni tal-qorti domestika. B'dan il-mod, tista' ssir eżekuzzjoni aktar effiċjenti ta' talbiet għal MLA, u jista' jiġi allokat ħin suffiċjenti għall-preparazzjoni tat-talbiet finali għal MLAs u t-traduzzjonijiet meħtieġa, kif ukoll għall-eżekuzzjoni tat-talbiet matul il-jum ta' azzjoni.

- Kienu meħtieġa tliet ċentri ta' koordinazzjoni minħabba l-ambitu tal-każ u l-azzjonijiet neċessarji, u dan ippermetta wkoll lill-awtoritajiet nazzjonali biex kull darba jiffokaw fuq ċertu livell ta' persuni li wettqu r-reati jew miżuri.

- Waqt il-ħidma taċ-ċentri ta' koordinazzjoni fil-Eurojust, il-komunikazzjoni diretta mingħajr il-ħtieġa li wieħed jgħaddi mid-Desks Nazzjonali rispettivi (pereżempju, l-awtoritajiet Olandiżi li jikkomunikaw direttament mar-rappreżentanti tad-Desk Ġermaniż jew Spanjol fil-Eurojust jew viċiversa) ħadmu tajjeb ħafna, u ppermettew l-immaniġġjar ta' numru kbir ta' miżuri ta' segwitu fi żmien qasir ħafna.

- Il-komunikazzjoni u s-segwitu tat-talbiet għal MLAs permezz tad-Desks Nazzjonali fil-Eurojust, neħħew piż kbir minn fuq l-awtoritajiet nazzjonali.

## L-aħjar prattika:

- L-involviment bikri tal-Eurojust jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti li jkunu se jesegwixxu t-talbiet għal MLAs, jiġu identifikati fi stadju bikri u li jiġi stabbilit kuntatt dirett ma' dawn l-awtoritajiet. Pereżempju, il-kooperazzjoni mill-qrib mal-pulizija dwar Ċipru fl-ewwel jum ta' azzjoni kienet ta' valur miżjud, għaliex permezz tagħha seta' jiġi determinat il-post attwali ta' residenza ta' wieħed mill-persuni ssuspettati prinċipali, u kien possibbli li jsir l-arrest tiegħu fuq il-bażi ta' EAW.

- Bħala preparazzjoni għall-jum ta' azzjoni, għandha ssir laqgħa ta' koordinazzjoni fil-Eurojust mill-inqas sitt ġimgħat qabel id-data prevista.

- Trid tiġi assigurata kollaborazzjoni b'saħħitha fost il-partijiet kollha involuti sa minn stadju bikri, u dan hu fattur importanti għas-suċċess tal-investigazzjonijiet. Pereżempju, il-Europol kienet kapaċi tgħaqqad l-investigazzjonijiet Ġermaniżi, Pollakki, Ċeki u Olandiżi. Din il-kollaborazzjoni, flimkien mal-għajnuna u l-koordinazzjoni tal-Eurojust u l-Europol, kienu fatturi ewlenin fil-formazzjoni tal-JIT.

- Filwaqt li l-Istati kollha li pparteċipaw fil-JIT kellhom esperjenza preċedenti ma' din il-għodda ta' koordinazzjoni ġudizzjarja f'każijiet fuq skala iżgħar, il-każ attwali kkonvinċa lill-parteċipanti tal-JIT li anki każijiet fuq skala kbira jistgħu jiġu mmaniġġjati bl-istess mod u b'aktar effiċjenza permezz ta' JITs.

- Inħolqot formola, li tintuża fost il-membri ta' JIT biex iżommu rekord ta' talbiet li saru, u l-evidenza li ġiet skambjata.

- Filwaqt li sal-lum ċentri ta' koordinazzjoni tal-Eurojust offrew servizz kumplimentari għall-isforzi nazzjonali ta' koordinazzjoni matul il-jiem ta' azzjoni, iċ-ċentri ta' koordinazzjoni li twaqqfu f'dan il-każ aġixxew bħala l-punt uniku ta' koordinazzjoni tal-azzjonijiet imwettqa fl-Istati parteċipanti prinċipali. Dan il-każ juri li l-Eurojust tista' twettaq il-firxa sħiħa tal-kompiti involuti f'jum ta' azzjoni multilaterali fuq skala kbira. Il-parteċipazzjoni attiva tal-awtoritajiet nazzjonali żgurat li l-informazzjoni setgħet tgħaddi b'mod fluwidu u bla xkiel bejn iċ-ċentru ta' koordinazzjoni tal-Eurojust u l-awtoritajiet responsabbli mill-eżekuzzjoni tal-azzjonijiet.

- Il-preżenza fil-Eurojust tal-awtoritajiet nazzjonali mill-pajjiżi parteċipanti matul il-jiem ta' azzjoni komuni, li jaħdmu flimkien ma' staff tal-Eurojust f'kamra waħda, jiżgura l-ġbir immedjat ta' informazzjoni. Dan jippermetti li jingħata rispons ġudizzjarju fil-pront għal xhieda/informazzjoni ġdida/emerġenti (pereżempju, mandati ġodda ta' ffriżar, tfittxijiet), soluzzjonijiet immedjati għall-problemi prattiċi u konklużjonijiet min-naħat kollha.

- Il-proċess tal-ġbir ta' lezzjonijiet mitgħallma matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' każ, jgħin b'mod sinifikanti fit-titjib tal-kooperazzjoni u fl-iffaċilitar tar-rispons ġudizzjarju fost il-partijiet interessati identifikati. Il-ġbir ta' din l-informazzjoni se jkun ukoll ta' għajnuna kbira fil-proċess ta' evalwazzjoni fl-aħħar tal-każ tal-Eurojust, li r-riżultati tiegħu jistgħu jintużaw għal każijiet futuri b'ambitu u ta' daqs simili.

Il-Prosekutur Pollakk, flimkien ma' dak Olandiż u dak Ġermaniż inkarigati mill-każ, ikkummentaw hekk dwar it-tielet jum ta' azzjoni komuni konġunta f'Novembru 2015:

*"Għalkemm għadna għaddejjin b'rittmu mgħaġġel fil-ħidma tagħna marbuta mal-ġbir u l-evalwazzjoni tal-eżitu tal-miżuri proċedurali numerużi li saru matul il-jum ta' azzjoni, nistgħu ngħidu li l-operazzjoni kienet ta' suċċess kbir, u dan sar possibbli biss mill-kontribuzzjonijiet validi mill-parteċipanti kollha. Dan juri li l-ħidma flimkien f'JIT bl-appoġġ tal-Eurojust, il-Europol u l-awtoritajiet nazzjonali, tagħtina vantaġġ fil-ġlieda internazzjonali bla heda kontra l-frodi MTIC."*




# 3 Sfidi u l-aħjar prattika

Permezz tal-ħidma operattiva marbuta mal-każijiet u x-xogħol strateġiku tagħha, il-Eurojust tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' sfidi u l-aħjar prattika f'oqsma differenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. Fl-2015, il-Eurojust iffokat fuq tliet oqsma: il-konflitti ta' ġurisdizzjoni, iż-żamma tad-dejta u l-kunsinni kkontrollati.

Il-konflitti ta' ġurisdizzjoni kienu prijorità għall-Presidenza tal-UE fil-qafas tad-9 laqgħa tal-Forum Konsultattiv tal-Prosekuturi Ġenerali u d-Diretturi tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi tal-Istati Membri (Forum Konsultattiv). Il-Eurojust tat il-kontribut tagħha fir-riflessjonijiet ibbażati fuq l-esperjenzi operattivi tagħha u l-lezzjonijiet mitgħallma.

L-annullament tad-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta 2006 mis-CJEU f'April 2014, ħoloq il-ħtieġa li ssir analiżi tal-impatt li din is-sentenza kellha fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, kif ukoll li ssir identifikazzjoni tad-diffikultajiet ikkawżati minħabba f'hekk fil-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati serji u l-kooperazzjoni ġudizzjarja marbuta magħhom. Il-Eurojust appoġġjat din l-evalwazzjoni tal-impatt fir-rigward taż-żamma tad-dejta.

Il-Kulleġġ tal-Eurojust għażel li jorganizza diskussjoni tematika dwar kunsinni kkontrollati, mill-perspettiva tal-isfidi osservati fil-ħidma marbuta mal-każijiet tal-Eurojust f'dan il-qasam.

## 3.1 Konflitti ta' ġurisdizzjoni

Il-Eurojust kompliet tappoġġja prattikanti nazzjonali f'każijiet li jirrigwardaw il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' ġurisdizzjoni. Bħal fis-snin preċedenti, il-maġġoranza tal-każijiet ġew solvuti b'mod informali aktar milli permezz tal-użu formali tas-setgħat taħt Artikoli 6 u 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust. Fl-2015, ma saru l-ebda rakkomandazzjoni formali mill-Kulleġġ skont Artikolu 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust, iżda l-użu ta' Artikolu 6(a)(ii) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust mid-Desks Nazzjonali, żdied b'mod konsiderevoli, b'34 talba maħruġa fl-2015 meta mqabbla ma' 12 fl-2014. Id-Desk tal-Ungerija għamlet l-akbar numru ta' talbiet, segwita mid-Desk ta' Spanja. Id-Desk tal-Ġermanja rċeviet l-akbar numru ta' talbiet, segwita mid-Desks tal-Awstrija, Franza u r-Renju Unit.

Il-laqgħat tal-Eurojust f'Livell II, il-laqgħat ta' koordinazzjoni u l-JITs huma kkunsidrati bħala għodod kruċjali fil-kuntest ta' konflitti ta' ġurisdizzjoni. Huma jiffaċilitaw l-iskambju effettiv u bikri tal-informazzjoni u jgħinu biex jiġu identifikati u/jew ikkoordinati proċedimenti paralleli possibbli, biex jinkixfu konnessjonijiet ma' każijiet fi Stati Membri oħra, biex ikunu evitati konflitti ta' ġurisdizzjoni, biex isir qbil dwar it-trasferiment ta' proċedimenti, u/jew biex jiġi evitat *ne bis in idem*.

Waħda mill-isfidi ewlenin relatati mal-konflitti ta' ġurisdizzjoni hi l-iskoperta bikrija ta' proċedimenti paralleli. F'dan ir-rigward, Artikolu 13(7)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust, li jimponi dmir fuq l-awtoritajiet nazzjonali biex jinfurmaw lill-Eurojust b'każijiet li fihom qamu konflitti ta' ġurisdizzjoni, jew li hu probabbli li jqumu fihom, għandu rwol ċentrali. Sfortunatament, in-numru ta' notifiki taħt Artikolu 13(7)(a) jagħti wieħed x'jifhem li din id-dispożizzjoni għadha mhix qed tintuża biżżejjed. Anki jekk in-numru ta' notifiki fuq il-bażi ta' Artikolu 13(7)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust żdied mill-2011, in-numru attwali ta' notifiki fl-2015, jiġifieri 35, għadu wieħed baxx. Barra minn hekk, dawn il-35 notifika joriġinaw minn ħames Stati Membri biss: L-Ungerija (21 notifikazzjoni), Spanja (11-il notifikazzjoni), il-Belġju, l-Olanda u l-Finlandja (notifika waħda kull wieħed).

Il-konflitti ta' ġurisdizzjoni kien is-suġġett ta' diskussjoni f'Ġunju 2015 waqt is-seminar strateġiku tal-Eurojust, *Konflitti ta' ġurisdizzjoni, trasferiment ta' proċedimenti u ne bis in idem. Suċċessi, Nuqqasijiet u Soluzzjonijiet*. Ir-rapport kien ippubblikat bħala Council doc. 14172/15 u hu disponibbli fuq il- website tal-Eurojust. Ir-rapport ġie diskuss ukoll fid-9 laqgħa tal-Forum Konsultattiv (*ara* sezzjoni 5.4). F'dawn il-laqgħat, prattikanti nazzjonali, membri tal-Forum u rappreżentanti tal-Eurojust, iddiskutew in-nuqqasijiet ta', u soluzzjonijiet marbuta ma' erba' kwistjonijiet: proċedimenti paralleli, kriterji biex jiddeterminaw liema ġurisdizzjoni għandha twettaq il-prosekuzzjoni, trasferiment ta' proċedimenti u *ne bis in idem*.

**Proċedimenti paralleli:** Il-parteċipanti kkonkludew li problemi bħal duplikazzjoni tax-xogħol, ħela ta' riżorsi u *ne bis in idem* jistgħu jseħħu kemm-il darba proċedimenti paralleli ma jiġux identifikati fi stadju bikri u/jew ma jkunux ikkoordinati. Soluzzjonijiet biex tissaħħaħ l-identifikazzjoni bikrija jinkludu żieda fil-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti; żieda fl-għarfien dwar id-dmir tal-awtoritajiet nazzjonali biex jinfurmaw lill-Eurojust f'każijiet ta' konflitti ta' ġurisdizzjoni (Artikolu 13(7)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust), u possibbilment ukoll, fuq medda itwal ta' żmien, il-ħolqien ta' databases nazzjonali ċentralizzati dwar investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin u sistema li tgħaqqad dawn id-databases fuq livell tal-UE. Il-laqgħat ta' koordinazzjoni u JITs kienu kkunsidrati bħala għodda eċċellenti biex jiġu kkoordinati proċeduri paralleli.

**Kriterji biex jiġi deċiż l-aħjar post għall-prosekuzzjoni:** Il-parteċipanti enfasizzaw li ħafna Stati Membri għandhom kriterji ġenerali dwar il-ġurisdizzjoni interna, iżda ftit għadhom dawk li stabbilixxew kriterji biex ikun deċiż liema hi l-aħjar ġurisdizzjoni li twettaq il-prosekuzzjoni f'każijiet ta' konflitti ta' ġurisdizzjoni f'kuntest transkonfinali. Il-linji gwida tal-Eurojust *Linji gwida għal deċiżjoni dwar liema ġurisdizzjoni għandha twettaq prosekuzzjoni?* kienu kkunsidrati bħala għodda utli ħafna, iżda dawn jistgħu jiġu elaborati aktar bl-inklużjoni ta' eżempji jew billi jistipulaw kriterji

addizzjonali li jirriflettu l-iżviluppi riċenti fil-ġustizzja kriminali tal-UE. Il-parteċipanti argumentaw li, sabiex tiġi żgurata flessibbiltà u adattabilità għal xenarji marbuta ma' każijiet differenti, il-kriterji m'għandhomx ikunu kklassifikati.

**Trasferiment ta' proċedimenti**: Il-fehma ġenerali tal-parteċipanti kienet li jeżistu bosta sfidi, bħan-nuqqas ta' bażi legali, nuqqas ta' informazzjoni dwar is-segwitu tal-każ, in-nuqqas ta' skadenzi, kwistjonijiet ta' traduzzjoni u problemi evidenzjali. Li jsir kuntatt kmieni, il-kooperazzjoni attiva, evalwazzjoni bikrija tal-validità tal-evidenza li għandha tiġi ttrasferita, u t-traduzzjoni tas-sommarji tal-każijiet fi stadju bikri, kienu kkunsidrati bħala eżempji tal-aħjar prattika. Strument leġiżlattiv ġdid tal-UE dwar it-trasferiment ta' proċedimenti, ma', pereżempju, kriterji għall-assunzjoni tal-proċedura, raġunijiet għal rifjut, kwistjonijiet tekniċi bħal traduzzjoni, il-kontenut minimu tat-talba u l-iskadenzi, jista' jegħleb l-ostakli attwali.

***Ne bis in idem***: Il-parteċipanti ddikjaraw li kemm il-kunċett ta' 'l-istess azzjonijiet' kif ukoll il-kwistjoni ta' meta każ ikun 'inqata' b'mod finali', xorta jwasslu għal problemi u interpretazzjonijiet differenti. Bosta parteċipanti enfasizzaw l-importanza ta' aktar taħriġ u żieda li titqajjem kuxjenza, u ssuġġerew aċċess għal ġabra ta' każistika eżistenti (CJEU u l-qrati nazzjonali), inkluż sommarji, kif ukoll ħarsa ġenerali lejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali u informazzjoni rilevanti oħra.

Bi tħejjija għas-seminar u l-laqgħa tal-Forum Konsultattiv, il-Kulleġġ tal-Eurojust organizza diskussjoni tematika u ħareġ ir-*Rapport dwar Każijiet tal-Eurojust fil-Qasam tal-Prevenzjoni u r-Riżoluzzjoni ta' Konflitti ta' Ġurisdizzjoni* li jkopri l-perjodu 2009-2014, li jittratta l-erba' kwistjonijiet imsemmija qabel, fid-dawl tal-ħidma fuq il-każijiet tal-Eurojust, ippubblikat bħala Council doc. 9474/15 u hu disponibbli fuq il- website tal-Eurojust.

***Illustrazzjoni ta' każ***

L-appoġġ tal-Eurojust f'każ marbut ma' serq ta' vetturi bil-mutur fl-2015 juri l-kumplessità tal-każijiet ta' OPC. Filwaqt li dan il-każ kien jikkonċerna biss persuna waħda ssuspettata, li kien qed iwettaq reati relattivament żgħar kull darba li kien jikri vettura fi Stat Membru u mbagħad ibiegħha lill-kompliċi tiegħu fi Stat Membru ieħor, il-każ jixhed kemm in-numru totali ta' reati mwettqa jista' jkun sinifikanti, kif ukoll li l-mobilità ta' persuni kriminali tista' tikkawża ostakoli legali u sfidi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja.

Qorti mill-Bulgarija avviċinat lill-Eurojust għal assistenza li tikkonċerna konflitt ikkumplikat ta' ġurisdizzjoni u potenzjal ta' *ne bis in idem*. Il-qorti kienet iffaċċjata b'żewġ EAWs kompetituri li kienu jikkonċernaw ċittadin Taljan li kien allegatament involut f'serq ta' karozzi. Il-mandati nħarġu mill-Polonja u r-Rumanija, rispettivament. Fl-istess waqt, il-persuna ssuspettata kienet soġġetta għal investigazzjoni kriminali għal reati simili fil-Bulgarija, fejn kien qed jinżamm f'detenzjoni, wara li ġie ċedut mill-awtoritajiet Ċeki permezz tal-eżekuzzjoni ta' EAW Bulgaru. L-awtoritajiet Bulgari kienu infurmati mill-persuna ssuspettata li hu kien instab ħati tal-istess reati jew reati simili fl-Ungerija u r-Repubblika Ċeka u kien serva sentenzi ta' ħabs fiż-żewġ pajjiżi.

Id-Desk Bulgara fil-Eurojust stiednet lid-Desks Nazzjonali tar-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja u r-Rumanija għal-laqgħa ta' Livell II biex jikkondividu informazzjoni dwar din is-sitwazzjoni legali kumplessa u jsibu mod kif se jipproċedu. L-awtoritajiet Bulgari kienu konsapevoli li r-reat marbut mal-EAW Pollakk kien jikkorrispondi ma' waħda minn seba' reati b'kollox elenkati fl-EAW Rumen. Bħala riżultat tal-laqgħa, l-awtoritajiet Ċeki u Ungeriżi setgħu jinfurmaw lid-Desk Bulgaru li r-reati li għalihom il-persuna ssuspettata kienet instabet ħatja fir-Repubblika Ċeka u fl-Ungerija kienu jikkorrispondu ma' wħud mir-reati allegati fl-EAW Rumen.

Kien ikkumplikat li wieħed jistabbilixxi s-sovrapożizzjoni eżatta tar-reati, għax f'bosta sistemi legali, diversi inċidenti ta' serq jistgħu jiġu kkunsidrati bħala reat kontinwu u, għaldaqstant, bħala reat wieħed. L-iskambju ta' informazzjoni li ngħata bidu għaliha fil-laqgħa, kompla jindika interess partikulari tal-awtoritajiet Rumeni biex iwessgħu l-każ, għax il-persuna ssuspettata ħadmet ma' persuni kompliċi fir-Rumanija, li kienu soġġetti għal investigazzjoni Rumena.

Eżitu possibbli nstab qabelxejn fl-emenda tal-EAW Rumen biex jiġu inklużi biss dawk ir-reati li ma kinux parti mill-każijiet tar-Repubblika Ċeka u tal-Ungerija li kellhom mnejn jikkawżaw sitwazzjoni *ne bis in idem* fl-eventwalità li l-persuna ssuspettata tkun soġġetta għal proċedimenti Rumeni għall-istess reati. Barra

minn hekk, l-awtoritajiet Rumeni ntalbu biex jagħmlu rikjesti għal ċediment temporanju tal-persuna ssuspettata, minħabba l-investigazzjoni Bulgara li kienet għaddejja u l-interess li ssir il-prosekuzzjoni tal-persuna ssuspettata għal allegati reati fil-Bulgarija.

Talba oħra saret lill-awtoritajiet Pollakki biex jirtiraw l-EAW tagħhom, abbażi tal-argument li r-reat li għalih ġiet imfittxija l-persuna ssuspettata kien inkluż fl-EAW Rumen. Ingħatat preferenza għall-eżekuzzjoni tal-EAW Rumen, minħabba l-bosta reati kommessi fir-Rumanija u minħabba li l-EAW Rumen kien jippreċedi lill-EAW Pollakk.

Madankollu, minħabba li l-EAW Rumen ma setax jiġi emendat, il-qorti Bulgara tat bidu fil-pront għall-kawża kontra l-persuna ssuspettata. Il-persuna ssuspettata nstabet ħatja, u l-eżekuzzjoni tas-sentenza ġiet posposta għal ħames snin, biex b'hekk tippermetti lill-qorti Bulgara biex sussegwentement teżegwixxi l-EAW Rumen. Il-bażi għaċ-ċediment lir-Rumanija kienet limitata għal dawk ir-reati li għalihom il-persuna ssuspettata ma kinitx ġiet ikkundannata għalihom qabel. L-appoġġ u l-isforzi ta' kollegament tal-Eurojust, kif ukoll l-użu effettiv tal-laqgħa f'Livell II bħala għodda ta' kooperazzjoni, taw kontribut għall-eżitu pożittiv tal-każ, li ntlaħaq madwar xahar wara li kien inbeda l-każ fil-Eurojust.

## 3.2 Iż-żamma tad-dejta

Id-Direttiva 2002/58/KE (id-Direttiva E Dejta) kienet maħsuba biex tipproteġi d-dritt fundamentali u l-libertà ta' persuni naturali għall-privatezza billi jiġu stabbiliti regoli għall-ipproċessar mill-forrnituri tan-networks u tas-servizzi ta' dejta dwar it-traffiku u l-post, iġġenerati permezz tal-użu ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika. Id-Direttiva E Dejta nfisha rrikonoxxiet id-dritt tal-Istati Membri li jirrestrinġu l-ambitu ta' dawn id-drittijiet fejn meħtieġ, f'soċjetà demokratika, sabiex jissalvagwardjaw is-sigurtà nazzjonali, jew għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iżvelar u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali.

Fl-interess tal-koordinazzjoni effettiva tal-investigazzjonijiet kriminali u prosekuzzjonijiet, Id-Direttiva 2006/24/KE fuq iż-Żamma tad-Dejta (id-DRD) fittxet li tarmonizza d-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri fir-rigward ta' dawn ir-restrizzjonijiet, partikularment fiż-żona taż-żamma u l-użu ta' dejta elettronika. F'April 2014, is-CJEU, filwaqt li rrikonoxxa li d-DRD ġenwinament issodisfat objettiv ta' interess ġenerali, iddikjaraha bħala invalida *ab initio* fid-*Digital Rights Ireland Ltd* (C 293/12), abbażi li din qabżet il-limiti ta' proporzjonalità u neċessità biex jintlaħaq dak l-objettiv.

Ir-reazzjonijiet tal-Istati Membri għal dan l-annullament kien varjat, b'uħud minnhom jirrevokaw il-leġiżlazzjoni, u oħrajn jemendawha biex tkun konformi mat-termini tas-sentenza, u oħrajn jikkonkludu li l-livell neċessarju ta' protezzjoni u ta' proporzjonalità kien inerenti fir-reġimi rispettivi tagħhom. Din il-firxa ta' reazzjonijiet dgħajfet l-għan tad-DRD biex tinkiseb armonizzazzjoni u ħolqot frammentazzjoni fir-reġimi taż-żamma ta' dejta legali madwar l-Unjoni Ewropea, u b'hekk dan wassal għal sfidi sinifikanti fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' kriminalità serja kif ukoll fil-kooperazzjoni ġudizzjarja marbuta magħhom.

Billi l-iskemi taż-żamma tad-dejta huma rikonoxxuti bħala għodda indispensabbli fl-iżvelar, il-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' kriminalità serja, inkluż il-kriminalità transkonfinali, il-Eurojust iddeċidiet li tanalizza l-qafas legali fl-Istati Membri differenti, bl-intenzjoni li jiġu identifikati: (i) ostakoli maħluqa mill-annullament tad-DRD u r-reġimi legali differenti dwar iż-żamma tad-dejta li qamu bħala konsegwenza, (ii) soluzzjonijiet possibbli, lezzjonijiet mitgħallma, u l-aħjar prattika biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, kemm f'livell domestiku kif ukoll f'każijiet transkonfinali, u (iii) oqsma għal aktar kooperazzjoni u/jew azzjoni leġiżlattiva, kif xieraq. F'dan l-impenn, il-Eurojust iċċirkolat kwestjonarju lid-Desks Nazzjonali, segwit minn diskussjoni tematika li saret mill-Kulleġġ. Ir-riżultat tal-ħidma ġie ppreżentat lill-Kunsill fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Ġenerali, li kien jinkludi l-Evalwazzjoni (GENVAL) tad-29 ta' Ottubru, 2015. Iż-żamma ta' dejta kienet ukoll is-suġġett tal- Workshop u l-laqgħa tal-Forum Konsultattiv tal-10 u l-11 ta' Diċembru.

L-isfidi ewlenin identifikati jirrelataw mad-diffikultà, jew saħansitra l-impossibbiltà, biex aġenziji tal-infurzar tal-liġi jaċċessaw informazzjoni kruċjali għall-investigazzjonijiet, kemm f'livell nazzjonali kif ukoll fir-rigward ta' każijiet transkonfinali. Id-diverġenza fir-reġimi taż-żamma tad-dejta (l-aktar notevoli dak dwar perjodi ta' żamma) fl-Istati Membri u Stati terzi, iqajjmu diffikultajiet f'investigazzjonijiet transkonfinali/paralleli, fir-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' ġurisdizzjoni (għax l-għażla tal-aħjar forum għall-prosekuzzjoni tista' tkun imxekkla), fl-effiċjenza tal-JITs u fil-kisba u l-ammissibbiltà tal-evidenza. Il-Workshop u l-laqgħa tal-Forum Konsultattiv żvelat andament ċar li jappoġġja l-istabbiliment ta' obbligu tal-UE ta' żamma b'salvagwardji

proċedurali adegwati, kundizzjonijiet effettivi ta' sigurtà, u l-preċiżjoni tad-dejta u perjodu sinifikanti taż-żamma tad-dejta. Intwera appoġġ ulterjuri għal soluzzjoni fuq livell tal-UE bil-għan li jiġu armonizzati l-oqsfa taż-żamma tad-dejta fl-Istati Membri, possibbilment permezz ta' inizjattiva leġiżlattiva ġdida.

## 3.3 Kunsinni kkontrollati

Fis-6 ta' Ottubru, 2015, il-Kulleġġ żamm diskussjoni tematika dwar kunsinni kkontrollati transkonfinali, li ffokat fuq ir-rwol u l-esperjenza tal-Eurojust u dwar modi kif tista' tittejjeb il-kapaċità operattiva tal-Eurojust biex tappoġġja l-awtoritajiet nazzjonali f'dan il-kuntest.

Ġew identifikati d-diffikultajiet legali u prattiċi li ġejjin fuq il-bażi tal-ħidma marbuta mal-każijiet tal-Eurojust: (i) differenzi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li jittrattaw il-kunsinni kkontrollati jista' jkollhom konsegwenzi operattivi; (ii) il-ħtieġa li talbiet għal MLAs iridu jiġu tradotti fil-lingwa tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni tista' tikkawża dewmien fl-eżekuzzjoni ta' kunsinni kontrollati; (iii) l-awtorizzazzjoni ta' kunsinna kkontrollata wara talba għal MLA jista' jkun li ttellef ħafna ħin fl-Istat Membru rikjest minħabba limitazzjonijiet proċedurali; (iv) jinqalgħu diffikultajiet fl-identifikazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-awtorizzazzjoni ta' kunsinna kkontrollata, speċjalment fl-Istati Membri li għadhom ma ħatrux awtorità ċentrali li tista' tiġi kkuntattjata f'sitwazzjoni bħal din; (v) meta jirċievu talba għal MLA għall-awtorizzazzjoni ta' kunsinna kkontrollata, xi Stati Membri jistgħu jkunu f'qagħda li se jibdew (prinċipju ta' legalità vs prinċipju ta' opportunità) l-investigazzjonijiet tagħhom stess fuq il-bażi tal-informazzjoni miksuba permezz tat-talba għal MLA, liema sitwazzjoni tista' twassal għal proċedimenti paralleli fl-Istati Membri rikjedenti u dawk rikjesti; u (vi) l-użu kkombinat ta' tagħmir GPS u/jew ta' miżuri ta' sorveljanza mwettqa minn uffiċjali tal-pulizija waqt l-eżekuzzjoni ta' kunsinna kkontrollata jista' jqajjem kwistjonijiet relatati mad-disponibbiltà tar-riżorsi fuq livell prattiku u/jew l-ammissibbiltà ta' evidenza minn perspettiva legali.

L-aħjar prattika fir-rigward tal-involviment tal-Eurojust fil-kunsinni kkontrollati ġiet identifikata, u tinkludi dawn li ġejjin: (i) il-Eurojust għandha tkun involuta fl-aktar stadju bikri possibbli biex tiġi stabbilita kunsinna kkontrollata transkonfinali, speċjalment f'każijiet multilaterali kumplessi; (ii) il-Eurojust tista' tassisti fl-identifikazzjoni tal-awtoritajiet adattati fl-Istati Membri għall-awtorizzazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' kunsinna kkontrollata; (iii) l-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' koordinazzjoni mill-Eurojust tista' tkun ta' valur miżjud waqt il-preparazzjoni ta' kunsinni kkontrollati, bil-għan li jiġu ċċarati r-rekwiżiti legali tal-Istati Membri involuti u biex jiġu antiċipati x-xenarji kollha possibbli li jistgħu jseħħu waqt il-fażi tal-eżekuzzjoni; u (iv) id-Desks Nazzjonali fil-Eurojust jistgħu jgħaddu l-komunikazzjoni u jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni b'mod fluwidu bejn l-awtoritajiet nazzjonali matul il-fażijiet kollha ta' kunsinna kkontrollata, speċjalment meta jkunu involuti Stati terzi.

### *Mandat ta' Arrest Ewropew*

Il-Eurojust kompla jkollha rwol ewlieni fit-titjib tal-applikazzjoni tal-EAWs. Fl-2015, 292 każ marbut ma' titjib fl-eżekuzzjoni ta' EAWs ġew irreġistrati għand il-Eurojust, li jammontaw għal 13 fil-mija tal-każijiet kollha. Il-Greċja għamlet l-akbar numru ta' rikjesti (55), segwita mill-Polonja (33) u Franza (21). Il-pajjiżi rikjesti l-aktar ta' spiss kienu r-Renju Unit (36), il-Ġermanja (32) u l-Italja (30).

Fir-rigward ta' EAWs kunfliġġenti, Artikolu 16 tad-Deċiżjoni Kwadru dwar l-EAWs(FD EAW) jipprevedi li l-Eurojust tista' tintalab mill-awtoritajiet ġudizzjarji li jkunu qed jeżegwixxu biex tipprovdi pariri dwar il-post għal ċediment ta' persuna li tkun soġġetta għal EAWs maħruġin minn żewġ Stati Membri jew aktar. Hames każijiet bħal dawn infetħu fil-Eurojust.

Fir-rigward ta' ksur ta' limiti ta' żmien fl-eżekuzzjoni tal-EAWs, Artikolu 17(7) tal-FD EAW jesiġi li, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jekk Stat Membru ma jkunx jista' josserva l-limiti ta' żmien previsti fl-Artikolu 17, għandu jinforma lill-Eurojust u jagħti r-raġunijiet għal dak id-dewmien.

Fl-2015, 82 ksur ta' termini ta' żmien ġew irreġistrati għand il-Eurojust, li sebgħa minnhom kienu jeħtieġu azzjoni ulterjuri. Għassitt sena konsekuttiva, l-Irlanda rrappurtat l-akbar numru ta' każijiet ta' ksur. Każijiet oħra tressqu mill-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, Spanja, l-Ungerija u r-Renju Unit.

*Każijiet ta' Mandat ta' Arrest Ewropew (EAW)*




## *Muniti virtwali*

F'Jannar 2015, il-Kulleġġ tella' diskussjoni tematika dwar muniti virtwali. Ġew ippreżentati sfidi u diffikultajiet li nqalgħu fl-investigazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-muniti virtwali, u wara sar skambju ta' fehmiet fost il-parteċipanti. Il-kwistjonijiet ewlenin diskussi inkludew il-kwalifika legali ta' muniti virtwali u kemm dawn jistgħu jiġu kkonfiskati f'ġurisdizzjonijiet nazzjonali differenti, il-fatturi li jistabbilixxu l-ġurisdizzjoni f'każijiet li jinvolvu muniti virtwali, u l-ħtieġa possibbli li bħala l-aħħar rimedju titħassar dejta elettronika li tkun tinkludi muniti virtwali, jekk ġurisdizzjonijiet nazzjonali ma jipprovdux regoli li jittrattaw il-konfiska ta' din it-tip ta' munita.




# Fokus tas-sena

## L-iffriżar, il-konfiska u l-irkuprar tal-assi

Gruppi ta' kriminalità organizzata jaqilgħu profitti sostanzjali minn attivitajiet kriminali, u d-dħul minn dawn ir-reati jiġu maħsula u jintefgħu mill-ġdid fl-ekonomija legali. Li persuni kriminali jiċċaħħdu mid-dħul mill-kriminalità hu komponent essenzjali fit-tfixkil tal-kriminalità organizzata. Fuq dan l-isfond, il-konfiska u l-irkupru ta' assi kriminali hu mod effettiv ħafna fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Barra minn hekk, il-konfiska għandha effett deterrenti billi ssaħħaħ il-kunċett li "l-kriminalità ma tirrendix".

Minkejja l-għadd ta' strumenti legali li ddaħħlu fis-seħħ f'dan il-qasam, il-kooperazzjoni ġudizzjarja għadha tiġi mfixkla minn differenzi kbar bejn is-sistemi legali nazzjonali u n-nuqqas ta' regoli armonizzati. Waqt l-eżekuzzjoni ta' talbiet għal MLAs, l-Istati Membri jħabbtu wiċċhom ma' bosta ostakoli fl-identifikazzjoni u l-iffriżar tad-dħul mill-kriminalità u fir-rikonoxximent tal-Istati Membru għal ordnijiet ta' konfiska, speċjalment meta tkun involuta NCBC. Konsegwentement, l-ammonti rkuprati mill-kriminalità organizzata huma modesti.

Fl-2015, il-Eurojust appoġġjat, kemm fuq livelli operattivi kif ukoll fuq dawk strateġiċi, aktar ħeffa fl-applikazzjoni tal-istrumenti legali tal-UE fil-qasam tal-iffriżar u l-konfiska li jagħtu effett lill-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, inkluża d-Deċiżjoni Kwadru 2003/577/JHA dwar l-eżekuzzjoni ta' mandati li jiffriżaw proprjetà jew evidenza, id-Deċiżjoni Kwadru 2006/783/JHA dwar l-applikazzjoni ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska, u d-Direttiva 2014/42/UE dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u dħul mill-kriminalità fl-UE. B'hekk, il-Eurojust ħeġġet il-ftehim komuni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ikkonċernati, u finalment saħħet l-użu ta' strumenti ta' rikonoxximent reċiproku fil-qasam tal-irkupru tal-assi. Il-ħtieġa għal titjib tal-iffriżar u l-konfiska ta' assi kriminali transkonfinali kien is-suġġett ta' riflessjoni fil-livell tal-UE, u l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà enfasizzat ir-rwol u l-kompetenza tal-Eurojust fl-assistenza li tagħti lill-awtoritajiet nazzjonali meta jkunu għaddejjin b'investigazzjonijiet finanzjarji.

Il-Eurojust kompliet twettaq rwol importanti fit-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri (Artikolu 3(1)(b) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust), fi kwistjonijet kriminali, b'mod partikulari billi: (i) tiffaċilita r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' mandati ta' iffriżar u ta' konfiska u l-eżekuzzjoni ta' talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja; (ii) tassisti fl-abbozzar ta' mandati ta' iffriżar u ta' konfiska u LoRs (Letters of Request, Ittri ta' Rikjesta), l-identifikazzjoni ta' awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri rikjesti, skambju ta' informazzjoni, u t-traduzzjoni ta' informazzjoni rilevanti; (iii) tippermetti l-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u tassisti lill-awtoritajiet investigattivi u ta' prosekuzzjoni biex jaġixxu simultanjament fl-eżekuzzjoni ta' mandati ta' ffriżar; (iv) tikkjarifika r-rekwiżiti legali, kemm tal-awtoritajiet emittenti kif ukoll ta' dik eżekuttiva, u ssolvi problemi prattiċi li jinħolqu mir-rekwiżiti legali u proċedurali differenti f'sistemi legali differenti; (v) tassisti lill-Istati Membri biex jintlaħaq ftehim għad-dispożizzjoni ta' proprjetà kkonfiskata u l-qsim tal-assi; u (vi) tidentifika l-aħjar prattika għall-immaniġġjar tal-assi mill-bidu ta' investigazzjoni (eż. billi tordna l-bejgħ ta' oġġetti li jitħassru jew jiddeprezzaw malajr, jew merkanzija bi spejjeż għolja ta' mmaniġġjar, fl-istess waqt li toħroġ l-ordni ta' ffriżar).

Il-Eurojust kompliet tidentifika modi prattiċi biex timmassimizza l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'dan il-qasam u biex jingħelbu l-ostakoli li jirriżultaw minn reġimi differenti ta' ffriżar u konfiska. Uħud mill-kwistjonijiet legali u prattiċi identifikati mill-Eurojust fl-2015 fil-ħidma tagħha fuq każijiet marbuta mal-qasam tal-irkupru tal-assi, inkluż l-iffriżar u l-konfiska, kienu jikkonċernaw:

i) Diffikultajiet marbuta mal-prinċipju ta' kriminalità doppja meta l-imġiba msemmija fl-ordni tal-iffriżar (jew LoRs li jitolbu l-iffriżar tal-assi) ma tkunx tikkostitwixxi reat kriminali fl-Istat Membru rikjest;

ii) Diffikultajiet addizzjonali marbuta mal-prinċipju ta' kriminalità doppja fir-rigward ta' frodi fiskali/delitti fiskali li fihom, minkejja l-fatt li l-offiża tkun ikkunsidrata bħala reat fl-Istat Membru rikjest, il-ħsara jew telf għall-budget pubbliku tkun imġarrba mill-Istat Membru rikjedenti;

iii) Diffikultajiet marbuta mar-rikonoxximent transkonfinali ta' sekwestru u konfiska ċivili: filwaqt li f'ħafna mill-Istati Membri, l-assistenza legali tista' tiġi pprovduta biss fil-qafas tal-proċeduri kriminali u l-assi jistgħu jiġu rkuprati wara kundanna kriminali, Stati Membri oħra jippermettu ordnijiet ta' rkupru ċivili jew mezzi oħra fejn deċiżjoni dwar konfiska tkun possibbli mingħajr kundanna kriminali;

iv) Kwistjonijiet addizzjonali jinqalgħu fil-kuntest ta' LoRs maħruġa minn awtorità mhux ġudizzjarja fil-qafas tal-proċeduri ta' konfiska ċivili li fihom l-Istat Membru rikjest jitlob li jittieħdu miżuri oħra mill-Istat Membru rikjedenti qabel ma jkun jista' jibda jittratta dawk l-LoRs (eż. il-firma ta' mħallef);

v) L-ordni tal-iffriżar hi kkunsidrata li għandha skop limitat, u l-prattikanti ta' spiss jorbtu aktar fuq LoRs b'konformità mal-Konvenzjonijiet ta' Assistenza Legali Reċiproka tal-1959 u tas-sena 2000, kif ukoll il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-1990 dwar il-ħasil, it-tiftix, il-qabda u l-konfiska tad-dħul mill-kriminalità, li jistgħu jinkludu talbiet għal tfittxija, interċettazzjonijiet ta' telekomunikazzjonijiet, iffriżar u konfiska ta' assi;

vi) Kwistjonijiet li jirriżultaw min-nuqqas ta' reġistru nazzjonali/database ċentrali tal-proċeduri li jkunu għaddejjin f'każijiet ta' ordnijiet separati u mhux konnessi ta' ffriżar fir-rigward tal-istess assi; u

vii) Diffikultajiet marbuta ma' dewmien fl-eżekuzzjoni ta' mandati ta' ffriżar (jew LoRs) jew mal-irkupru tal-assi ffriżati meta l-Istat Membru fejn ikun ġew ittrasferiti l-flus mill-persuni kriminali, jagħti bidu

għall-investigazzjonijiet tiegħu stess dwar il-ħasil tal-flus u jiffriża l-flus fil-qafas tal-investigazzjoni tiegħu iktar milli skont il-mandat għall-iffriżar (jew LoR).

Il-Eurojust ipproduċiet Rapport dwar l-Esperjenza tal-Eurojust fil-qasam tal-Irkupru tal-Assi, inkluż Iffriżar u Konfiska, li jkopri l-perjodu 2010 sa 2013, li ġie ppubblikat f'Ġunju bħala Council doc. 10179/15, u hu disponibbli fuq il-website tal-Eurojust. Ir-Rapport jittratta l-irwol tal-Eurojust fil-qasam tal-irkupru tal-assi u hu bbażat fuq il-ħidma marbuta mal-każijiet tal-Eurojust, proġetti ddedikati għall-ħidma marbuta mal-każijiet tal-Eurojust f'tipi ta' kriminalità speċifiċi, l-opinjonijiet tal-Eurojust dwar abbozzi ta' leġiżlazzjoni tal-UE, u seminars, laqgħat jew avvenimenti simili organizzati jew koorganizzati mill-Eurojust.

Ir-RRapport tas-Seminar Strateġiku Lejn Kooperazzjoni Akbar fl-Iffriżar u l-Konfiska tad-Dħul mill-Kriminalità: Approċċ mill-Prattikanti, organizzat mill-Eurojust flimkien mal-Presidenza Taljana fil-11 ta' Diċemru, 2014, ġie ppubblikat f'Mejju bħala Council doc. 8570/15, u hu disponibbli fuq il-website tal-Eurojust. L-għan tas-seminar kien li jiġbor professjonisti flimkien biex jidentifikaw diffikultajiet fir-rikonoxximent reċiproku fl-irkupru tal-assi assoċjati mal-qafas legali attwali. Fuq din il-bażi, ġew identifikati metodi legali u prattiċi biex isaħħu l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'dan il-qasam, partikularment fir-rigward ta': i) intraċċar, iffriżar u konfiska ta' assi: sfidi fl-għarfien u fl-eżekuzzjoni reċiproċi; ii) alternattivi għall-konfiska bbażati fuq kundanna: biex jiġi assigurat li l-kriminalità ma tirrendix; u iii) l-isfidi legali u ġudizzjarji fl-immaniġġjar u d-dispożizzjoni tal-assi, il-kondiviżjoni u r-ripatrijazzjoni ta' assi kkonfiskati mill-perspettiva tal-prattikanti.

Il-konklużjonijiet ġew ippreżentati matul it-tmien laqgħa tal-Forum Konsultattiv fit-12 ta' Diċembru, 2014, u servew bħala bażi għal aktar diskussjoni mill-membri tal-Forum. Il- konklużjonijiet tal-Forum Konsultattiv kienu ppubblikati f'Mejju bħala Council doc. 8552/15 u huma disponibbli fuq il-website tal-Eurojust. Il-membri tal-Forum talbu lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jikkonsolidaw u jikkodifikaw il-leġiżlazzjoni tal-UE f'dan il-qasam, biex jirrispondu għall-ħtieġa ta' armonizzazzjoni akbar tad-dispożizzjonijiet kriminali sostanzjali u proċedurali bil-ħsieb li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka, kundizzjoni ewlenija għal għarfien reċiproku effettiv.

Intlaħaq ftehim ġenerali dwar l-importanza li jiġi addottat approċċ multidixxiplinari u biex tiġi promossa l-interazzjoni fost il-ġudikatura, il-pulizija u l-awtoritajiet finanzjarji involuti fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' rkupru tal-assi. Il-membri tal-Forum aċċennaw għall-possibbiltà li tintuża proprjetà kkonfiskata fl-interess pubbliku jew għal skopijiet soċjali biex tissaħħaħ il-fiduċja pubblika fis-sistema ġudizzjarja. Fir-rigward tar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet NCBC, il-membri tal-Forum indikaw li jista' jkun hemm lok għal analiżi aktar sottili fuq it-tħassib imqajjem dwar

*Illustrazzjoni ta' każ*

Fl-ewwel xhur tal-2013, l-awtoritajiet tas-saħħa tar-Renju Unit infurmaw lill-kontrapartijiet Spanjoli tagħhom dwar sitt vjaġġi marittimi illegali li kienu qed jittrasportaw mediċini foloz li kien fihom 25,600 pillola li oriġinaw mill-Indja u li kienu qed se jintbagħtu lil persuna fi Spanja. Kienet stabbilita konsenja kkontrollata, u r-riċevitur kien arrestat mill-awtoritajiet Spanjoli.

L-investigazzjoni fir-Renju Unit indikat li madwar 50 website ospitati fuq servers fir-Repubblika Ċeka u l-Olanda, kienu qed jirreklamaw mediċini għall-bejgħ mingħajr il-ħtieġa ta' preskrizzjoni medika, prinċipalment għal prodotti użati biex tkun ittrattata disfunzjoni fl-erezzjoni. Il-mediċini li kienu prodotti fl-Indja ntbagħtu fir-Renju Unit biex imbagħad ikunu jistgħu jintbagħtu lill-bejjiegħa oħrajn fl-Unjoni Ewropea għal distribuzzjoni ulterjuri. L-ordnijiet kienu jsiru jew permezz tal-Internet jew bit-telefon. Il-pagamenti kienu jitħallsu permezz ta' karti ta' kreditu f'kontijiet bankarji f'diversi Stati Membri. Dawn, imbagħad, kienu jgħaddu dawk il-fondi minn sensiela ta' bridge accounts lejn kontijiet bankarji f'Ċipru.

Il-Europol identifikat konnessjonijiet ma' investigazzjoni oħra fl-Awstrija li kellha fil-mira tagħha grupp kriminali ta' oriġini Ukrajna b'konnessjonijiet mal-Iżrael u l-Federazzjoni Russa. Żewġ laqgħat operazzjonali fil-Europol, f'April 2013 u fi Frar 2014, taw opportunità lid-diversi servizzi tal-pulizija biex setgħu jiskambjaw informazzjoni, li kixfet il-possibbiltà ta' konnessjonijiet ma' investigazzjoni Franċiża dwar grupp ta' websites, immaniġġjati mill-Iżrael, li wkoll kienu qed joffru mediċini mingħajr il-ħtieġa ta' preskrizzjoni medika.

L-awtoritajiet Spanjoli ssottomettew talbiet għal MLA mingħand l-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, il-Ġermanja, l-Indja u l-Istati Uniti tal-Amerika biex ikunu identifikati l-benefiċjarji tal-attività illegali u biex ikun lokalizzat u maqbud id-dħul kriminali, li l-valur tiegħu ġie stmat li jlaħħaq madwar EUR 1,800,000. Bħala riżultat tal-laqgħat fil-Europol li ttrattaw il-konnessjonijiet potenzjali mal-investigazzjonijiet f'pajjiżi oħra, l-awtoritajiet Spanjoli avviċinaw lill-Eurojust biex tikkoordina

l-aspetti ġudizzjarji tal-każijiet. Laqgħa ta' koordinazzjoni nżammet f'Marzu 2014, u għaliha attendew Spanja, l-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, il-Ġermanja, Franza, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Europol.

Il-laqgħa wasslet biex ġew identifikati rabtiet mill-qrib bejn il-każijiet f'diversi Stati, u twaqqaf JIT bejn l-Awstrija, Spanja u Franza u fih ipparteċipaw ukoll il-Eurojust u l-Europol. Il-JIT kien iffinanzjat permezz tal-Eurojust u aktar tard ġie estiż biex jinkludi r-Renju Unit. Il-laqgħa ta' koordinazzjoni ppermettiet ukoll diskussjoni dwar ir-reati taħt investigazzjoni f'kull Stat biex jiġu evitati konflitt ta' ġurisdizzjoni jew *ne bis in idem*. Finalment, appoġġjati mill-analiżi tal-Eurojust tat-talbiet għal MLA, il-parteċipanti setgħu jidentifikaw talbiet id-dupplikati, jikkoordinaw l-eżekuzzjoni tagħhom, jiftiehmu fuq it-termini u kundizzjonijiet għall-kondiviżjoni tal-evidenza miksuba u jidentifikaw kont bankarju li deher fil-proċedimenti fl-Awstrija, fi Spanja u fi Franza.

F'Ġunju 2014, l-awtoritajiet Spanjoli wettqu arrest ġdid u l-qbid ta' 25,000 pillola, u nġabret evidenza ġdida fl-Awstrija, Franza u r-Renju Unit li wriet il-ħtieġa għal diskussjoni dwar azzjonijiet possibbli li setgħu jittieħdu fi żmien qasir. Għal dan il-għan, fi Vjenna nżammet laqgħa ta' koordinazzjoni bejn l-Awstrija, Spanja, Franza, il-Eurojust u l-Europol. Kienu diskussi l-proċedimenti li kienu għaddejjin u sar ftehim fuq strateġija komuni. L-Awstrija, Spanja u Franza ffokaw fuq frodi u reati relatati mas-saħħa pubblika, filwaqt li r-Renju Unit applika approċċ innovattiv billi investiga biss attivitajiet ta' ħasil ta' flus, b'enfasi fuq l-intraċċar ta' assi għal iffriżar ulterjuri.

L-investigazzjoni tar-Renju Unit ibbenefikat mill-investigazzjonijiet fl-Istati l-oħra biex ġie ppruvat li reati ta' affermazzjoni twettqu f'postijiet oħra fl-Unjoni Ewropea. Matul il-laqgħa, ġie deċiż li jitwettqu azzjonijiet ikkoordinati matul ġurnata ta' azzjoni komuni biex tinġabar evidenza addizzjonali. Billi ħafna mill-azzjonijiet ippjanati kienu jinkludu komponent ġudizzjarju, pereżempju, l-eżekuzzjoni tat-talbiet għal MLA, inżamm ċentru ta' koordinazzjoni fil-Eurojust f'Settembru 2014, bil-parteċipazzjoni tal-Membri kollha fil-JIT.

Matul il-jum tal-azzjoni, kienu arrestati 12-il persuna ssuspettata, u 16-il persuna ġew intervistati jew bħala suspettati jew bħala xhieda. L-Awstrija, l-Ungerija u r-Renju Unit wettqu 23 tfittxija, u ġew iffriżati jew maqbuda 91 kont bankarju fl-Istati parteċipanti, flimkien ma' miljun pillola. Inqabdu assi b'valur stmat li jiswa' madwar EUR 7.8 miljun.

Inżammet laqgħa finali ta' koordinazzjoni fil-Eurojust f'Marzu 2015, biex issir kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar il-proċeduri fl-Istati parteċipanti u l-evalwazzjoni tal-kooperazzjoni fil-JIT.

il-fatt li NCBCs m'għandhomx ikunu soġġetti għal rikonoxximent reċiproku, għaliex l-ordnijiet jistgħu jkunu bi ksur tad-drittijiet fundamentali protetti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

F'dan ir-rigward, aktar azzjonijiet leġiżlattivi jistgħu jiġu kkunsidrati fuq livell tal-UE biex jiġi appoġġjat l-irkupru tal-assi li ma jkunx ibbażat fuq kundanna. Ġie ssuġġerit li jiġi definit rimedju ta' NCBC limitat b'salvagwardji minimi, li jista' jgawdi minn rikonoxximent reċiproku fuq livell tal-UE.

Dwar ir-rwol tal-Eurojust, il-membri tal-Forum aċċennaw għall-valur miżjud ta' għodod operattivi tal-Eurojust, bħalma huma laqgħat ta' koordinazzjoni, bħala forum fdat fejn il-prattikanti jistgħu jikkondividu informazzjoni, u fejn tfittxijiet, konfiski u arresti jistgħu jiġu kkoordinati. Bl-istess mod, il-Eurojust tappoġġja b'mod attiv lill-Istati Membri fit-twaqqif u t-tmexxija ta' JITs, u fl-iffaċilitar ta' kooperazzjoni ġudizzjarja ma' Stati terzi.

Finalment, il-membri tal-Forum ikkunsidraw li l-aħjar prattiki fl-Istati Membri għandhom jinġabru u jiġu kondiviżi fost il-prattikanti, u ħeġġew lill-Eurojust biex tkompli r-riċerka dwar it-tfassil ta' mudell komuni aċċettabbli b'salvagwardji minimi li permezz tiegħu jkun jista' jintlaħaq rikonoxximent reċiproku fuq livell tal-UE. Abbażi ta' dawk il-konklużjonijiet, il-Eurojust qiegħda fil-proċess li tiġbor flimkien każistika rilevanti, kemm fuq livell Ewropej, kif ukoll fuq dak nazzjonali, ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw NCBCs, kif ukoll ta' kwistjonijiet kostituzzjonali b'relazzjoni ma' leġiżlazzjoni domestika marbuta mat-telf jew il-preservazzjoni ta' proprjetà, li jista' jwassal għad-definizzjoni ta' mudell ta' NCBC limitat b'salvagwardji minimi.

F'Diċembru 2015, il-Eurojust ħadet sehem u għamlet preżentazzjoni waqt il-laqgħa ta' esperti EMPACT THB, li ttrattat l-investigazzjonijiet finanzjarji u l-irkupru tal-assi. Il-preżentazzjoni ffokat fuq l-isfidi preżenti fil-proċess transkonfinali waqt il-qbid u l-irkupru tad-dħul mill-kriminalità.



# It-Tmexxija tal-Eurojust

4

L-Amministrazzjoni tal-Eurojust tagħti sostenn lill-Kulleġġ fil-ħidma operattiva tiegħu u meta jiffunzjona bħala Board Ta' Tmexxija tal-Eurojust. Fl-2015, inżammu 25 laqgħa operattiva u 10 laqgħat tal-Board tat-Tmexxija. L-Amministrazzjoni tgħin ukoll lid-Desks Nazzjonali biex jittrattaw il-każijiet tagħhom. B'kollox inżammu 128 laqgħa tat-teams u task forces tal-Kulleġġ. Dawn huma entitajiet preparatorji komposti minn membri tal-Kulleġġ u tal-Amministrazzjoni, li jippreparaw u jimplimentaw id-deċiżjonijiet tal-Kulleġġ fl-oqsma esperti rispettivi tagħhom.

## 4.1 Appoġġ lil ħidma operazzjonali u strateġika

L-Amministrazzjoni tappoġġja lid-Desks Nazzjonali fil-ħidma marbuta mall-każijiet tagħhom billi tagħti assistenza fl-użu tal-għodod elettroniċi relatati malimmaniġġjar sistematiku ta' każijiet (CMS b'mod partikulari) u l-files manwali, skont il-linji gwida adottati mill-Kulleġġ. Barra minn hekk, il-preparazzjoni u s-segwiment għall-laqgħat ta' koordinazzjoni u ċentri ta' koordinazzjoni huma appoġġjati mill-Amministrazzjoni meta jintalbu, u jinkludu l-provvediment ta' noti preliminari dwar il-każ, rapporti ta' analiżi, kif ukoll opinjonijiet legali u pariri dwar l-applikazzjoni ta' strumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja.

Mexa 'l quddiem ix-xogħol marbut mal-iżvilupp tal-*Manwal tal-Operazzjonijiet*, b'mod partikulari linji gwida dwar kif jingħata bidu għal każ tal-Eurojust u tliet Kapitoli ddedikati għal-laqgħat operazzjonali (laqgħat ta' Livell II), laqgħat ta' koordinazzjoni u ċentri ta' koordinazzjoni. Dawn it-taqsimiet importanti tal-*Manwal tal-Operazzjonijiet* kienu adottati mill-Kulleġġ bil-għan li jtejbu u jarmonizzaw il-prattika interna tal-Eurojust, u b'hekk jiffaċilitaw ix-xogħol operattiv. Il-kapitoli kollha l-oħra ġew ippreżentati lill-Kulleġġ fl-2015 għal riflessjoni u diskussjoni.

Fl-2015 l-Amministrazzjoni tat kontribut għall-iżvilupp ta' għodda ġodda għall-immaniġġjar tal-għarfien fil-Eurojust. F'dan il-kuntest, minbarra l-iżvilupp kontinwu tas-CMS,kienet iddisinjata formola ġdida għal każijiet ġodda, Case Information Form (CIF) u saret disponibbli għad-Desks Nazzjonali kollha. Permezz tas-CIF, jinżammu records tal-informazzjoni rilevanti marbuta ma' każijiet, bħal kif integħlbu l-ostakoli, l-aħjar prattika u lezzjonijiet mitgħallma, u ġie pprovdut mod flessibbli ta' tfittxija fl-informazzjoni miġbura għal xebh bejn każijiet u l-preparazzjoni tal-istatistika.





**Klaus Rackwitz**, *Administrative Director*



**Alfredo García Miravete**, *Operational Support*



**Mike Moulder**, *Budget, Finance & Procurement*



**Alinde Verhaag**, Case Analysis



**Jacques Vos**, *Corporate Services*



**Nikolaos Panagiotopoulos**, *Human Resources*



**Jon Broughton**, *Information Management*



**Catherine Deboyser**, *Legal Service*



**Diana Alonso Blas**, *Data Protection*



**Ulf Bergström**, *Press & PR*




**Carla Garcia Bello**, *College Secretariat*



**Ola Löfgren**, *EJN Secretariat*



**Vincent Jamin**, *JITs Network Secretariat*



**Matevž Pezdirc**, *Genocide Network Secretariat*

Appoġġjat mill-amministrazzjoni, il-Kulleġġ nieda seba' suġġetti operazzjonali u erba' diskussjonijiet tematiċi fl-2015.

## Suġġetti operazzjonali

L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jitolbu lill-Eurojust biex tiġbor informazzjoni jew tipprovdi pariri legali mill-Istati Membri dwar suġġett li jista' jkun rilevanti jew ikollu implikazzjonijiet operazzjonali. Il-Kulleġġ irreġistra seba' suġġetti operazzjonali bħal dawn:

(i) l-użu tal-MLA u l-kundizzjonijiet tal-LoRs li jingħataw f'każijiet ta' attentat ta' wire fraud;
(ii) l-estradizzjoni lejn it-Turkija;
(iii) il-prinċipju ta' *ne bis in idem* marbut ma' frodi fiskali;
(iv) FTF fl-Ukrajna;
(v) leġiżlazzjoni ġdida Daniża dwar l-armi;
(vi) kif jopera l-irrekordjar awdjoviżiv tal-kuntatti bejn il-Pulizija u persuni ssuspettati fl-Istati Membri (kemm fi stqarrijiet ta' detenuti kif ukoll ta' xhieda); u
(vii) kif tipproċedi l-estradizzjoni ta' persuna li tinsab fil-Krimea.

## Diskussjonijiet tematiċi

Bħala riżultat ta' deċiżjoni tal-Kulleġġ fl-2014, matul il-laqgħat Plenarji jingħata ħin biex jiġu skambjati l-kompetenza u l-aħjar prattika fl-oqsma ta' interess operazzjonali speċjali għall-Eurojust. Saru erba' diskussjonijiet tematiċi:

(i) muniti virtwali/kriptografiċi;
(ii) konflitti ta' ġurisdizzjoni;
(iii) iż-żamma tad-dejta; u
(iv) kunsinni kkontrollati.

Id-diskussjonijiet tematiċi jiġu ppreparati minn rapporteur mill-Kulleġġ, appoġġjat mill-Amministrazzjoni.

Bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-iskambju strutturat ta' informazzjoni bejn il-Eurojust u l-Istati Membri, l-Amministrazzjoni ħejjiet formola ġdida fir-rigward ta' Artikolu 13, liema formola ġiet imtejba u hi aktar faċli għall-użu tal-utent, u ġiet adottata mill-Kulleġġ għal aktar ittestjar u żvilupp sussegwenti. Bħala appoġġ għall-ħidma tal-ENCS, l-Amministrazzjoni regolarment aġġornat iż-żona Extranet li nħolqot għall-korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust. F'dan il-kuntest, il-linji gwida nazzjonali dwar l-implimentazzjoni ta' Artikolu 13 u d-distribuzzjoni tal-każijiet bejn il-Eurojust u l-EJN, kompliet tiġi miġbura u aġġornata, flimkien mal-*Fiches Suédoises*, biex b'hekk ipprovdew ħarsa ġenerali ta' kif hi strutturata u kif tiffunzjona l-ENCS fl-Istati Membri.

Matul l-2015, l-Amministrazzjoni kompliet tassisti lill-Kulleġġ fil-monitoraġġ u l-analiżi ta' negozjati li kienu għaddejjin dwar l-abbozz tal-Eurojust, il-Europol u r-Regolamenti tal-EPPO, u fil-preparazzjoni ta' opinjonijiet u kontribuzzjonijiet relatati tal-Eurojust lill-partijiet interessati tal-EU. Barra minn hekk, l-Amministrazzjoni assistiet fit-twaqqif u l-monitoraġġ tal-pjanijiet ta' azzjoni

għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tas-sitt round ta' evalwazzjonijiet reċiproċi u l-evalwazzjoni esterna.

## 4.2 L-istaff u l-budget

Fl-aħħar tal-2015, il-Eurojust kellha 349 detenturi f'karigi, inkluż 69 Membru Nazzjonali, Deputati u Assistenti, 199 Aġent Temporanju, 7 Interims, 23 Aġent Kuntrattwali, 23 Espert Nazzjonali Ssekondat u 28 Apprendist.

Il-budget tal-Eurojust għall-2015 kien ta' EUR 33,818 miljun, inkluż il-budget emendatorju biex ilaħħaq man-nuqqas tal-estimi pproġettati relatati mal-ispejjeż tal-istaff.

Il-Eurojust reġgħet iffaċċjat żbilanċ fl-estimi tal-2015 minħabba żviluppi mhux mistennija fin-nefqa flimkien ma' nuqqasijiet strutturali fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Programmazzjoni tar-Riżorsi Umani u Finanzjarji (minn hawn 'il quddiem imsemmija bħala l-Qafas Finanzjarju Multiannwali (Multi-annual Financial Framework, MFF)). Għat-tieni sena konsekuttiva, il-Eurojust kienet obbligata tirrikorri għal miżuri ta' mitigazzjoni soġġetti għal budget emendatorju, inkluż il-posponiment tal-attivitajiet u d-differiment ta' żviluppi teknoloġiċi maħsuba biex jipproduċu titjib fl-effiċjenza fuq perjodu twil ta' zmien.

Minħabba l-inċertezza tal-konferma tal-budget emendatorju li kien biss uffiċjalment ikkonfermat fl-aħħar kwart tas-sena, il-forniment ippjanat tal-Eurojust fir-rigward tal-Programm ta' Ħidma Annwali (Annual Work Programme, AWP) tagħha kellu jiġi mxekkel biex ikun assigurat li l-obbligi legali tal-organizzazzjoni u l-ħidma operattiva jkomplu jingħataw prijorità. Filwaqt li l-Eurojust irnexxielha timplimenta l-budget tagħha u tikseb rikonoxximent tal-fondi addizzjonali meħtieġa permezz ta' budgets emendatorji, iż-żieda inevitabbli fil-carry forwards u t-trasferimenti tal-budget, irriżultat f'rimarki mill-awdituri fir-rigward ta' nuqqasijiet f'dak li hu ppjanar u implimentazzjoni tal-budget.

Bl-estimi vvutati flimkien mal-budgets emendatorji jaqbżu l-limiti massimi tal-MFF fl-aħħar tliet snin (inkluż l-2016), il-Eurojust tinsab ottimista li r-reviżjoni tal-MFF kif previst mill-Kummissjoni Ewropea fl-2016 (b'mod parallel maċ-ċiklu tal-budget għall-2017) jista' jirrimedja s-sitwazzjoni fir-rigward tal-estimi u n-numru ta' karigi. F'dan il-kuntest, il-Eurojust tfittex reviżjoni tal-MFF biex jiġu rikonoxxuti żbilanċi strutturali u spejjeż oħra mhux previsti u inevitabbli. Reviżjoni bħal din mhux biss twassal għal żieda fl-effiċjenza imma, iktar importanti minn hekk, tiżgura biex il-Eurojust ikollha l-mezzi neċessarji biex tuża r-riżorsi (umani) kollha tagħha biex tkun tista' tirrispondi għat-talbiet dejjem jiżdiedu tal-Istati Membri għall-kooperazzjoni ġudizzjarja u tkun tista' tilħaq l-objettivi tal-AWP kif ippjanat. Mingħajr dan l-aġġustament meħtieġ fil-limiti massimi tal-MFF għall-Eurojust fil-perjodu 2017-2020, l-obbligi finanzjarji/legali kumulattivi u inevitabbli se jkunu ta' xkiel għall-ħidma operattiva.

Il-prestazzjoni finanzjarja baqgħet titjieb meta mqabbla mal-2014, b'rata ta' eżekuzzjoni ta' 99.86 fil-mija. B'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali u l-ħtieġa li jitnaqqsu il-karigi b'ħamsa fil-mija, il-Eurojust identifikat erba' postijiet vakanti li kienu nnominati għal dan il-għan fl-2015, skont l-istrateġija tal-organizzazzjoni li ma ttemmx kuntratti ta' impjiegi preżenti biex jinkiseb dan it-tnaqqis.

L-implimentazzjoni tal-proġett ta' Titjib ABAC tippermetti li jkun hemm użu aktar effiċjenti tar-riżorsi umani tal-Amministrazzjoni tal-Eurojust, filwaqt li l-għodda l-ġdida ta' reġistrazzjoni tal-ħin (eRecording), li ġiet implimentata mid-Direttur Amministrattiv għall-impjegati kollha tal-Amministrazzjoni fl-2015, hi pass importanti lejn monitoraġġ u rappurtaġġ ibbażati fuq l-attività.

Il-Eurojust kompliet il-prattika tagħha marbuta mal-iskambju tal-programm ta' ħidma tagħha mal-aġenziji l-oħra tal-JHA u pprovdiet ukoll feedback fuq id-dokumenti ta' ppjanar ta' dawn l-Aġenziji l-oħra tal-JHA.

### *Rapport Konsolidat tal-Attivitajiet Annwali*

Ir-Rapport Konsolidat tal-Attività Annwali tad-Direttur Amministrattiv (CAAR) 2015, li hu fi proċess ta' tħejjija fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tar-Rapport Annwali tal-Eurojust 2015, jinkludi aktar informazzjoni dettaljata dwar dak li rnexxielha twettaq l-Amministrazzjoni matul is-sena. Ir-rappurtaġġ permezz tas-CAAR jimxi mal-istruttura approvata mill-kapijiet tal-Aġenziji tal-UE, u hu primarjament ibbażat fuq l-implimentazzjoni tal-Objettivi tal-Eurojust AWP 2015, Attivitajiet u Indikaturi Prinċipali ta' Prestazzjoni kif stipulati hemmhekk għal kull objettiv strateġiku, kif ukoll fuq ir-riżorsi umani u finanzjarji allokati.

## 4.3 Komunikazzjoni esterna

Il-Eurojust iffokat fuq sitt oqsma: (i) il-komunikazzjoni u l-identità korporattiva, i.e. branding, marketing u ppożizzjonar; (ii) ir-relazzjonijiet esterni u mal-UE; (iii) l-espansjoni tal-impatt tal-media u r-rappurtaġġ madwar l-Ewropa; (iv) it-tisħiħ tal-komunikazzjonijiet diġitali tal-Eurojust; (v) pubblikazzjonijiet, eż. studji, rapporti, u fuljetti; u (vi) komunikazzjonijiet interni.

Il-Eurojust toħroġ stqarrijiet b'mod regolari għall-istampa u aħbarijiet oħra (95 fl-2015) kemm dwar il-ħidma operattiva kif ukoll ma' attivitajiet li mhumiex ta' natura operattiva.

Fil-qafas tan-Network tal-Aġenziji tal-JHA li nżamm mill-ue-LISA fl-2015, il-Eurojust tat kontribut għall filmat tal-Aġenziji tal-JHA. Il-Eurojust tat kontribut ukoll għall-pubblikazzjoni ta' fuljett flimkien mal-Frontex, l-EASO, l-Europol, il-ue-Lisa u l-FRA fuq Hotspots.

Pubblikazzjonijiet u infographics tal-Eurojust huma disponibbli fuq il- website tagħna.

Kampjun ta' prodotti tal-Eurojust fl-2015:




Il-Eurojust **organizzat seminars** ta' marketing fl-Irlanda f'Marzu, fi Spanja f'Mejju u fir-Rumanija f'Novembru, u 42 **roadshow** fi Stati Membri differenti, bħala parti mill-inizjattiva kontinwa tagħha biex tenfasizza l-ħidma tal-Eurojust u żżid l-għarfien fost il-prattikanti fl-Istati Membri dwar il-valur u l-effiċjenza li l-Eurojust tipprovdi f'każijiet transkonfinali. Il-marketing seminars jittrattaw iktar fil-fond mal-ħidma tal-Eurojust fuq il-każijiet tagħha u kif il-Eurojust tista' tassisti lill-prattikanti. Ir-roadshows jipprovdu preżentazzjoni iżjed ġenerali dwar il-ħidma tal-Eurojust.

## 4.4 Bini ġdid

Fl-2015, il-kostruzzjoni pproċediet kif ippjanat u l-programm kompla kif skedat.

Il-bini beda jieħu s-sura tiegħu fl-aħħar kwart tas-sena. Il-proġett tad-disinn kien iffinalizzat u ngħata bidu għall-proċeduri ta' akkwist, li se jkunu konklużi fl-2016.

### *Aċċess pubbliku għad-dokumenti*

***Aċċess pubbliku għad-dokumenti***

Fl-2015, Eurojust irċeviet 18-il talba biex isir aċċess għad-dokumenti tagħha mill-pubbliku, li jirrifletti tnaqqis meta jiġi mqabbel ma' 25 talba li rċeviet fl-2014. Ma waslux applikazzjonijiet konfermatorji fl-2015. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn fuq il- website ta' Eurojust.

***Reġistru Pubbliku***

Ir- Reġistru Pubbliku hu maħsub biex joffri liċ-ċittadini aċċess aktar faċli għal dokumenti miżmuma għand Eurojust mingħajr il-ħtieġa li ssir domanda formali għall-aċċess għad-dokumenti. Aċċess għar-Reġistru Pubbliku jinsab fuq il-website ta' Eurojust.

Seminar Strateġiku dwar *konflitti ta' ġurisdizzjoni* taħt il-Presidenza Latvjana tal-UE





























*Workshop dwar iż-żamma tad-dejta* taħt il-Presidenza tal-Lussemburgu tal-UE







# Il-Eurojust u n-networks ta' prattikanti

5

Is-Segretarjati tal-EJN, in-Network ta' Esperti tal-JITs u n-Network dwar il-Ġenoċidji, huma ospitati fil-Eurojust, u jgawdu mir-riżorsi tagħha. Il-membri tagħhom huma parti mill-istaff tal-Eurojust u jirrappurtaw b'mod regolari lill-Kulleġġ dwar l-inizjattivi u l-attivitajiet tagħhom. Is-Segretarjati joffru servizzi lin-Networks u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni mad-Desks Nazzjonali fl-oqsma komuni ta' azzjoni tagħhom.

Il-Eurojust tappoġġja wkoll l-attivitajiet tal-Forum Konsultattiv.

## 5.1 In-Network Ġudizzjarju Ewropew

L-EJN hu network ta' Punti ta' Kuntatt li jiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. Twaqqaf fl-1998. Is-Segretarjat twaqqaf fl-2003 fil-Eurojust.

**Laqgħat** Il-laqgħat plenarji tal-2015 saru f'Riga u fil-Lussemburgu. Il-laqgħa f'Riga ttrattat id-Deċiżjoni tal-Qafas tal-UE dwar it-Trasferiment ta' Priġunieri u d-Direttiva dwar l-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni. Fil-laqgħa fil-Lussemburgu, ġew diskussi t-tliet direttivi dwar id-drittijiet proċedurali ta' persuni ssuspettati u akkużati. Inżammu tliet laqgħat fil-Eurojust f'The Hague: il-laqgħa regolari, il-laqgħa tal-Korrispondenti Nazzjonali u l-laqgħa tal-Korrispondenti Tekniċi.

Barra minn hekk, inżammu laqgħat reġjonali fil-Kroazja, l-Estonja u fil-Litwanja, u saru laqgħat nazzjonali fil-Bulgarija, fi Franza u fil-Portugall, biex jiddiskutu u jtejbu l-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali f'oqsma differenti, li jinkludu r-relazzjonijiet bejn l-EJN u l-Eurojust. Rappreżentanti mid-Desks Nazzjonali tal-Eurojust ipparteċipaw f'dawn il-laqgħat.

**Newsletter tal-EJN** In-Newsletter tal-EJN ġiet introdotta fl-2015 bħala mezz biex jipprovdi informazzjoni dwar l-attivitajiet li jkunu għaddejjin fl-EJN u fis-Segretarjat tal-EJN lill-Punti ta' kuntatt tal-EJN.

**It-Trio tal-Presidenza tal-EJN** L-EJN bidel il-metodu ta' ħidma tat-Trio tal-Presidenza attwali ma' metodu aktar dinamiku, li jinvolvi l-Presidenzi futuri tal-EJN fl-ippjanar fi stadju aktar bikri milli kif kien jiġri qabel. Il-format il-ġdid, il-Board ta' Presidenza tal-EJN, jikkonsisti mill-Presidenza preċedenti, dak attwali u żewġ Presidenzi futuri.

**L-EJN u l-Eurojust** L-EJN u l-Eurojust ħadmu flimkien b'approċċ komuni fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-EJN fis-sitt round ta' evalwazzjonijiet reċiproċi. Ġie stabbilit pjan ta' azzjoni sabiex jiżgura li r-rakkomandazzjonijiet jiġu implimentati. Il-dokument konġunt, *Assistenza fil-Kooperazzjoni Internazzjonali fi Kwistjonijiet Kriminali għall-Prattikanti*: L-*EJN u l-Eurojust*, 'X'nistgħu nagħmlu għalik?', ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE u ġie ppubblikat fuq il-websites tal-EJN u l-Eurojust. Dan id-dokument konġunt iwassal informazzjoni lill-prattikanti ġudizzjarji fl-Istati Membri dwar is-servizzi u l-assistenza li jistgħu jiġu pprovduti mill-EJN u l-Eurojust biex jassistuhom fid-deċiżjoni dwar jekk il-każijiet għandhomx jiġu ttrattati mill-EJN jew mill-Eurojust. Id-dokument jiżgura wkoll li kemm l-EJN kif ukoll il-Eurojust jittrattaw każijiet li jaqgħu taħt il-mandati tagħhom, billi jużaw il-ħin u r-riżorsi b'mod effiċjenti u effettiv u jevitaw duplikazzjoni tax-xogħol.

**Il-website tal-EJN** Ġiet introdotta paġna ewlenija ġdida għall-website tal-EJN. Id-disinn il-ġdid jipprovdi aċċess aktar faċli għall-informazzjoni u l-għodod fuq il-website. Il-Librerija Ġudizzjarja fuq il-website issa tinkludi l-forom kollha ta' strumenti ta' rikonoxximent reċiproku dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, li jistgħu jiġu editjati fil-format Word fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Tnediet il-verżjoni l-ġdida tal-Atlas Ġudizzjarju. Issa tista' tgħin lill-prattikanti fl-identifikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti għall-istrumenti kollha ta' rikonoxximent reċiproku kif ukoll għal talbiet tradizzjonali għal MLAs.

**Il-Portal tal-e-Justice** Komplew id-diskussjonijiet dwar kooperazzjoni bejn l-EJN u l-e-Justice, bl-objettiv li l-website tal-EJN tkun ospitata fuq il-Portal tal-e-Justice, l-interface elettroniku fiż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja.

**Taħriġ** Is-Segretarjat tal-EJN organizza s-sitt sessjoni ta' taħriġ fil-lingwa Ingliża għall-Punti ta' Kuntatt tal-EJN b'kollaborazzjoni mal-Akkademja tal-Liġi Ewropea (Academy of European Law, ERA) fi Trier. Fi żmien ġimgħa, il-parteċipanti tgħallmu u pprattikaw kif jistgħu jużaw l-espressjonijiet u l-vokabularju marbuta mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, u skambjaw informazzjoni dwar is-sistemi nazzjonali rispettivi tagħhom.

## 5.2 In-Network ta' Esperti Nazzjonali dwar Teams Konġunti ta' Investigazzjoni

In-Network ta' esperti tal-JITs, li twaqqaf fl-2004, hu kompost minn punti ta' kuntatt ġudizzjarji u ta' infurzar tal-liġi nazzjonali li huma responsabbli biex jistimulaw l-użu tal-JITs u jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattika bejn l-Istati Membri. Il-Eurojust ilu jospita s-Segretarjat tiegħu sa mill-2011, u b'hekk ikkontribwixxa għal interazzjoni aktar effettiva.

**Laqgħa Annwali** Il-ħdax-il Laqgħa Annwali tal-Esperti Nazzjonali tal-JITs inżammet nhar il-11 u t-12 ta' Ġunju, 2015. It-tema prinċipali tal-laqgħa ta' din is-sena kienet *Tisħiħ tal-aċċess għall-JITs: liema għodod biex jappoġġjaw prattika innovattiva?*, bil-ħsieb li jkun evalwat il-bżonn li jiġu riveduti l-għodod eżistenti li jagħtu appoġġ lill-JITs (Il-Manwal tal-JITs, mudell ta' ftehim, Pjan ta' Azzjoni Operattiv tal-JITs) fid-dawl tal-esperjenza miksuba.

# Funding joint investigation teams

Providing technical and financial support to JITs is part of Eurojust's mission to stimulate and improve the coordination of investigations and prosecutions in cross-border criminal cases. This funding programme ensures that financial and other organisational constraints linked to the cross-border nature of a case do not hinder the establishment and operational needs of a JIT.

## Who can apply?

- Judicial and/or law enforcement authorities
- JITs between EU States and JITs between EU/non-EU States
- Eurojust's National Members invited to participate in the JIT

## THE JIT

1 → 2 WHAT SUPPORT IS PROVIDED?

## What is not covered?

- Costs prior to the JIT
- Domestic costs
- Purchase of equipment
- Pre-financing of costs

## What is covered?

**Costs of cross-border operations**

- Travel and accommodation
- Interpretation and translation
- Transport of evidence/ seized items

**Logistical support**

- Loan of smartphones, laptops, mobile scanners & printers
- Communication costs

## FUNDING PROCESS

### 3 FILL IN THE FORM

- Upload and use latest version
- Include needs of all JIT partners
- Date, sign and initial each page

### 4 How to submit

- Send scanned form to jits@eurojust.europa.eu
- Attach JIT agreement, extensions and financial identification form (FIF)
- Submit within set fifteen-day period

### 5 Evaluation and award

- Evaluation by Eurojust staff and practitioners
- Decision within 15 days

### 6 Action

- Planned actions to be performed within three-month period

### 7 Claim

REIMBURSEMENT

- Send form and supporting documents to jits@eurojust.europa.eu
- Within one month after end of action period
- Individual claims by each institution/agency (no natural persons)

Il-Konklużjonijiet tal-laqgħa huma disponibbli fuq il-website tal-Eurojust.

**Proġetti** Sar progress sinifikanti fir-rigward tal-proġetti tan-Network tal-Esperti tal-JITs. Total ta' 12-*il Fiches Espagnoles* - sommarji ta' leġiżlazzjoni ta' Stati Membri dwar it-twaqqif u l-operat tal-JITs - saru disponibbli permezz taż-żona ristretta tan-Network ta' Esperti tal-JITs. F'Diċembru, inħareġ l-ewwel *rapport ta' evalwazzjoni tal-JITs* u sar disponibbli għall-prattikanti u partijiet interessati. Dan id-dokument jikkonsolida s-sejbiet kwantitattivi u kwalitattivi li jirriżultaw mill-awtovalutazzjoni ta' 42 JIT li waslu għand is-Segretarjat bejn April 2014 u Ottubru 2015. Jiddeskrivi l-benefiċċji prinċipali, l-aħjar prattika u l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-prattikanti fl-użu tal-JITs.

**Żona ristretta tan-Network ta' Esperti tal-JITs** Iż-żona ristretta tan-Network ta' Esperti tal-JITs hu pjattaforma fuq il-web li jopera bħala repożitorju wieħed għal informazzjoni relatata ma' JITs, b'mod partikulari dwar il-leġiżlazzjoni u l-prattika marbuta magħhom. Fl-2015, bħala parti mill-konklużjonijiet tal-laqgħa annwali tal-JITs, ittieħdet deċiżjoni biex l-aċċess għal din il-pjattaforma jiġi estiż għall-prattikanti kollha interessati tal-UE, eż. punti ta' kuntatt tal-EJN u kapijiet ta' JITs involuti f'JIT li jkun irċieva appoġġ finanzjarju.

**Finanzjament ta' JITs** Is-suċċess fl-interazzjoni bejn il-Eurojust u n-Network ta' Esperti tal-JITs jidher ukoll fir-responsabbiltà mogħtija lis-Segretarjat, sa mill-2013, biex jimmaniġġja l-appoġġ finanzjarju tal-Eurojust għall-attivitajiet tal-JITs (*ara* sezzjoni 1.4).

**Taħriġ** In-Network ta' Esperti tal-JITs u s-Segretarjat tiegħu komplew għaddejjin bil-kooperazzjoni li ġiet stabbilita b'suċċess mas-CEPOL u l-EJTN, biex ikun imfassal u implimentat taħriġ prattiku fuq il-JITs - kemm fl-Unjoni Ewropeai kif ukoll barra l-Unjoni Ewropea. Dan għandu rwol importanti fit-titjib tal-użu ta' din l-għodda.

## 5.3 In-Network dwar il-Ġenoċidji

In-Network dwar il-Ġenoċidji ġie stabbilit fl-2002 biex tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra, permezz tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni operazzjonali, l-aħjar prattika u kompetenza. Is-Segretarjat tan-Network dwar il-Ġenoċidji twaqqaf f'Lulju 2011 fil-Eurojust.

**Laqgħat** Inżammu żewġ laqgħat plenarji fil-Eurojust fl-2015, f'April, dwar l-użu ta' informazzjoni open source u dik mill-osservazzjoni tad-dinja għall-fini tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti internazzjonali ewlenin, u f'Ottubru dwar id-distinzjoni bejn ġellieda u persuni ċivili, u dwar il-possibbilitajiet li jeżistu biex ikunu pproċessati diversi parteċipanti li qed jieħdu sehem f'konflitti armati kontemporanji taħt taqsimiet differenti ta' leġiżlazzjoni (ġlieda kontra t-terroriżmu, delitti internazzjonali, delitti ordinarji). Il-konklużjonijiet taż-żewġ laqgħat plenarji huma disponibbli fuq il-website tal-Eurojust. Barra minn hekk, saru żewġ laqgħat *ad hoc* biex jiddiskutu u javvanzaw investigazzjonijiet nazzjonali tal-kunflitt armat li għaddej fis-Sirja, u biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni fuq kwistjonijiet relatati mal-konflitt preċedenti fil-Liberja.

**Id-Dokument ta' strateġija** Sar progress permezz tal-pubblikazzjoni tal-*Istrateġija*, li tinkludi sett komprensiv ta' miżuri biex jissaħħaħ l-appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali fil-ġlieda kontra l-impunità. *L-Istrateġija* ġiet approvata mill-Ministri tal-Ġustizzja u l-Intern u saret għodda ta' referenza tal-UE billi toffri linji gwida prattiċi fir-rigward tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati internazzjonali ewlenin fuq livell nazzjonali. Kienet tradotta fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE u hi disponibbli fuq il-website tal-Eurojust.

**L-Espansjoni taż-Żona Ristretta** Iż-Żona Ristretta, pjattaforma fuq il-web li tinkludi informazzjoni rilevanti għall-awtoritajiet nazzjonali fil-ġlieda tagħhom kontra l-impunità, ġiet estiża u aġġornata biex toffri servizz aktar utli u faċli biex jintuża mill-utent lill-punti ta' kuntatt nazzjonali.

**Taħriġ** Fl-2015, għall-ewwel darba sar taħriġ għal imħallfin u prosekuturi nazzjonali dwar delitti internazzjonali ewlenin, u d-dettalji speċifiċi ta' prosekuzzjonijiet u proċessi ġudizzjarji relatati. It-taħriġ ġie żviluppat u implimentat mis-Segretarjat tan-Network dwar il-Ġenoċidji b'kooperazzjoni mal-EJTN. It-taħriġ iffoka fuq dettalji speċifiċi ġudizzjarji ta' kawżi tal-liġi kriminali internazzjonali, u l-applikazzjoni tagħhom fil-ġurisdizzjonijiet nazzjonali. Kien jinkludi moduli dwar determinazzjoni ta' delitti, modi ta' responsabbiltà, l-isfidi evidenzjarji u komponenti prattiċi fl-istrutturar ta' każ għal smigħ, kif ukoll il-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' Stati terzi, in-NU u l-NGOs.

## 5.4 Forum Konsultattiv tal-Prosekuturi Ġenerali u Diretturi ta' Prosekuzzjonijiet Pubbliċi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea

Il- Forum Konsultattiv ġie stabbilit fl-2010 biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri, u biex jipprovdi kontribut mill-ġudikatura għall-istituzzjonijiet tal-UE fl-iżvilupp taż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja. Fl-2015, il-Eurojust kompliet tagħti appoġġ legali, u għajnuna amministrattiva u finanzjarja għall-attivitajiet tal-Forum Konsultattiv, inkluż li ospitat il-laqgħat tal-Forum li jsiru darbtejn fis-sena.

F'Ġunju 2015, il-Eurojust ospitat id- 9 laqgħa tal-Forum Konsultattiv taħt il-Presidenza tal-Latvja. Il-laqgħa ssejħet mill-Prosekutur Ġenerali tal-Latvja u pprovdiet opportunità għall-membri tal-Forum biex jiddiskutu t-twaqqif tal-EPPO u r-relazzjoni tagħha mal-Eurojust flimkien mas-Sinjura Věra Jourová, il-Kummissarju għall-Ġustizzja, il-Konsumaturi u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi. Il-membri tal-Forum skambjaw fehmiet dwar ir-rwoli tal-EPPO, il-Eurojust, l-EJN, l-Europol u l-OLAF fid-dawl tal-qafas legali attwali u dak futur. Bħala suġġett ieħor ta' interess partikulari, il-Eurojust ippreżentat il-perspettiva tagħha dwar il-fenomenu tal-FTF u r-rispons tal-ġustizzja kriminali. Il-laqgħa tal-Forum Konsultattiv kienet tikkoinċidi ma' seminar strateġiku tal-Eurojust, *Konflitti ta' ġurisdizzjoni, trasferiment ta' proċedimenti u* ne bis in idem: *suċċessi, nuqqasijiet u soluzzjonijiet*. Il-Forum Konsultattiv wasal għal konklużjonijiet komuni dwar dan is-suġġett fuq il-bażi tar-riżultat tas-seminar u l-kontribuzzjonijiet ipprovduti mill-membri tal-Forum (ara sezzjoni 3.1).

Il-Prosekutur Ġenerali tal-Lussemburgu laqqa' l-10 laqgħa tal-Forum Konsultattiv fil-Eurojust f'Diċembru 2015. Il-membri tal-Forum skambjaw fehmiet dwar l-implikazzjonijiet prattiċi tal-annullament tad-DRD għal investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet mis-CJEU. Il-Eurojust ikkondividiet mal-parteċipanti l-ħidma reċenti tagħha fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-FTF kif ukoll informazzjoni dwar l-inizjattivi riċenti tal-UE biex tindirizza l-kriżi ta' migrazzjoni u attivitajiet tal-Eurojust li jindirizzaw il-kuntrabandu ta' immigranti illegali. Il-membri tal-Forum skambjaw esperjenza dwar sfidi ffaċċjati fuq livell nazzjonali, u l-konklużjonijiet komuni se jkunu ppreżentati lil dawk li jfasslu l-politika tal-UE f'dawn l-oqsma. Il-laqgħa tal-Forum Konsultattiv kienet preċeduta minn workshop tal-Eurojust, Iż-*Żamma ta' dejta fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja: it-triq 'il quddiem (ara* sezzjoni 3.2).

Iż-żewġ okkażjonijiet laqqgħu flimkien firxa wiesgħa ta' esperti u rappreżentanti minn livelli għoljin tal-awtoritajiet nazzjonali tal-prosekuzzjoni, u rappreżentanti mill-aġenziji u l-istituzzjonijiet tal-UE. Fl-okkażjoni tal-ħames anniversarju tal-Forum Konsultattiv, tnediet riflessjoni dwar il-format u l-kontenut tal-Forum Konsultattiv fil-futur. Il- konklużjonijiet tal-laqgħat tal-Forum Konsultattiv huma disponibbli fuq il-website tal-Eurojust.



Laqgħat tal-Forum Konsultattiv taħt il-Presidenza Latvjana tal-UE...














u tal-Presidenza tal-Lussemburgu tal-UE






# Tema

## Evalwazzjoni u perspettivi għall-futur

## *Is-Sitt round ta' evalwazzjonijiet reċiproċi fl-Istati Membri*

B'konformità mal-Azzjoni Konġunta 97/827/JHA, adottata mill-Kunsill fil-5 ta' Diċembru, 1997, f'Ġunju tal-2011 ġie deċiż minn GENVAL li s-sitt round ta' evalwazzjonijiet reċiproċi kellhom ikunu ddedikati għall-implimentazzjoni prattika u l-operat fl-Istati Membri tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/JHA tat-28 ta' Frar, 2002, li stabbilixxiet lill-Eurojust bil-għan li ssaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità serja, kif emendata mid-Deċiżjonijiet 2003/659/JHA u 2009/426/JHA u tal-Azzjoni Konġunta 98/428/JHA tad-29 ta' Ġunju, 1998, dwar il-ħolqien ta' Network Ġudizzjarju Ewropew, irrevokata u ssostitwita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/976/JHA dwar in-Network Ġudizzjarju Ewropew fi kwistjonijiet kriminali fl-Istati Membri.

Evalwazzjonijiet bejn l-imsieħba tmexxew minn esperti fl-Istati Membri minn Mejju 2012 sa Mejju 2014; osservaturi tal-Eurojust ipparteċipaw f'kull waħda minn dawn l-evalwazzjonijiet. Bħala segwitu ta' żjarat fuq il-post fl-Istati Membri, kienu abbozzati rapporti mill-esperti bl-appoġġ tas-Segretarjat u l-osservaturi tal-Kunsill. Ir-rapport finali, li jirrifletti l-eżitu ġenerali tas-sitt round ta' evalwazzjonijiet reċiproċi, ġie adottat fis-17 ta' Diċembru, 2014. Jinkludi 24 rakkomandazzjoni lill-Istati Membri, lill-istituzzjonijiet Ewropej, lill-Eurojust u lill-EJN.

F'Ottubru 2014, il-Kulleġġ tal-Eurojust adotta pjan ta' azzjoni interna biex jiffaċilita l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Eurojust mis-sitt round ta' evalwazzjonijiet reċiproċi. Fl-2015, inkiseb aktar progress fl-implimentazzjoni fl-oqsma kollha, jiġifieri t-tisħiħ tal-kapaċitajiet operattivi tal-Eurojust, iż-żieda fil-mezzi u l-għodod għall-iskambju ta' informazzjoni ma' awtoritajiet nazzjonali kompetenti u aktar simplifikazzjoni tal-kooperazzjoni mal-EJN.

**Eurojust Extranet**

Il-Eurojust Extranet hi żona ristretta fuq il-website tal-Eurojust, li hi aċċessibbli għall-korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust. Tinkludi dokumenti ta' rilevanza għall-ħidma tal-prattikanti, bħal linji gwida nazzjonali dwar id-distribuzzjoni tal-każijiet bejn il-Eurojust u l-EJN, linji gwida nazzjonali dwar l-implimentazzjoni ta' Artikolu 13 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust, u l-*Fiches Suédoises* dwar it-twaqqif tal-ENCS fl-Istati Membri.

*Artikolu 13 - Każijiet*




| Artikolu 13 | | Nru ta' każijiet |
|---|---|---|
| Artikolu 13(5) | JIT | 17 |
| Artikolu 13(6)(a) | Reati serji | 106 |
| Artikolu 13(6)(b) | Involviment ta' organizzazzjoni kriminali | 49 |
| Artikolu 13(6)(c) | Riperkussjonijiet fuq livell ta' UE | 20 |
| Artikolu 13(7)(a) | Konflitti ta' ġurisdizzjoni | 35 |
| Artikolu 13(7)(b) | Kunsinni kkontrollati | 34 |
| Artikolu 13(7)(c) | Diffikultajiet ripetuti fl-eżekuzzjoni ta' talbiet | 12 |

**Fiches Suédoises**

Il-*Fiches Suédoises* jipprovdu ħarsa ġenerali tal-istruttura u l-funzjonament tal-ENCS minn Stat Membru. Din l-għodda tiġi aġġornata b'mod regolari mill-Eurojust biex tappoġġja l-implimentazzjoni tal-ENCS u l-kondiviżjoni ta' esperjenza u l-aħjar prattika. Minn Novembru 2014, il-*Fiches* jinkorporaw sezzjoni li tipprovdi ġabra ta' linji gwida nazzjonali disponibbli marbuta mal-implementazzjoni ta' Artikolu 13 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust u d-distribuzzjoni ta' każijiet bejn il-Eurojust u l-EJN.

## *Evalwazzjoni esterna tal-Eurojust u l-attivitajiet tagħha*

Artikolu 41a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust jistipula li l-Kulleġġ għandu jikkummissjona evalwazzjoni esterna indipendenti dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust kif ukoll tal-attivitajiet imwettqa mill-Eurojust qabel l-4 ta' Ġunju, 2014, u kull ħames snin wara din id-data.

Il-Kulleġġ tal-Eurojust beda l-proċess biex jikkummissjona evalwazzjoni tal-Eurojust għall-2013, billi jadotta t-termini ta' referenza għall-evalwazzjoni f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea. Proċedura ta' akkwist twettqet fl-ewwel nofs tal-2014, u EY (magħrufa qabel bħala Ernst & Young) kienu kkummissjonati biex iwettqu l-evalwazzjoni.

L-evalwazzjoni tal-Eurojust twettqet minn Settembru 2014 sa Ġunju 2015. Ir- Rapport Finali ta' EY tal-Evalwazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust u tal-attivitajiet imwettqa mill-Eurojust, ġie ppubblikat fit-30 ta' Ġunju, 2015. Ir-rapport ġie mibgħut lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Il-Kulleġġ ikkunsidra u ddiskuta r-rakkomandazzjonijiet ta' EY għall-iżvilupp u t-titjib, b'mod partikulari dawk dwar it-twaqqif tal-governanza u l-ħtieġa għal streamlining tal-istrutturi ta' ħidma interni, il-prattiċi u l-proċeduri operattivi tal-Kulleġġ. Fl-aħħar tal-2015, il-Kulleġġ adotta pjan ta' azzjoni interna għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jikkumplementa l-pjan ta' azzjoni interna relatat mas-sitt round ta' evalwazzjonijiet reċiproċi. Il-President irrappurtat lill-Parlament Ewropew dwar is-sejbiet li ħarġu mill-evalwazzjoni u dak li ġie ppjanat bħala segwitu għalihom mill-Eurojust f'Diċembru 2015.

## *Żviluppi leġiżlattivi dwar ir-Regolament tal-Eurojust*

B'riferiment għall-Artikolu 85 tat-TFUE (Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea), u biex issaħħaħ il-Eurojust u żżid l-effettività tagħha, f'Lulju 2013 il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat Proposta għal Regolament tal-Eurojust. F'Marzu 2015, il-Kunsill adotta approċċ ġenerali parzjali li jkopri d-dispożizzjonijiet tal-abbozz tar-Regolament, ħlief għad-dispożizzjonijiet relatati mal-EPPO (Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew). Il-Eurojust kompliet tagħti kontribut fin-negozjati tal-istituzzjonijiet tal-UE fuq il-bażi tal-esperjenza tagħha, *inter alia* dwar il-protezzjoni tad-dejta.

Il-Kummissjoni Ewropea nediet il-proposta leġiżlattiva għat-twaqqif tal-EPPO b'mod parallel mal-Proposta għal Regolament tal-Eurojust, filwaqt li ħadet in kunsiderazzjoni l-Artikolu 86 tat-TFUE, li jistipula li l-EPPO futur jista' jiġi stabbilit mill-Eurojust. Ir-relazzjoni funzjonali bejn l-EPPO futur u l-Eurojust u l-impatt tagħha fuq l-attivitajiet u r-riżorsi tal-Eurojust għadu jiġi kkunsidrat mill-istituzzjonijiet tal-UE. Il-Eurojust tkondividi mal-istituzzjonijiet tal-UE l-input u l-preokkupazzjonijiet tagħha bbażati fuq il-kompetenza tagħha.

*Kwotazzjoni mir-Rapport Finali ta' EY:*

*"Il-Eurojust hi organizzazzjoni fundamentalment effettiva li tkompli teċċella kontinwament fil-ħidma operattiva ewlenija tagħha. Il-ħidma, b'mod ġenerali marbuta mal-każijiet tal-Eurojust, żdiedet b'mod stabbli (żieda minn 1,085 fl-2007 għal 1,804 każijiet fl-2014). Dan jafferma r-reputazzjoni tajba u l-fiduċja li l-organizzazzjoni stabbiliet mal-Awtoritajiet Nazzjonali u l-valur miżjud li kienet kapaċi toffri."*

# Segwitu għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill

F'Lulju, il-Kunsill tal-JHA adotta Abbozz ta' Konklużjonijiet dwar ir-Rapport Annwali tal-Eurojust 2014. Aktar informazzjoni dwar l-oqsma li fihom il-Kunsill talab lill-Eurojust biex ittejjeb il-ħidma tagħha u/jew għamel rakkomandazzjonijiet tinsab hawn taħt.

## It-Tisħiħ tal-kapaċitajiet operattivi

- L-iżvilupp ta' Manwal tal-Operazzjonijiet biex titjieb l-effiċjenza u l-effettività tal-Eurojust, inkluż linji gwida dwar laqgħat ta' koordinazzjoni;
- Il-Eurojust regolarment tissorvelja u tevalwa l-użu tal-OCC (Koordinazzjoni tal-Għassa) mill-awtoritajiet nazzjonali. L-OCC hi ddisinjata biex tintuża mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jagħmlu kuntatt mar-rappreżentant nazzjonali rispettiv tagħhom fil-Eurojust f'każijiet urġenti li jseħħu barra l-ħinijiet tax-xogħol. L-OCC twieġeb fil-lingwa ta' min ikun qed iċempel u tgħaddi t-telefonata lir-rappreżentant nazzjonali li jkun għassa (OCC) dak il-ħin. L-evalwazzjoni esterna tal-Eurojust tasal għall-konklużjoni li l-użu tal-OCC s'issa kien relattivament limitat. Il-Membri Nazzjonali setgħu jiġu kkuntattjati fuq bażi ta' 24/7 anki qabel l-implimentazzjoni tal-OCC. Il-Eurojust tat kontribut għan-negozjati dwar it-test tar-Regolament tal-Eurojust, billi ssuġġeriet li titħassar il-frażi *"permezz ta' punt uniku ta' kuntatt OCC fil-Eurojust",* billi tillimita soluzzjonijiet alternattivi;
- Diġà ngħata bidu għall-ħidma fuq formola ġdida aktar faċli għall-użu tal-utent fir-rigward ta' Artikolu 13, li kkunsidrat ir-rakkomandazzjonijiet mis-sitt round tal-evalwazzjonijiet reċiproċi fl-Istati Membri;
- Funzjonalità ġdida tas-CMS (Sistema ta' Ġestjoni ta' Każijiet) ġiet żviluppata biex issaħħaħ il-kapaċità tal-Eurojust fil-feedback li jingħata lill-awtoritajiet nazzjonali bħala riżultat tan-notifiki ta' Artikolu 13. Din is-soluzzjoni ġdida tagħti lok li matul il-lejl jinkixfu links permezz tas-CMS u jiġi massimizzat n-numru ta' hits utli possibbli;
- Fl-2015 bdew joperaw żewġ konnessjonijiet aktar siguri tan-network bejn il-Eurojust u l-Istati Membri (Spanja u l-Lussemburgu) li wasslu għal total ta' 13-il konnessjoni;
- Żewġ verżjonijiet imtejba tas-CMS ġew prodotti biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' Artikolu 12 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust b'konformità mar-Regoli tal-Protezzjoni tad-Dejta tal-Eurojust. Il-Eurojust kompliet tesplora aktar modi kosteffettivi għall-membri tal-ENCS (Sistema ta' Koordinazzjoni Nazzjonali tal-Eurojust), prinċipalment il-korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust, biex jaċċessaw is-CMS;
- Il-korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust huma aġġornati b'mod regolari dwar il-linji gwida nazzjonali relatati mal-implimentazzjoni ta' Artikolu 13 u d-distribuzzjoni ta' każijiet bejn il-Eurojust u l-EJN. Aktar informazzjoni dwar il-funzjonament tal-ENCSs fl-Istati Membri tinsab fil-Fiches Suédoises. L-informazzjoni kollha hi disponibbli fuq il-qasam ristrett tal-Eurojust Extranet;
- Pjanijiet ta' azzjoni interna ġew żviluppati biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet mis-sitt round ta' evalwazzjonijiet reċiproċi u l-evalwazzjoni esterna tal-Eurojust b'mod f'waqtu u simplifikat.

## Oqsma ta' kriminalità: terroriżmu - FTF u ċiberkriminalità

- Żieda fil-kondiviżjoni ta' informazzjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/67/JHA;
- Il-Eurojust *TCM 2015*;
- It-tielet rapport tal-Eurojust dwar l-FTF;
- Assoċjazzjoni mal-Punt Fokali Travellers tal-Europol;
- Il-kontribut tal-Eurojust għat-TE-SAT;

- Laqgħa tattika, *Lejn rispons ġudizzjarju komuni għall-ġellieda barranin;*
- Laqgħa strateġika annwali tal-korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust għal kwistjonijiet ta' terroriżmu;
- Hatra ta' punti ta' kuntatt mill-Alġerija, iċ-Ċili, l-Iraq, il-Ġordan, il-Libanu, l-Awtoritajiet Palestinjani u l-Arabja Sawdita;
- Stazzjonar ta' rappreżentant tal-Eurojust f'EC3;
- Dokument konġunt tal-Eurojust-Europol, Sfidi komuni f'każijiet ta' ċiberkriminalità;
- Evalwazzjoni tal-impatt fuq l-annullament tad-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta 2006;
- Laqgħa tattika fuq it-Territorjalità fis-cyberspace u l-ammissibbiltà ta' evidenza elettronika fi proċedimenti ġudizzjarji relatati maċ-ċiberkriminalità.
- Laqgħa tal-Eurojust: Lejn Network Ġudizzjarju taċ-Ċiberkriminalità;
- Parteċipazzjoni fis-seba' round ta' evalwazzjonijiet reċiproċi ddedikati għaċ-ċiberkriminalità.

## Kooperazzjoni mal-imsieħba l-EJN, l-Europol u l-OLAF

- Il-dokument konġunt tal-Eurojust u l-EJN, Assistenza fil-Kooperazzjoni Internazzjonali fi Kwistjonijiet Kriminali għall-Prattikanti: l-EJN u l-Eurojust, 'X'nistgħu nagħmlu għalik?', ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE u hu disponibbli fuq iż-żewġ websites.
- Il-Eurojust u l-EJN ikkoordinaw il-pjanijiet ta' azzjoni interna tagħhom bħala segwitu tar-rakkomandazzjonijiet mis-sitt round ta' evalwazzjonijiet reċiproċi;
- Il-Europol attendiet 99 laqgħa ta' koordinazzjoni u ħames ċentri ta' koordinazzjoni, u kienet involuta f'34 każ tal-Eurojust;
- Assoċjazzjonijiet formali ma' 24 minn 29 punt fokali tal-Europol u parteċipazzjoni attiva fl-iżvilupp tal-OAP 2016;
- L-OLAF ipparteċipat f'ħames laqgħat ta' koordinazzjoni u ħadmet flimkien mal-Eurojust fuq 20 każ; l-ewwel JIT bil-parteċipazzjoni tal-OLAF.

## Kooperazzjoni ma' Stati terzi

- Żdied l-involviment ta' Stati terzi fil-każijiet tal-Eurojust, laqgħat ta' koordinazzjoni, ċentri ta' koordinazzjoni u JITs;
- Is-sekondar ta' Prosekutur ta' Kollegament għall-Iżvizzera fl-Eurojust.
- Kienu ffinalizzati negozjati għal Ftehimiet ta' Kooperazzjoni mal-Ukrajna u l-Montenegro.
- In-network ta' punti ta' kuntatt tal-Eurojust ġie estiż għal 39 Stati terzi.
- Seminar dwar l-Applikazzjoni tal-Assistenza Legali Reċiproka u Ftehimiet ta' Estradizzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerika;
- Il-Eurojust kompliet tiddiskuti dwar ir-rwol u l-istatus legali ta' maġistrati ta' kollegament fi Stati terzi, inkluż il-kriterji tal-għażla tal-Istati terzi fejn isir il-kollokament tagħhom; Il-Eurojust kompliet għaddejja bil-ħidma fuq il-lat tekniku biex ikunu jistgħu jiġu adottati, b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, l-arranġamenti ta' implimentazzjoni skont Artikolu 27a(4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust;
- Il-Eurojust tappoġġja diversi proġetti fil-Balkani tal-Punent.

# Grazzi u saħħa

Nixtieqû nirringrazzjaw lil **Donatella Frendo Dimech**, exMembru Nazzjonali għal *Malta,* **Ingrid Maschl-Clausen**, exMembru Nazzjonali għall-Awstrija, u **Harri Tiesmaa**, exMembru Nazzjonali għall-*Finlandja*, għall-ħidma u l-kontribut validu tagħhom għal Eurojust.





Nixtieqû nirringrazzjaw lil **Teresa-Angela Camelio**, L-Ewwel Assistent għall-Membru Nazzjonali għall-*Italja*, u lil **Pietro Suchan**, it-Tieni Assistent għall-Membru Nazzjonali tal-*Italja*, għall-ħidma tagħhhom mad-Desk Nazzjonali Taljan u l-kontribut validu tagħhom għal Eurojust.




© Eurojust, 2016

*Id-drittijiet kollha riservati. Ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tiġi riprodotta jew użata fi kwalunkwe forma b'xi mod, grafiku, elettroniku jew mekkaniku, inkluż fotokopjar, reġistrazzjoni, rekordjar, jew ħżin ta' informazzjoni u sistemi ta' irkupru, mingħajr il-permess tal-Eurojust.*

Grazzi lill-unitajiet kollha għall-kontribuzzjoni tagħhom.

Ritratti: Barry Irvine, Jakov Minić (Eurojust); Shutterstock.

ISBN: 978-92-9490-036-4

Produzzjoni: AMPLEXOR Luxembourg S.à r. l. - www.amplexor.com

EUROJUST

Maanweg 174, 2516 AB The Hague, il-Pajjiżi l-Baxxi
Telefown: +31 70 412 5000 - E-mail: info@eurojust.europa.eu - Website: www.eurojust.europa.eu